# Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
## L-Imġarr A.D. 2011

# Festa 2014




Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011

Festa 2014

# Werrej


Messaġġ mill-President ....................5
Kumitat Eżekuttiv 2013-15 ....................6
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ....................8
Sezzjonijiet u Kummissjonijiet ....................10
Messaġġ mill-Kaxxiera ....................12
Messaġġ mill-Viċi President ....................13
Messaġġ mis-Sindku ....................17
Messaġġ mir-Rappreżentant taż-Żgħażagħ ....................24
Messaġġ mill-Assistenta Kaxxiera ....................25
Messaġġ mill-PRO ....................28
Messaġġ mill-Membru Kumitat Eżekuttiv ....................29
Messaġġ mill-Presidenta tas-Sezzjoni Nisa ....................33
Messaġġ mis-Surmast Direttur ....................34
Messaġġ mill-Assistent Surmast ....................35
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda ....................37
Messaġġ mill-Fondazzjoni Festi u Kultura Mġarr ....................38
Messaġġi mingħand ħutna Immigranti Mġarrin ....................39
Bandisti Ġodda – Komplejna nitkattru… ....................40
Bejn Festa u oħra ....................44
Flimkien għall-Banda ....................51
Il-Banda tal-Imġarr ....................54
L-Alljievi tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ....................67
Programm tal-Festa 2014 – Festi Interni ....................68
Sehem is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr fil-Festa Titulari ta' Santa Marija 2014 ....................72
Programm Vokali u Strumentali ....................74
Tagħrif fuq il-mużika li se tindaqq fil-Programm Vokali u Strumentali ta' lejlet il-festa mill-Banda 'Marija Mtellgħa s-Sema' ....................75
Bandisti Ġodda 2014 ....................80
Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-Festa ta' Santa Marija 2014 ....................84
Innijiet u marċi proċessjonali ....................85
Servizzi Mużikali ....................89
L- Irwiegel – Tbassir tat-Temp Skont Missirijietna ....................97
L-Għerien ta' Binġemma u l-leġġenda ta' Għajn Klieb ....................102
Teżori fil-Mużewijiet Maltin ....................105
Il-frotta tat-tadam u l-proċess tat-tkabbir tagħha ....................114
Il-Piramida tal-Ikel ....................117
Medjugorje – Raħal ta' Paċi u Talb ....................118
Niltaqa' mal-Mulej!!!! ....................123
Ġesù fl-Ewkaristija ....................124
Il-Qima lejn ir-Relikwi tal-Qaddisin Martri ....................146
Gaia Cauchi: Il-Leħen li Jsaħħar ....................152
Profil Mro Neville Pace A. Mus L.C.M., L.L.C.M., A.L.C.M ....................153
Hector Dalli (1914 - 1980) ....................154
L-Innu Marċ Sultana tal-Imġarr (Omm il-Banda tagħna) ....................157
Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery ....................180
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....................184



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, Awwissu 2014

Editur:
Joseph Caruana Dip. Oper.Mgt

Qari tal-provi:
Mario Sant

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Marija Vella

Ritratti:
Raymond Muscat
Awturi tal-artikli
Kumitat Eżekuttiv
Arkivji

Fotografija u disinn tal-kopertina:
Raymond Muscat

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, kontributuri tal-artikli, u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr.

Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.



Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.

Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com

# MUSCAT

## POOL CONSTRUCTION

*Specialising in Pool & Spa Construction, Finishing & Repairs*
*Roof Top or In-ground Pools*

• PENTAIR Pool Equipment • REVIGLASS Mosaic glass
• Copings & Tiles – Marble or Ceramic
• Naturalchlor Salt Chlorination Systems
• HIDROTEN Pool Fittings

**MUSCAT POOLS CONSTRUCTION & SUPPLIES LTD.**

**Phone:** 21 582761 **Fax:** 21 586242 **Mob:** 99457491 / 79258227
**Email:** pools@muscatpools.com **Web:** muscatpools.com

natural chlor
AIS EUROPEAN BRANCH












UNITED
BAR & RESTAURANT
UNITED
BAR & RESTAURANT
2157 2512
21572512
www.united.com.mt



# "Imġarrin intom il-familja tal-Banda"



**Giovanni Gatt**
**President**

Reġa' wasal iż-żmien tal-Festa tagħna. Għalhekk wasal l-impenn annwali li l-Banda tagħna ddoqq fil-Festa tagħha - il-Festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-sema - Patruna tal-Imġarrin.Tul is-sena l-Kumitat ħadem bis-sħiħ biex joħroġ il-frott u dan kien possibbli għax ħdimna bħal familja waħda magħqudin. Il-Festa tiġi biex nifirħu flimkien u dan ikun possibli biss jekk inkunu magħqudin ilkoll flimkien. Din is-sena wkoll il-Banda tagħkom se tkun qed tferraħ lill-poplu Imġarri, u lil dawk li jiġu jżuruna fil-Festa, u se tkun ukoll qed issellem lill-Patruna tagħna Santa Marija. Għal dan l-għan ħejjejna programm sabiħ biex nagħtuha l-ikbar ġieħ.

Nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tal-allievi tal-fiduċja u s-sapport li jagħtuna. Filwaqt li nirringrazzja lil dawk li jattendu l-attivitajiet li norganizzaw, inħeġġeġ lil dawk li jibqgħu lura biex huma wkoll jattendu, u b'hekk inkunu nistgħu nibqgħu mexjin bil-ħidma tagħna għall-ġid tal-Banda u raħalna. Ma nistax ma nirringrazzjax lis-Surmast Direttur Tancred Grech u l-Assistent Surmast Neville Pace tal-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom. Tassew integraw tajjeb fis-Soċjetà tagħna u qed jagħtu r-riżultati meħtieġa. Il-fatt li din is-sena se jkollna seba' bandisti ġodda hu xhieda ta' dan li qiegħed ngħid.

Ringrazzjament speċjali nagħtih lis-Segretarju Ġenerali Joseph Caruana tal-ħidma li jwettaq għall-ġid tal-Banda, veru dedikat u b'determinazzjoni kbira, hu strumentali biex nibqgħu nwettqu dak kollu possibbli li minnu joħroġ l-aqwa u l-aħjar tal-Banda tagħna.

Nappella biex l-għaqdiet Imġarrin inkunu familja waħda u naħdmu flimkien għall-ġid tal-Imġarr stess u ngħinu lil xulxin u qatt ma nfixklu. Aħna lkoll aħwa Imġarrin u min ma jemminx f'dan żgur mhux qed jagħmel ġid għall-Imġarr. Jekk naħdmu flimkien kulħadd jieħu pjaċir bina u mbagħad tassew ikollna Festa sabiħa għax ikollna Festa magħquda.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil sħabi l-membri tal-Kumitat. Minbarra li nirringrazzja lil dawk li ngħaqdu magħna f'Ottubru li għadda, magħhom ukoll inżid lis-Sur Clayton Gauci tax-xogħol li wettaq sakemm dam jifforma parti mill-Kumitat tagħna.

Il-Festa hi sabiħa u tibqa' sabiħa kemm nibżgħu għaliha aħna. Ejjew Imġarrin nitolbu lil Ommna Marija biex tkun hi li tmexxina u turina t-triqat t-tajba u tgħinna nieħdu l-aħjar deċiżjonijiet.

Viva Santa Marija



# Kumitat Eżekuttiv 2013-15

**Wara mix-xellug:**
**Sandro Muscat, Angela Muscat, Rose Apap Bologna, Marija Vella u Jesmond Muscat.**

**Quddiem mix-xellug:**
**Colin Falzon (Viċi President), Mary Abela (Kaxxiera), Giovanni Gatt (President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali) u Christian Vella.**

# Kumitat Eżekuttiv 2013-2015

*Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D.2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Tony Abela
L-Onor. Dr.Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
Is-Sur Louis Vella Konslu ta' Malta fl-Amerika
Is-Sindku s-Sur Paul Vella
Is-Sur Michael Attard

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Raymond Muscat
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana
Dip. Oper. Mgt.

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sra Mary Abela

**Assistent Segretarju**
Is-Sur Christ Vella

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Asst. Kaxxiera**
Is-Sra Angela Muscat,
is-Sra Rose Apap Bologna

**P.R.O**
Is-Sra.Maria Vella

**Rapp. Nisa**
Is-Sra Angela Muscat

**Rapp. Żgħażagħ**
Is-Sur Christ Vella

**Rapp. Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana Dip. Oper. Mgt. (Membru fl-Eżekuttiv Nazzjonali)
Is-Sur Christ Vella

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana Dip. Oper. Mgt.

**Membri**
Is-Sur Jesmond Muscat
Is-Sur Sandro Muscat
Is-Sur Chris Abela

**Surmast Direttur u Għalliem tar-ramm u perkussjoni**
Mro Tancred Grech FLCM, B.A. (Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast u Għalliem Strumenti tal-qasba**
Mro Neville Pace A. Mus. L.C.M., LL.C.M., A.L.C.M.

**Awdituri**
Is-Sra Simone Galea u s-Srna Kristina Mifsud

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Tony Abela

**Rapp. Legali**
L-Avukat Chris Cilia



# "Il-Banda tagħna għamlet l-ewwel servizzi barra raħalna"



**Joseph Caruana** Dip. Water Mgt.
Segretarju Ġenerali

Ħuti Mġarrin,

Reġa' wasal ix-xahar sabiħ t'Awwissu, ix-xahar tant għażiż għalina l-Imġarrin għax fih niċċelebraw il-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Xahar li jġib ħafna xogħol, anzi aħjar jekk ngħid li f'dan ix-xahar nesebixxu l-ħidma li nkunu għamilna tul ix-xhur l-oħra. Matul din is-sena ffokajna ħafna fuq il-banda. Fil-fatt f'Jannar għamilna bidla fid-direzzjoni u s-Surmast Tancred Grech ġie maħtur Surmast Direttur u għalliem tal-istrumenti tar-ramm u l-perkussjoni. Fl-istess waqt is-Surmast Neville Pace nħatar Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba. Sar progress kbir u l-entużjażmu u l-kuraġġ kienu l-kawża ta' ħidma kbira. Dan kollu minbarra l-ħidma li saret fil-proġett tal-każin tagħna.

Wara li kif ħabbarna fil-festa tas-sena l-oħra akkwistajna post, tul din is-sena ħdimna biex għamilna l-pjanti u applikajna għall-permess tal-iżvilupp. Fil-preżent qed nistennew il-permess biex imbagħad nibdew il-ħidma biex ikollna l-każin tagħna bħall-għaqdiet l-oħra kollha. Hawn żgur ma nistax ma nirringrazzjax lill-Gvern u lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, li krewlna l-post biex nibdew noperaw minnu. Issa kif ikollna l-permessi neċessarji jkun imiss lilkom li tagħmlu ħilitkom u bl-għajnuna tagħkom inwettqu ħolma oħra. Imbagħad ulied l-Imġarr ikollhom post ieħor fejn jiffurmaw ruħhom. Il-każin tal-banda jrid ikun differenti minn każini oħra, fis-sens li mhux ikun dak il-post fejn tirrikrea ruħek biss, imma jrid jinvolvi lil kulħadd mingħajr ebda esklużjoni. Kulħadd hu validu u kulħadd jista' jagħti kontribut. Issa f'idejkom, min jagħti daqqa t'id u min jagħti xi donazzjoni, imbagħad kollettivament ikollna darna.

Matul is-sena għamilna bosta attivitajiet biex komplejna ndawru r-rota. Ix-xiri tal-istrumenti u l-ħtiġijiet tal-banda ngħataw prijorità, nemmnu li l-banda u t-tagħlim tal-mużika bla ħlas għandhom jibqgħu fuq quddiem nett fl-aġenda tagħna. Il-Kunsill Lokali tagħna jagħtina sapport kbir u jieħu paċenzja kbira bina, biex sakemm ikollna l-każin lest noperaw minnu. F'isimkom pubblikament nixtieq nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu għall-koperazzjoni tagħhom. Jien miniex persuni mistħija, u fejn tidħol il-banda iktar u iktar, imma kultant nistħi minnhom għax f'xi drabi fl-istess ħin kellna għaddejjin żewġ klassijiet ta' lezzjonijiet u żewġ laqgħat, nistħajjilhom jgħidu li l-Kunsill għamilnieh każin, imma naf ċert li tal-Kunsill bħalna, għall-Imġarrin jagħmlu kollox, u hemm bżonn li kulħadd jikkopera flimkien fl-Imġarr, biex tirrenja l-armonija u l-għaqda. Kieku kulħadd flimkien juża l-potenzjal tiegħu/tagħha żgur li nkunu l-għira tal-irħula u l-ibliet ta' madwarna.

Dan il-messaġġ mhux intenzjonat li fih ngħid x'attivitajiet għamilna, għax hemm artikli oħra dedikati għalhekk f'din il-pubblikazzjoni, imma ma nistax ma nsemmix l-attività

"Flimkien għall-Banda" li organizzajna f'Ġunju. Kienet suċċess kbir u lili tatni sodisfazzjon kbir. Nista' naċċertakom li l-ħidma li ġabet magħha kienet kbira ferm, imma s-sodisfazzjon xħin rajt dik l-udjenza u l-bandisti u allievi tagħna jdoqqu kienet veru esperjenza sabiħa, u ninsab ħerqan biex fis-snin li ġejjin ikollna iktar bħalhom.

Is-sena 2014 żgur se tibqa' mfakkra għax matulha l-Banda tagħna għamlet l-ewwel servizzi barra raħalna. Kif tafu nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju, il-Banda tagħna għamlet marċ brijuż f'San Pawl il-Baħar fl-okkażjoni tal-festa tad-Duluri, u l-Ħadd ta' wara, 27 ta' Lulju, għamilna marċ f'Ħal Lija fil-festa tas-Salvatur. Kienu esperjenzi sbieħ li tawna sodisfazzjon u pubbliċità tajba.

Issa quddiemna għandna l-impenji tal-festa. Din is-sena se nerġgħu nagħmlu s-servizzi li għamilna fil-festa tas-sena l-oħra. Jiġifieri se ndoqqu waqt il-festa tat-tfal, il-Ġimgħa se nagħmlu l-marċ tal-aħħar jum tat-Tridu, is-Sibt se nagħmlu żewġ servizzi, dak tat-transulazzjoni u wara l-quddiesa tat-translazzjoni nagħmlu marċ qasir, wara jkollna programm vokali u strumentali fil-pjazza tal-Knisja. Waqt dan il-programm se nżanżnu l-Innu Marċ il-ġdid "Sultana tal-Imġarr", li għandu mużika tas-Surmast ħabrieki tagħna Tancred Grech u lirika ta' Joe Julian Farrugia. Imbagħad il-Ħadd f'Jum il-Festa se nerġgħu nakkumpanjaw lill-Patruna tagħna tul il-purċissjoni. Fil-festa se nżanżnu żewġ libretti ġodda, wieħed bl-innijiet Marjani u innijiet proċessjonali u ieħor bil-marċi brijużi. Fil-festa se jiddebuttaw mal-banda seba' bandisti ġodda biex issa l-ammont ta' bandisti tela' għal tmintax, numru sabiħ meta tqies iż-żminijiet tal-lum u l-popolazzjoni ċkejkna tal-Imġarr. Irrid nirringrazzja lill-kumitat tal-Knisja taż-Żebbiegħ li sellfulna l-post biex nagħmlu l-kunċerti bi tħejjija għall-programm ta' lejlet il-festa.

F'Ottubru li għadda nħatar Kumitat ġdid u issa ikbar minn ta' qablu. Ħdimna flimkien mingħajr waqfien u rnexxielna nwettqu dak li ppjanajna. Ħtarna għall-ewwel darba l-Kumitat tan-Nisa u l-Kummissjoni Banda. Dawn taw daqqa t'id tajba biex komplejna ngħollu l-livell tal-Banda u isem is-Soċjetà.

Inħeġġeġ lilkom biex ukoll tingħaqdu magħna. Tinkwetawx li m'għandkomx esperjenza, jekk għandkom ir-rieda, l-esperjenza tasal ukoll. Ejjew intom u ħajru 'l uliedkom u lill-qrabatkom jitgħallmu strument mal-Banda tagħna. It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura u jbegħidna mill-vizzji.

Fl-aħħar nett nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kumitat Eżekuttiv tas-sapport u s-sostenn li jagħtuni, lis-Surmast Direttur Tancred Grech tal-impenn tiegħu u nawguralu ħidma twila fostna, lill-Assistent Surmast Neville Pace, li minħabba x-xogħol ma jistax jiċċelebra l-festa magħna, u nirringrazzjah tax-xogħol li qed iwettaq għall-ġid tal-Banda tagħna, lill-Kumitat tan-Nisa u KummissjonBanda, bandisti, allievi u ġenituri tas-sagrifiċċji li jwettqu. Nirringrazzja lilkom Imġarrin li dejjem kontu lesti tgħinuna meta nirrikorru lejnkom.Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil ħutna l-emigranti Imġarrin u lill-morda kollha, li minħabba raġunijiet ta' saħħa ma jistgħux jiċċelebraw il-festa magħna, u nwegħduhom li niftakru fihom fit-talb tagħna. L-aħħar appell tiegħi nixtieq ikun biex ilkoll nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja u nitolbu lill-Patruna tagħna biex tgħaqqadna iktar flimkien biex niċċelebraw festa qaddisa ad unur ommna Santa Marija.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema u Viva l-Banda tal-Imġarrin.

# Sezzjonijiet u Kummissjonijiet




**Wara mix-xellug: Tedia-Anne Schembri, Angela Muscat (Segretarja),Joyce Gauci u Marbeck Muscat
Quddiem mix-xellug: Odette Muscat (Viċi President), Rose Apap Bologna (President)
u Marija Vella (Kaxxiera)**




**Mix-xellug: Christian Vella, Raymond Muscat, Mro Neville Pace, Mro Tancred Grech, Joseph Caruana, u Sandro Muscat**




**Raymond Muscat (Fotografija), Giovanni Gatt, Joseph Caruana (Editur), Marija Vella u Jesmond Muscat.**





# "Appell lill-membri kollha"



**Mary Abela**
**Kaxxiera**

Għeżież ħbieb,

Għaddiet sena oħra, kienet sena li għaddiet f'ħakka t'għajn u dan għaliex kienet impenjattiva ħafna għas-Soċjetà tagħna.

Dawn it-tnax-il xahar naqsu b'erbgħa, billi mort l-Awstralja.

Flimkien mal-Assistenta Kaxxiera Rose Apap Bologna, li ssostwixxietni kemm domt nieqsa, ta' dan nixtieq nirringrazzjaha, bqajna għaddejjin naħdmu biex inkomplu nikbru u nissaħħu. Naturalment, tifhmu li biex dan ikun possibli, is-Soċjetà għandha bżonn ħafna flus, kemm biex torganizza attivitajiet u kif ukoll għall-każin.

Il-baħar hu magħmul mill-qtar tal-ilma. U hekk ukoll is-Soċjetà tagħna, bil-qatra l-qatra, qed tiġi mgħejjuna minn ħafna.

Nixtieq nagħmel appell lill-membri kollha, u l-ħbieb tagħhom, biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet li jiġu organizzati, biex barra li jkunu qegħdin jgħinuna finanzjarjament, flimkien insaħħu din is-Soċjetà tant għal qalbna.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

## It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura għalhekk ħajjar lil uliedek jitgħallmu strument mal-Banda Marija Mtellgħa s-sema tal-Imġarr



# "Ix-xogħol volontarju jagħtik sodisfazzjon kbir"



**Colin Falzon**
**Viċi President**

Għeżież Imġarrin,

Din hi l-ewwel darba tiegħi li qed nikteb f'din il-pubblikazzjoni annwali. Fl-istess waqt hi l-ewwel esperjenza tiegħi bħala Viċi President tal-Banda tagħkom. Nistqarr ngħid li qabel dħalt fil-Kumitat ma kontx naf x'tinvolvi banda, imma llum li għaddew bosta ġimgħat inħossni integrajt sewwa u kuntent li qed nagħti sehmi f'din l-inizjattiva li qed tagħmel ħafna ġid lill-ulied l-Imġarr.

Hi opportunità sabiħa li titgħallem il-mużika, barra minn hekk hu ferm ta' sodisfazzjon li tagħti servizz lil raħal twelidek. Ix-xogħol volontarju jagħtik sodisfazzjon kbir u jgħinek tkabbar l-intelletwal tiegħek. Il-Banda tagħna, għad li għadha fil-bidu tagħha, diġà bdiet tagħtina riżultati tajbin. Il-fatt li din is-sena se jkollna 7 bandisti ġodda u l-ammont ta' servizz mużikali li qed nagħmlu, anke barra mill-Imġarr, huma ta' inkoraġġiment kbir.

Nixtieq nappellalkom biex tiġu titgħallmu strument mal-Banda tagħna. Fl-istess waqt nieħdu pjaċir jekk narawkom fl-attivitajiet li norganizzaw minn żmien għal żmien. Dawn l-attivitajiet jgħinuna nkabbru d-dħul tagħna. Għalhekk huma ferm importanti biex inkunu nistgħu nibqgħu mexjin bil-programm tagħna.

Minn qalbi nawguralkom festa sabiħa u jalla Ommna Marija Mtellgħa s-sema tħarisna u tieqaf magħna.

Viva Santa Marija.

Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**


framegrip LTD
Architectural Aluminium
Mosta Road, Lija, LJA 9010, Malta
tel: +356 2141 9787/8 - 2143 4948
fax: +356 2141 9862
web: www.framegrip.com
email: frameind@maltanet.net


Zebra Tanks
your LIFETIME water tank
Available at all leading
ironmongers and
stores in Malta and Gozo.
ZEBRA
WATER TANKS
NEW
GAS COVERS
€39
Lm16.75
Promotional Price
€99.00
Lm42.49
500L
Trade inquires tel .......79090309








# ĠURNATA SQALLIJA

**b'risq il-Banda tal-Imġarr**

**it-Tlieta 26 ta' Awwissu, 2014**

**Catania-Taormina u Acireale**

**Prezzijiet:**
Adulti: €135 Żgħażagħ: (14 - 24 sena) - €85
Tfal: taħt l-14-il sena - €49
taħt l-4 snin b'xejn

**X'JINKLUDI:**

- **Vjaġġ bil-katamaran Jean de la Valette**
- **Coach il-ġurnata kollha magħna**
- **Xiri mis-suq ta' Catania**
- **Eskursjoni lejn Taormina (cable car extra)**
- **Eskursjoni lejn Acireale**
- **Taxxi inkluzi fil-prezz**
- **Tour Leader ta' Micallef Joe Travel**

## Bookings u dettalji fuq 79674678







**MĠARR SNACK BAR** (Tal-Baġlu)

*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*

Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast



**Mario Calleja**
**Crane Services**
**for Hire**
**Mob: 99265419**



# "Noffru s-sapport meħtieġ"



**Paul Vella**
**Sindku**

Imġarrin reġgħet waslet il-Festa u għalhekk erġajt ġejt mistieden biex nagħmel messaġġ għal din l-okkażjoni annwali li aħna l-Imġarrin b'tant għożża niċċelebraw.

Filwaqt li s-sena l-oħra kienu ħarġu l-ewwel bandisti Mġarrin mal-banda tagħna, issa din is-sena grupp ta' 7 bandisti, oħra bl-etajiet varji, se jingħaqdu magħhom. Issa l-ammont ta' bandisti tal-post huwa 19. Jien bħala Sindku, u president Onorarju, ta' din l-għaqda nħossni kuntent b'dan. Jien u sħabi l-kunsillliera tul din is-sena komplejna noffru s-sapport meħtieġ lil din il-banda, u sakemm din l-għaqda jkollha l-każin lest, se nibqgħu nagħmlu dak kollu possibli biex dawn ulied l-Imġarr ikollhom fejn jiżviluppaw it-talenti tagħhom, speċjalment fl-arti mużikali.

Matul din is-sena, il-banda tagħna daqqet għall-ewwel darba f'żewġ lokalitajiet oħra. Dan hu ta' sodisfazzjon għalina lkoll li isem l-Imġarr jissemma fi bliet u rħula oħra. Dawn l-istedinijiet li saru lill-Banda jagħtu indikazzjonijiet li hija tinsab miexja fid-direzzjoni t-tajba u għandna nkunu kuntenti u nissaportjaw din l-inizjattiva. Fl-aħħar nett f'isem sħabi l-kunsilliera u l-istaff kollu tal-Kunsill nixtieq nawguralkom l-Festa t-tajba.


WINNER'S CIRCLE

Bar & Restaurant
100, Fisher Street Mġarr
Tel: 79494836



We serve rabbit to your liking
FREE appetizers with drinks
Watch LIVE football matches
& horse race while dinning

C. Gatt Midland Steel Works


# C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

**- Gates - Certified Overhead Cranes**
**- Spiral Staircase - Railings**
**- Balconies - Steel Structures**
**- Window Grills - Steel Stairs**
**- Skylights - Boat Trailers**














Il-President
is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**
u jwiegħed lill-Imġarrin
l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
**“Marija Mtellgħa
s-Sema”**,
tal-Imġarr




RPJ
New Tyres:
• Car
• 4x4
• Light Truck and Van
• Heavy Truck
• Agriculture
• Off the Road
• Earth Moving
• Alloy Wheels
• All Tyre Repairs
• Wheel Balancing
• Car Care Products
Sole Agents for:
LASSA
Radar
petlas
Alloy Wheels:
MAK
Arcasting
Also Available Brands:
Firestone
GOODYEAR
HANKOOK
MICHELIN
BRIDGESTONE
BFGoodrich
PIRELLI
DUNLOP
TOYOTIRES
RPJ
Mobile: 99 042 285 / 99 448 417
Email: rpjtyresandwheels@gmail.com
Website: www.rpjtyres.com
Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030
Opening Hours:
Monday – Friday: 7:00 – 18:00
Saturday: 7:00 – 13:30

# IKLA

## b'risq il-Banda
## "Marija Mtellgħa s-Sema"

*Nhar l-Erbgħa*

*20 t'Awwissu,2014*

**Ħin:** 8pm

**Post:**

Mġarr United YNFC

**Prezz:**

Kbar: €16

Tfal: €7

**Bookings u dettalji:**

79391306 - 77471560

99441502



J. MICALLEF
service station &
auto care
Enjoy a snack
while we wash
mon-fri: 7am-5.30pm
sat: 7am-2.30pm
Buqana Road, l/o Rabat - Malta
t: 2145 0853 - m: 79450855
e: mjst@maltanet.net
The only prompt service carwash
....5 washers on the go
24 hrs self-service carwash
Your One Stop Shop
For Your Car Care
Large Selection
Top Brands
Tyres & Alloy Wheels
@ fantastic prices
PROFESSIONAL CAR VALETING
BEFORE
AFTER
INTERIOR & EXTERIOR
CAR WAX & POLISH
ENGINE WASH
OUDOUR REMOVAL


JARDINLAND
AGRIPRODUCTS LTD
Ghajn Tuffieha Road, St Paul's Bay.
Tel: 21521559, 21570215.
E-mail: jardin@maltanet.net


Vella Wholesalers
Groceries, Toiletries, Detergents & Petshop
'St.Michael', Sir Temi Zammit Str, Zebbiegh
Tel – 21 522 805 Mob – 99 837 837
Cotagro
Cotagro
Vitto
Gemon DOG
Gemon DOG



# “Nagħmlu dak kollu possibli”



**Christian Vella**
**Rappreżentant taż-Żgħażagħ**

Awwissu reġa’ magħna u dan ifisser li waslet Festa oħra. Il-Festa ġġib magħha ħidma kontinwa u esperjenzi ġodda. Din is-sena se nerġgħu nieħdu sehem fil-Festa Titulari bħas-sena l-oħra. Dan ifisser li fl-aħħar jum tat-Tridu se nagħmlu l-marċ tradizzjonali tal-briju. Dan il-marċ hu sabiħ u għall-qalb l-Imġarrin għax fil-limitazjonijiet tagħna nagħmlu dak kollu possibli biex filwaqt li nkunu eżemplari, b’tifħir lejn il-Patruna u mingħajr ma ninsulentaw lil ħadd, nagħmlu l-briju. Inħeġġiġkom biex tieħdu sehem magħna u tipparteċipaw. Inħeġġeġ b’mod speċjali liż-żgħażagħ biex jiġu bi ħġarhom u flimkien nfaħħru lil Ommna Marija.

Tul dawn it-12-il xahar li għaddew organizzajna diversi attivitajiet ta’ ġbir ta’ fondi, tant meħtieġa biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li jkollna. Qed joqrob wkoll iż-żmien, biex kif joħroġ il-permess, jitwettqu l-alterazzjonijiet meħtieġa fil-każin. Nappellalkom biex tgħinuna kemm finanzjarjament u anke tiġu tagħtu daqqa t’id, naturalment kulħadd kif jista’ u kemm jista’.

Għall-Festa qed inżanżnu sett ta’ marċi ġodda u fl-istess jiem se jiddebuttaw mal-banda 7 bandisti ġodda. Għamilna wkoll librett bl-innijiet Marjani u marċi proċessjonali. Lejlet il-Festa se nagħmlu l-programm vokali u strumentali, kif sar is-sena l-oħra, u jkun ta’ kuraġġ kbir għalina li intom tattendu.

Minn qalbi nawguralkom il-Festa t-tajba.

Find us on Facebook

Ingħaqad magħna fuq facebook

https://www.facebook.com/bandamgarr.malta
https://www.facebook.com/pages/Soċjetà-Filarmonika-Marija-Mtellgħa-s-Sema-L-Imġarr-AD-2011/224433234354317



# "Grazzi għall-appoġġ li sibna…"



**Angela Muscat**
**Assistenta Kaxxiera**

Għeżież ħuti Mġarrin,

Għaddew madwar sentejn u nofs minn kemm ilha li twaqqfet din il-Banda. Tassew iż-żmien għaddej u ma jistenna lil ħadd. Għalhekk kien importanti għalina, membri tal-Kumitat, li ma naqtgħu xejn mill-ħidma tagħna, u b'hekk inkomplu nħeġġu lill-alievi tagħna għal aktar tagħlim tal-istrumenti. Il-lezzjonijiet baqgħu għaddejjin ġimgħa wara ġimgħa u dan grazzi għall-appoġġ li sibna mis-Surmastrijiet, mill-ġenituri tat-tfal, kif ukoll mill-poplu Mġarri li dejjem attenda għall-attivitajiet li ġew organizzati.

Ilkoll kemm aħna ninsabu ħerqana biex nassistu għal kunċert ieħor, li se jkun organizzat għat-tieni darba fil-ġimgħa tal-Festa, kif ukoll biex naraw bandisti Mġarrin jakkumpanjaw lill-Patruna tagħna, Santa Marija. Bi pjaċir ngħarrafkom li n-numru ta' bandisti Mġarrin dejjem qed jiżdied. Inwegħdukom li l-ħidma tagħna se tkompli. Nirringrazzjakom tal-fiduċja li wrejtu fil-Banda tagħna, dan kien importanti ħafna biex jagħmlilna kuraġġ u din il-Banda, li twieldet ftit snin ilu, tkompli miexja 'l quddiem fil-ħidma tagħha.

Nawgura l-Festa t-tajba lill-Imġarrin.

Bid-donazzjoni tiegħek nimxu 'l quddiem

*Grazzi mill-qalb*

Il-Kumitat


PET STATION
Pet Shop
Tel: 2157 9379 Mob: 9928 0082
email: jeffs@onvol.net 39, Fisher Road, Mgarr


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At work
STOP
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt



Pure
ChimiClean professional
Detergents and more....
62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net
• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath
We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more




ChimiClean professional
FRANKA L-FLUS F'PRODOTTI
TA' KWALITA - MADE IN ITALY
Issa nista' NIFRANKA IL-FLUS U NGHIN L'AMBJENT billi nerga' nimla kull tip ta' ditergent ...u tinsewx iġġibu l-kontenitur magħkom!
EŻEMPJU
SGRASSATORE
€1.10/KG
With every 40Kg purchased
GET 1KG FREE OF PRODUCTS
from your choice
For all your domestic and professional detergents:
• Laundry • Personal Care • Kitchens
• Industrial Degreasers and much more!
Available at:
USASFUSO
Usasfuso, St. Rita Street, Rabat, Malta | T: 2145 0910
E: chimiclean@gmail.com | www.chimiclean.it
Pure, 62, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, Malta
T: 2157 3180



# "L-attendenza tagħkom tkun ta' kuraġġ għalina"



**Marija Vella**
**PRO**

Għaddiet sena oħra u din hi t-tielet sena kemm ilha li twaqqfet il-Banda 'Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema'. Fil-Festa ta' din is-sena ser jerġa' jkollna allievi li ser jiddebuttaw mal-Banda. Dawn ser idoqqu għall-ewwel darba fil-Festa. Matul is-sena waqqafna l-Kumitat tan-Nisa biex jgħin fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet li l-qligħ minnhom jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-Banda. Dawn l-ispejjeż huma kbar u jekk ma tkunx il-ġenerożità tagħkom niddubita kemm jibqa' possibli li t-tagħlim tal-banda jkun bla ħlas. Imma sakemm nibqgħu nsibu l-għajnuna tagħkom aħna nkomplu għaddejjin. Minbarra dawn l-ispejjeż qed niffaċċjaw ukoll spejjeż kbar fil-proġett tal-każin. Proġett importanti li ma nistgħux ma nwettquhx, għax kif ikun lest l-għaqda tagħna tkun iktar indipendenti u awtonoma. B'hekk jiżdied iktar l-impenn u nkunu nistgħu norganizzaw iktar.

Nixtieq inħeġġiġkom biex tattendu, b'mod speċjali lill-ġenituri tal-allievi, għax l-attendenza tagħkom tkun ta' kuraġġ għalina." Grazzi tmur għal kull min jattendi. Fl-aħħar nett nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-Imġarrin.

Kun parti mill-banda tiegħek u ssieħeb membru fis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" biex tgħinna nkomplu mexjin 'il quddiem għall-ġid tiegħek u tal-Imġarr kollu



# "Sabiex ilkoll ninvolvu ruħna…"



**Sandro Muscat**
**Membru Kumitat Eżekuttiv**

Għeżież,

L-istaġun tal-festi beda, u fi ftit żmien ieħor se nkunu qed niċċelebraw il-Festa tar-raħal tagħna, il-Festa ta' Santa Marija, fejn kulħadd jipprova jgħin kif jista' bil-mod tiegħu. Se ngħidilkom kelmtejn fuqi, u fuq is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Mill-ewwel ġurnata li smajt li se tingħaqad banda fl-Imġarr, interessajt ruħi, u ħeġġiġt lit-tfal tiegħi sabiex ilkoll ninvolvu ruħna. Issa ilna kważi erba' snin allievi, u bi pjaċir kbir din is-sena grupp ta' ħdax-il bandist, fosthom jiena li se ndoqq il-baxx, u t-tifla tiegħi Mariah li se ddoqq il-klarinett, se ningħaqdu mal-ħdax-il bandist li daqqew is-sena l-oħra.

Illum il-ġurnata, jiena nagħmel parti mill-Kumitat tal-Banda, fejn nista' nagħti l-għajnuna tiegħi iktar mill-viċin, kemm minn lenti ta' bandist, kif ukoll minn lenti ta' ġenitur. Bħala membru tal-Kumitat, nixtieq nistieden tfal u żgħażagħ, u kull min għandu għal qalbu l-Banda tal-Imġarr, sabiex jitgħallem xi strument jew jgħin b'xi mod jew ieħor, biex b'hekk inkomplu mexjin 'il quddiem u nżommu l-Banda tal-Imġarr ħajja.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-President Giovanni Gatt, is-Segretarju Joseph Caruana, lill-kumplament tal-Kumitat, lis-Surmast Tancred Grech u l-Assistent Surmast Neville Pace, għax-xogħol kbir li jagħmlu magħna, kif ukoll lil kull min jgħin b'xi mod jew ieħor lill-Banda tal-Imġarr. Nawguralkom ilkoll il-Festa t-tajba, akkumpanjata mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Viva Santa Marija.

**V&A Detergent Shop**
**Fisher Road cw St. Mary Street Mġarr**
**Tel: 2701 3380**

For all your toiletry needs, detergents, household, swimming equipment, costume jewellery etc.

*We make Gift Vouchers*

We give €**11.65** voucher when you spend €**349.06**

# Vella Mechanical Services

Co. Ltd.

## LEADING SUPPLIERS & STOCKHOLDERS OF HYDRAULIC PARTS & EQUIOMENT

Triq ta' Torba, Lija LJA 2041
E: vella.jimmy@gmail.com
T: 21 413 178 M: 99 428 729 F: 21 418 882

Opening Hours: Mon - Fri: 7.30am - 5pm
Saturday: 7.30am - Noon







## CUSTOMISED SOLUTIONS

**Leading Suppliers and Stockholders of:**

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet straps etc...
- Computerised testing machine with certification printout of wire slings, chains etc...
- Truck part, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets etc...
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks



# GIOVANNI GATT

jawgura l-Festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.

Giovanni jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu donazzjonijiet b'risq il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema, u lil kull min jagħti s-sapport meħtieġ.

Kull min jixtieq jgħin finanzjarjament lill-Banda jista' jċempel lil Giovanni fuq 99441502, li min-naħa tiegħu mbagħad jiġi hu stess jiġbor id-donazzjonijiet tagħkom. Grazzi mill-qalb.

Tingħata rċevuta għal kull donazzjoni.



Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distributuri ta makkinarju agrikolu, fertillizanti, xitel, frawli, bexx
AGIUS AGRICULTURAL TRADING LTD.
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu
ONE
EucoClean 3-in-1
solo
GL-19




Ta' L-Ingliz
Fenkata Restaurant
59, Triq il-Kbira Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 7970 4490




Taċ-Ċanti
BAR & RESTAURANT
Traditional Maltese Cuisine
Triq il-Kbira, Mġarr
Tel: 2157 9496
Mob: 7970 4489



# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa



**Rose Apap Bologna**
**Presidenta**

Din il-fergħa rat il-bidu tagħha fis-27 ta' Jannar 2014. F'dik il-laqgħa nħatar dan il-kumitat:

President: Rose Apap Bologna,
Viċi president: Odette Muscat,
Segretarja: Angela Muscat,
Assistenta Segretarja: Marbeck Muscat,
Kaxxiera: Maria Vella,
Assistenta Kaxxiera: Tedia-Anne Church,
Membru: Mary Abela

L-għan ta' din is-sezzjoni hu li torganizza attivitajiet għall-allievi u għan-nisa.

Għalkemm limitata fir-riżorsi, din il-fergħa diġà organizzat żewġ attivitajiet. Nhar l-21 ta' April, kellna hike għall-allievi tal-banda, morna nimxu fl-inħawi tal-Imġarr, u wara t-tfal kellhom ħin biex jilagħbu u jieklu xi ħaġa. It-tfal kollha ħadu gost u ħeġġewna biex nerġgħu norganizzaw xi attività oħra għalihom.

Attività oħra li għamilna kienet Buffet Breakfast fil-Bella Vista Hotel, il-Qawra, nhar it-30 ta' April. Għal dan il-Buffet attendew numru sabiħ ta' nisa.

Nirringrazzjaw ħafna lil dawk kollha li ħadu sehem f'dawn l-attivitajiet għax bil-preżenza tagħkom tagħmlulna ħafna kuraġġ.

Inħeġġu lil dawk in-nisa, li jixtiequ jagħtu daqqa t'id lil din il-fergħa, biex tikkuntattjaw lil xi ħadd mill-membri ta'din is-sezzjoni.









# "Festa kemxejn differenti għalija minn dik tas-sena l-oħra…"



**Mro Tancred Grech** FLCM, B.A(Hons) Music, PGCE
**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u tal-Perkussjoni**

Nagħtikom Merħba,

Wasal Awwissu u dan ifisser li reġgħet waslet il-festa tant għażiża għalina; il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Din is-sena ser tkun festa kemxejn differenti għalija minn dik tas-sena l-oħra; dan għaliex din is-sena għandi piż akbar minn dak li kelli. Qiegħed ngħid hekk għax il-Kumitat għoġbu jafda l-banda f'idejja, u jien bi pjaċir kbir kont lest li nidħol għal din il-kariga. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat kollu tal-fiduċja li wera fija u afda fija biex nieħu ħsieb din s-Soċjetà żagħżugħa mimlija b'ħeġġa u lesta biex taħdem u timxi 'l quddiem.

Għalkemm din is-Soċjetà għadha żgħira, xorta waħda din is-sena minbarra dawk is-servizzi li għandna fil-festa ta' Marija Santissima, irnexxielha toħroġ mill-Imġarr sabiex tieħu sehem f'żewġ festi barra r-raħal. Dawn huma l-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar u dik tas Salvatur f'Ħal Lija. Dan hu pass 'il quddiem għas-Soċjetà, kif ukoll għall-bandisti tal-lokal sabiex ikomplu jaħdmu bis-sħiħ biex il-Banda tkompli tikber.

Wieħed mill-għanijiet li għandha l-Banda tagħna hu li tkabbar u tgħallem l-arti tal-mużika. Sabiex isir dan ħsibna biex intellgħu għall-ewwel darba Home Concert li fih jieħdu sehem dawk l-allievi u bandisti li qed jieħdu t-tagħlim tagħhom fi ħdan l-għaqda tagħna. Dan sar ukoll biex ikun ta' motivazzjoni, kemm għalihom u għal min jgħallimhom, biex dawn ikomplu jistudjaw u fl-istess ħin din tkun ta' esperjenza ġdida għalihom.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-Soċjetà tkompli tikber. Grazzi b'mod speċjali lill-President u lill-Kumitat kollu għall- għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nifraħ ukoll lill-Assistent il-ġdid tiegħi, is-Surmast Neville Pace, u nirringrazzjah tal-koperazzjoni li sibt mingħandu matul din is-sena.

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif jixirqilha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!



# “Jiena nħossni kuntent ħafna”



**Mro Neville Pace** A. Mus L.C.M., L.L.C.M., A.L.C.M.
**Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba**

Reġgħet waslet festa oħra mistennija u li hija għall-qalb ħafna tal- Imġarrin kollha, dik ta’ Santa Marija. Fil-bidu ta’ din is-sena gejt magħżul mill-Kumitat bħala Assistent Surmast u għalliem tal- *woodwinds* mal-Banda Mġarr. Jiena nħossni kuntent ħafna li l-Kumitat ħa d-deċiżjoni li għażel lili bħala Assistent u għalliem flimkien mas- Surmast, u jien minn qalbi nirringrazzjahom.

Min-naħa tiegħi la dħalt għal din ir-responsabbilità, ninsab lest biex inwettaq xogħli kif suppost u b’ hekk flimkien mas-Surmast inkomplu nsaħħu l-livell mużikali. B’hekk il-Banda Mġarr tkompli tikber u tagħmel progress kif dejjem għamlet minn meta bdiet fl-2011.

Bħalissa għandna numru sostanzjali ta’ allievi u għall-grazzja t’ Alla qed naraw interess kbir f’dak li huwa tagħlim, kemm prattika kif ukoll dak ta’ solfeġġ, jiġifieri taqsim ta’ noti. Jalla jibqa’ jkollna allievi ta’ din il-kwalità biex dejjem ikollna standard tajjeb ħafna u nkunu nistgħu nkabbru l-livell tal-banda tagħna, kemm issa u kemm għall-futur.

Nixtieq ngħid grazzi lill-Kumitat kollu u lis-Surmast Direttur Tancred Grech li aċċettawni bħala Assistent Surmast u għalliem mal-Banda tagħkom.

Min-naħa tiegħi nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba, lilkom u lill-familji tagħkom kollha.

Grazzi

Inħarsu l-festa tagħna
b’dinjità u devozzjoni
lejn il-Patruna tagħna
Santa Marija
Mtellgħa s-Sema


CUTS, BLOW DRIES, COLOURS, LIGHTS, UP STYLES,
PERMS, STRAIGHTENINGS, HAIR TREATMENTS
BLINK BY ANN MARIE
3, Triq Kurat Chetcuti, Mġarr
Tel: 2158 4492 / 7909 3569


James Falzon (Junior)
Spray Painting & Panel Beating
Oven bake spray
Importer of second hand parts
Falzon Garage
Tas-Sriedaq Lane
Mosta
Tel: 99444719
Email: jamfal99@yahoo.com


L & R Excavations
Tal-Palmier
Mobile: 7947 2898, 9949 8688


WE'VE GOT WHAT
YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS,
BANNERS AND ALL
RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA,
CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES,
GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
YOU'LL FIND IT ALL
AND MORE AT:
BIBAS
HOMPESCH ROAD,
FGURA.
Tel: 2169 1269
E-mail: bibas@go.net.mt
5%
DISCOUNT
ON PRESENTATION OF
THIS ADVERT



# "Il-festa hija ċelebrazzjoni li fiha l-elementi kollha juru verament x'inhu pajjiżna."

**J.C. Azzopardi**
Segretarju

**Dr. Noel Camilleri**
President

Malli joqrob l-istaġun tal-festi, hija ħaġa naturali li l-pajjiż, u allu anke l-komunitajiet rispettivi tagħna, jingħataw libsa differenti. Dik ta' komunità li qed tiċċelebra l-festa tal-patrun tagħha. Il-festa hija ċelebrazzjoni li fiha l-elementi kollha juru verament x'inhu pajjiżna. Hija festa tal-komunità kollha.

Huwa żmien li l-attività ta' barra u ġewwa fl-għaqdiet tiżdied u dan jirrifletti l-impenn li dawn għandhom favur l-komunità fejn jinsabu. Din l-attività ssir kollha b'mod voluntarju. Hija s-sisien li tant u tant nies jaħdmu għaliha għaliex jagħrfu li huma perm importanti fl-iżvolġiment korrett u sħiħ tal-festi tagħna, li jibqgħu attrazzjoni mhux biss għalina l-Maltin u l-Għawdxin, imma għal mijiet ta' turisti li jiġu jżuru lil pajjiżna, u jammiraw mhux biss l-isbuħija li għandna, imma jipparteċipaw anke fil-festi tagħna.

Din is-sena ser naraw il-bidu biex l-festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Dinji intanġibbli mill-UNESCO. Għal dan l-avveniment hemm ħafna xogħol li jrid isir minna l-għaqdiet. Xogħol li rridu nuru li aħna serji, dixxiplinati u nagħrfu fejn hemm bżonn li ntejbu, u niżbru fejn ma jagħmilx ġid għalina. Dan kapaċi nagħmluh mingħajr ma jiġi ħadd jimponi fuqna. Iż-żmien tal-impożizzjoni ilu li spiċċa. Irridu nkunu kapaċi li l-festi tagħna nagħtuhom identità aktar profonda u ma nħalluhomx jispiċċaw ikunu biss ċelebrazzjonijiet mingħajr ruħ.

Huwa żmien ferm impenjattiv għall-għaqdiet li jridu juru li kapaċi jqumu għal dan l-proġett ambizzjuż. L-Għaqda Każini tal-Banda hija konvinta li dik il-kapaċità teżisti u ser twassal biex dan il-proġett jirnexxi u li jkun ifisser li l-għaqdiet tal-banda jkollhom ukoll rikonoxximent lil hinn minn xtutna.

Madankollu hemm il-ħtieġa li nkunu dejjem attenti biex ma nippermettu lil ħadd li jtappan ix-xogħol kollu li jsir mill-Għaqda u l-membri tagħha, billi jimmina d-direzzjoni ċara tal-Għaqda Każini tal-Banda. Kull meta konna magħqudin, urejna li kapaċi naslu fejn nixtiequ.

Filwaqt li nawguraw l-festa t-tajba lir-residenti u partitarji tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema, infakkru li huwa fundamentali li l-ħidma tal-għaqda jew Soċjetà tagħkom tkun waħda serja, integra u b'sens veru ta' ħidma komunitarja, kif jafu verament jagħmlu s-Soċjetajiet meta tqum il-ħtieġa. Imma huwa imperattiv li l-festi tagħna jiġu ċelebrati minna għal ġid tal-komunità kollha mingħajr ebda esklużjoni. Hekk biss inkomplu nsaħħu l-festi tagħna fl-aspetti kollha tagħhom, għaliex l-aspett reliġjuż huwa intrinsikament marbut mal-kultura ta' pajjiżna.



# Flimkien għal Festa aħjar

**Fondazzjoni Festi u Kultura Mġarr**

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal ix-xahar ta' Awwissu fejn fih niċċelebraw il-Festa tal-Patruna tagħna Santa Marija. Din is-sena bħas-snin ta' qabel il-Kumitat medd idejh għax-xogħol li kien hemm bżonn biex ta' kull sena jkollna Festa aqwa u aħjar minn ta' qabilha.

Bħala l-għaqda organizzattiva tal-Festa, il-Kumitat dejjem għamel l-almu tiegħu biex ikollna l-għaqda fost l-għaqdiet fir-raħal tagħna, għalkemm din mhux dejjem tkun ħaġa faċli. Għalhekk ix-xewqa tal-Kumitat hija li jkollna Festa magħquda u ħielsa minn kull piki. Wara kollox l-għan ta' kull għaqda hu li jaħdem biex jagħti l-aqwa servizz possibli għal Festa mill-aqwa. Il-Festa tagħna għandha tkun l-għira ta' rħula oħra minħabba li f'diversi minn dawn hemm element qawwi ta' piki żejda.

Wara l-ftehim li sar is-sena l-oħra, il-Banda tar-raħal tat l-ewwel servizzi fil-Festa tagħna. Biex dan jiġi onorat, kellna nirranġaw il-ġranet tal-baned residenti li kienu nżammu l-istess għal ħafna snin twal. Aħna nirringrazzjawhom tal-koperazzjoni li sibna biex dan ikun possibli. Mhux inqas nirringrazzjaw lill-Banda tar-raħal, u minn hawn nawguraw lill-allievi l-ġodda kull suċċess.

Nappellaw biex l-impenn tal-għaqdiet ikun wieħed matur u dixxiplinat. Dan sabiex tkompli tintwera r-rieda ħalli l-Festa tkompli tikber, bħalma ġara f'dawn l-aħħar snin, b'mod gradwali u mingħajr esaġerazzjonijiet minn kull lat.

Minn hawn qegħdin nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħadu sehem u taw il-kontribut tagħhom biex ikollna Festa xierqa.

Nawguraw lill-poplu Mġarri l-Festa t-tajba mimlija hena.

Viva Santa Marija!

*Fil-Festa*
*għid ir-Rużarju*
*mal-Familja*
*u tkun tajt*
*l-isbaħ rigal*
*lil Santa Marija*





# Messaġġi mingħand ħutna Immigranti Mġarrin

Tislima mill-qalb minn California-USA. Jien jisimni Pete Deguara. Missieri minn tal-Orbu u ommi minn ta' Żuba. Jien ilni noqgħod l-Amerika minn mindu kont għadni tifel, wara li qattajt ċkuniti niġri mat-toroq tal-Imġarr.



L-Imġarr bqajna nħobbuh ħafna u l-memorji ta' wieħed mill-isbaħ irħula ta' Malta ma ninsewhom qatt. Bħalma qatt ma ninsew is-sbuħija tal-vara maestuża ta' Santa Marija tal-Imġarr. Nixtiqulkom Festa sabiħa, mingħajr inċidenti, devota u mimlija ferħ. Prosit kbira lill-Banda tal-Imġarr u lil min imexxiha. Viva Santa Marija. Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Pete Deguara tal-Orbu**

Din is-sena, għall-ħabta ta' April/Mejju, kelli x-xorti nerġa' nżur u ngawdi r-raħal sabiħ tal-Imġarr, ma' żewġi Joe. Ma nixbgħu qatt inħarsu lejn ir-ritratti li ħadna l-Imġarr. Issa wasal żmien il-Festa għażiża tagħna, ta' Santa Marija. Qatt ma ninsa t-tfulija ferrieħa li qattajt u l-memorji sbieħ tal-Festa. Għalkemm imbegħdin b'distanzi kbar, il-ħsieb u l-qalb huma ħaġa waħda ma' ħutna Mġarrin. Id-dmugħ li jinżel ma' ħaddejna huwa dmugħ ta' ferħ u nostalġija, u ta' xewqa kbira li bħalissa qiegħdin naqsmu magħkom mill-bogħod. Jalla jkollna Festa sabiħa, qaddisa, u fuq kollox, miġbura madwar il-Patruna Santa Marija, ħalli tkompli tħares u tindokra r-raħal tal-Imġarr, u lil dawk kollha li joqogħdu fih, jew iżuruh. Insellmu bil-qalb lill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, u nawgurawlha iktar suċċessi. Viva Santa Marija tal-Imġarr.



**Lina Galea née Muscat (oħt il-Max)**



**Is-Sur Joe Borg ta' "Żoloq", emigrant Imġarri fl-Awstralja, irregalalna kurunetta biex tibda tindaqq mit-tfal Imġarrin mal-Banda ta' raħal twelidu. Joe, grazzi mill-qalb tal-ġenerożità tiegħek. Apprezzajna immens.**



# Bandisti Ġodda
# Komplejna nitkattru…

**Joseph Caruana** Dip. Oper. Mgt.
**Delegat tal-Banda**

Wara li fil-Festa tas-sena li għaddiet iddebuttaw l-ewwel bandisti Mġarrin mal-banda tagħna, din is-sena se nkomplu nitkattru. Is-sagrifiċċju kollettiv li sar mill-Kumitat Eżekuttiv, surmastrijiet, allievi u ġenituri wassal biex fil-Festa ta' din is-sena se jiddebuttaw seba' bandisti ġodda. Dawn l-istess bħal ta' qabilhom huma frott l-għaqda mużikali tagħna. B'sodisfazzjon kbir inħabbrulkom li din is-sena se jiddebuttaw ħames bandisti bil-klarinett, waħda bil-flawt u wieħed bil-baxx.

Il-ħidma u l-entużjażmu kbir li jħaddnu s-Surmast Direttur tagħna Mro Tancred Grech u l-Assistent Surmast Mro Neville Pace qed ikomplu juru r-riżultati. Il-livell tat-tagħlim hu wieħed sodisfaċenti ħafna u l-ammont ta' allievi li jitħarrġu l-mużika fi ħdan il-Banda tagħna hu ta' kuraġġ kbir. Kif għamilt is-sena l-oħra issa tajjeb li nagħtu ftit tagħrif dwar il-bandisti l-ġodda tagħna.

**Elisa Cilia**

Għandha 10 snin u tmur l-iskola St Dorothy's.

Ta' 5 snin bdiet titgħallem iddoqq il-pjanu u tistudja wkoll it-teorija tal-mużika. Issa waslet fil-ħames sena. Sentejn ilu bdiet titgħallem iddoqq il-flawt mal-Banda Marija Mtellgħa s-sema. Din is-sena se toħroġ iddoqq mal-Banda għall-ewwel darba.

Bħala passatempi, Elisa tħobb il-ġinnastika, il-kant u l-baħar.

Elisa titgħallem il-flawt ma' Mro Neville Pace



**Oriana Farrugia**

Oriana Frarrugia hija studenta ta' 13-il sena. Toqgħod l-Imġarr u tattendi l-Iskola Sekondarja ta' Santa Tereża. Bdiet bħala allieva mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr eżatt mat-twaqqif tagħha. Il-passatempi tagħha huma fil-fatt il-mużika, fejn taspira li tkun bandista tal-istess Banda. Oriana titħarreġ fl-arti mużikali għand Mro Neville Pace u se tiddebutta mal-Banda Mġarrija fil-Festa ta' din is-sena.



**Caroline Gatt**

Caroline twieldet fid-9 ta' Mejju 2002 u għandha 12-il sena. Tattendi l-Iskola Sekondarja tal-Bniet fl-Imrieħel. Caroline mill-ewwel bdiet titħarreġ fl-arti mużikali mal-Banda tal-Imġarr. L-istess għamlu ħutha Martina u Katrina. Caroline ma sabithiex tqila biex titgħallem il-banda għax hi diġà kienet iddoqq il-kitarra. Caroline qed titħarreġ il-klarinett għand l-Assistent Surmast Neville Pace. Is-suġġett favorit tagħha fl-iskola hu l-mużika, u fil-fatt qed titgħallem il-pjanu.

Caroline għandha ħafna passatempi, imma l-iktar li tħobb huma l-mużika, il-kant u l-għawm.



**Martina Gatt**

Twieldet fit-13 ta' Novembru 2003 u għandha għaxar snin. Martina tattendi l-Iskola Primarja tal-Imġarr.

Bħala passatempi Martina għandha l-kant u t-tisjir. Dawn minbarra l-mużika li hi ferm għal qalbha.

Hi ngħaqdet mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr mat-twaqqif tagħha fis-sena 2011. Martina ġejja minn familja dilettanti tal-Festa, fil-fatt Martina għandha żewġ ħutha oħra jitgħallmu l-banda.

Fil-preżent Martina qed tipprattika l-klarinett taħt Mro Neville Pace



**Kristina Mifsud**

Kristina Mifsud toqgħod fir-raħal sabiħ tal-Imġarr. Bħalissa qiegħda tagħmel kors l-Università tal-*Bachelor of Commerce* fl-*Accountancy* u l-*Economics*. Il-mużika ilha għal qalbha u minn dejjem xtaqet titgħallem iddoqq xi strument. Meta semgħet li fir-raħal tal-Imġarr ser tibda banda, mill-ewwel tħajret tidħol membru. Issa ilha kważi sentejn tistudja l-klarinett. Fil-preżent qed titgħallem għand Mro Neville Pace.



Kristina tinkoraġġixxi lil kull min jixtieq jitgħallem xi strument, jew lil kull min togħġbu l-mużika, biex jingħaqad bħala membru tal-Banda tal-Imġarr. Hi tinsab ċerta li fl-Imġarr hawn biżżejjed persuni b'talent mużikali, li permezz tagħhom il-Banda tkun tista' tissaħħaħ f'waħda li verament tixraq lir-raħal tagħna.

Kristina se ddoqq għall-ewwel darba mal-Banda fil-Festa ta' din is-sena.

**Mariah Muscat**

Mariah Muscat twieldet fis-16 ta' Awwissu, 2002 u għandha ħdax-il sena u toqgħod l-Imġarr, Malta. Mariah bdiet titgħallem il-banda mill-bidu nett li twaqqfet. L-istrument li titgħallem Mariah hu l-klarinett. Hi tattendi s-*St Francis Secondary School* tas-Sliema. Is-suġġetti favoriti tagħha huma l-arti u l-IT. Bħala passatemp hi tħobb tisma' ħafna l-mużika. Mariah kuntenta ħafna li tifforma parti mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Mariah se toħroġ iddoqq mal-Banda fil-Festa ta' din is-sena.



**Sandro Muscat**

Twieled fis-6 ta' Awwissu 1974. Sandro miżżewweġ lil Marbeck u għandu tlett itfal, Kurt, Mariah u Kasey. Ilu jaħdem bħala pumpier mal-Protezzjoni Ċivili għal dawn l-aħħar 19-il sena.

Sandro mill-ewwel tħajjar meta sema' li se tibda Banda fl-Imġarr. Tant hu hekk li kemm hu u kemm it-tfal tiegħu bdew jitgħallmu l-mużika fil-Banda tagħna. Fil-fatt din is-sena kemm hu u kemm it-tifla tiegħu Mariah se jdoqqu għall-ewwel darba fil-Festa tal-Imġarr.

Bħala passatemp jieħu pjaċir jaqra kotba fuq siġar u pjanti kif ukoll jieħu gost jesperimenta bit-tilqim tas-siġar. Barra minn hekk iħobb iżomm ruħu attiv billi jagħmel eżerċiji fiżiċi.

Sandro hu wkoll membru fil-Kumitat Eżekuttiv u Kummissjoni.

Sandro qed jitgħallem il-baxx taħt Mro Tancred Grech.



*Żomm 'il bogħod*
*mid-DROGA*
Għid **LE** għad-droga


Grocer
GasanMamo
PULIZIJA
POST OFFICE
NINSABU QRIB TIEGĦEK
Mellieħa
59, Triq G Borg Olivier
GasanMamo
INSURANCE
Ngħinuk dejjem
www.gasanmamo.com



# Bejn Festa u oħra

**Kitba ta' Joseph Caruana**

F'dan l-artiklu se nipprova mmur lura tnax-il xahar, u flimkien nagħtu ħarsu lejn dak kollu li sar fi ħdan l-għaqda tagħna, mill-Festa tas-sena 2013 'l hawn. Tabilħaqq sena mimlija attività u impenn li kultant ma nemminx li rnexxielna nwettqu kollox kif kien ipprogrammat. Kellna sena li żammitna impenjati kontinwament u kien jeħtieġ determinazzjoni kbira u għaqal biex jittieħdu d-deċiżjonijiet importanti li ffaċċjajna.

Se nipprova nagħti stampa ċara ta' x'kien hemm meħtieġ biex inwettqu l-pjan imfassal, u fl-istess waqt x'sar biex iffinanzjajna dak kollu li wettaqna. Se nelenka wkoll, u se nagħmel riferenza, għall-pjanijiet futuri li għandna. Dan se ngħidu biex flimkien tifhmu fejn irridu naslu.

Hekk kif għaddiet il-Festa 2013, il-Kumitat kompla għaddej bl-attivitajiet soċjali. Kif tafu, minn żmien għal żmien norganizzaw bosta attivitajiet, biex filwaqt li niltaqgħu flimkien, niġbru l-fondi meħtieġa biex niffinanzjaw is-Soċjetà. Organizzajna lista twila ta' attivitajiet li żgur marru tajjeb magħkom. Dan nikkonfermawh bl-attendenzi sbieħ li kellna. Għall-ewwel darba organizzajna ġurnata Għawdex, lejlet Ħamis x-Xirka, fejn żorna l-parroċċi kollha tad-djoċesi Għawdxija li għandhom il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Għall-ewwel darba wkoll tellajna s-serata "Flimkien għall-banda". Din is-serata kienet it-tluq ta' sensiela ta' *Home Concerts* li fi ħsiebna nibdew nagħmlu. Fil-fatt hu ppjanat li jibdew jiġu mtellgħa tnejn fis-sena. Wieħed minn dawn ikun qrib Jum l-Omm, u l-ieħor għal żmien il-Milied. Dawn, kif jixhed isimhom, għandhom ikunu sforz kollettiv bejn kulħadd, biex filwaqt li nesponu t-talenti tal-bandisti u allievi tagħna, niġbru fondi biex nibqgħu noffru t-tagħlim tal-banda bla ħlas għal kulħadd.





Ma rridx li dan l-artiklu jispiċċa qisu djarju, u għalhekk mhux se noqgħod ngħid xahar xahar x'għamilna, imma fi kliemi rrid nfakkarkom f'dak li sar, u x'se jsir.

Attività oħra innovattiva kienet il-*Fun Walk u&Fun Ride*. Din saret biex filwaqt li nagħtu promozzjoni lill-eżerċizzju, flimkien ħadna pjaċir u ġbarna somma sabiħa, li kompliet tgħin fit-twettiq tal-pjanijiet tagħna. Ir-rotta magħżula kienet mir-Rabat sal-Imġarr *via* Binġemma. Kienet esperjenza sabiħa u filwaqt li ammirajna l-ġmiel li jħaddan raħalna u madwaru, serviet bħala attività soċjali.

L-attendenzi li kellna għall-ikliet li organizzajna kienu dejjem numerużi, u saru f'diversi ħwienet Imġarrin u anke f'postijiet oħra. Organizzajna wkoll diversi ġiti lejn Sqallija. Hawn ukoll morna tajjeb, u kull min ġie, reġa' ġie magħna. Issa se norganizzaw oħra nhar it-Tlieta 26 t'Awwissu, 2014 wara l-Festa, fejn żgur se tkun xalata b'differenza, u mbagħad f'Settembru u Ottubru se nagħmlu ġurnata Sqallija għax-xiri. Nafu aħna l-Maltin kemm inħobbu nitilgħu nixtru minn Sqallija, u dan ħajjarna norganizzaw ġurnata għal hekk.

Il-ħidma tagħna ma kinitx biss attivitajiet. Kellna wkoll diversi laqgħat biex iffinalizzajna l-pjanti tal-każin tagħna. Issa ninsabu ferm viċin, biex kif appena niksbu l-permessi meħtieġa, nibdew inwettqu l-ħolma tagħna. Ninsab ċert li l-każin tal-Banda tagħna se jkun id-"dar" ta' formazzjoni taż-żgħażagħ tagħna, u fl-istess ħin il-post fejn jirrekreaw ruħhom u jiddevertu flimkien. Għandna ħafna pjanijiet li se nibdew nagħmlu fil-każin imma ma nħossx li hu opportun li niżvelahom issa. Li nista' ngħid hu li l-każin tal-Banda se jkun wkoll id-"dar" tal-Imġarrin kollha. Pubblikament qed nistieden lil kulħadd biex jibda jiġi l-każin. L-istigma kerha li jġorru magħhom ċerti każini għandha tingħeleb, u naċċertakom li aħna se nimxu b'serjetà kbira, u mhux se nittolleraw nuqqasijiet li jxekklu r-reputazzjoni tajba li bnejna flimkien s'issa.



Il-banda minn dejjem kienet prijorità għalina, u dan bir-raġun, għax wara kollox dik hi l-attività prinċipali tagħna. Tul din is-sena kellna nieħdu bosta deċiżjonijiet importanti li kkonċernaw direttament il-banda. Iżda għax nemmnu fil-ġid ta' wliedna u tal-Banda tagħna stess, ma bżajniex neħduhom. Il-Kumitat Eżekuttiv tagħna wasal s'hawn għax kapaċi jieħu deċiżjoni. Min mhux kapaċi jieħu deċiżjoni, anke jekk ikun ċert li se twassal għar-riperkussjonijiet, ikun bla sinsla u nieqes mill-kwalitajiet li jeħtieġ kumitat ta' tmexxija. Għall-grazzja t'Alla mhux il-każ fl-għaqda tagħna. Kif tafu, fil-bidu tas-sena l-Kumitat iddeċieda li jagħmel tibdil fid-direzzjoni tal-banda. Is-Surmast Tancred Grech



**Mro Tancred Grech waqt sessjoni ta' taħriġ mas-Sur Joe Debono li qed jitgħallem il-baxx**

inħatar Surmast Direttur tal-Banda. Issa l-Banda tagħna għandha Surmast kapaċi, u wara kollox tana l-ewwel preferenza. B'dan it-tibdil inħatar bħala Assistent Surmast, Neville Pace. Issa għaddew bosta xhur mindu sar dan it-tibdil u nista naċċertakom li qed niksbu r-riżultati. Flimkien naħdmu tajjeb ħafna, u l-entużjażmu u d-determinazzjoni li għandhom komplew jimbuttawna ' l fuq. Fil-Festa ta' din is-sena se jiddebuttaw 7 bandisti ġodda, biex issa l-ammont ta' bandisti tela' għal 18. Barra minn hekk qabel il-Festa tagħna, għamilna żewġ servizzi barra mill-Imġarr. Dawn kienu fil-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar, nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju, u l-Ħadd ta' wara, 27 ta' Lulju, daqqejna Ħal Lija fil-festa tas-Salvatur. Issa naturalment se nieħdu sehem bi kbir fil-Festa Titulari tagħna ta' Santa Marija. Għamilna żewġ settijiet ta' libretti ġodda. Wieħed bl-innijiet Marjani u marċi proċessjonali u ieħor bil-marċi brijużi.



**Mro Neville Pace waqt sessjoni ta' taħriġ ma' Kristina Mifsud li din is-sena se tiddebuta mal-Banda bil-klarinett**

Fix-xhur li ġejjin nixtiequ nirrekordjaw CD bil-marċi brijużi, biex inkunu nistgħu nibqgħu ngawdu l-Banda tagħna s-sena kollha, u ħutna l-emigranti jkollhom tifkira ħajja tal-Banda tagħna u tagħhom .

F'Ottubru nżammet it-tielet Laqgħa Ġenerali tas-Soċjetà. F'din il-laqgħa nħatar kumitat ġdid. Kumitat ikbar minn ta' qablu, u għalhekk iktar xieraq. Kumitat b'nies ġodda li ġabu magħhom ideat ġodda. Jien nemmen li l-kumitat tagħna jimxi 'l quddiem għax hu kompost minn diversi ġenituri ta' bandisti u allievi tagħna. Ngħiduha kif inhi… min ma jixtieqx ġid lil uliedu? …u la jixtiequ l-ġid 'l uliedhom jistinkaw għall-ġid tal-Banda, għax uliedhom huma parti importanti minnha. Dan l-element ta' ġenituri fil-Kumitat Eżekuttiv għen mhux ftit biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas, li kien jinħass sew, f'dik li hi esperjenza ta' tmexxija ta' banda, xi ħaġa li sfortunatament kienet teżisti f'diversi membri tal-kumitat ta' qabel. Sinċerament nistqarr li sħabi tal-kumitat kollha jagħtu dak kollu li jistgħu biex nibqgħu mexjin 'il quddiem. Xi drabi jkun hemm ċirkustanzi li xi wħud inaqqsu mill-impenn, imma wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dawn huma kollha voluntiera, u li x-xogħol tal-banda jagħmluh fil-ħin liberu, u wara x-xogħol, tagħhom.



**Il-Kumitat Eżekuttiv elett f'Ottubru, 2013**

Dan il-Kumitat Eżekuttiv ħass li għandu jibda jiddelega parti mill-ħidma tiegħu. Dan sar possibbli bi twaqqif ta' żewġ sotto-kumitati, dak tan-nisa u l-Kummissjoni Banda. L-ewwel



**Waqt laqgħa tal-Kummissjoni Banda**



**Is-Sezzjoni Nisa waqt waħda mil-laqgħat tagħhom**

wieħed qed jgħin fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet soċjali, filwaqt li l-Kumissjoni Banda twaqqfet biex tieħu ħsieb il-ħidma relata mal-banda. Għall-ewwel darba wkoll twaqqaf, b'mod uffiċjali, il-bord editorjali li qed jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb maħruġ fl-okkażjoni tal-Festa Titulari.

Naħseb taqblu miegħi jekk ngħid li l-impenn hu kbir, u intom tifhmuni għax qed tgħixu dawn l-esperjenzi magħna tul is-sena kollha. Aħna nixtiequ li intom ukoll tissieħbu magħna. Dan tistgħu tagħmluh b'diversi modi. Tistgħu tidħlu membri f'xi kumitat jew sezzjoni, tistgħu tiġu titgħallmu xi strument tal-banda, tkunu soċi fl-għaqda tagħna, jew benefatturi.

Il-Banda tagħna tkun ferm isbaħ jekk tkun tagħkom ilkoll. Għalhekk, jekk forsi matul ix-xhur li għaddew inqasna lil xi ħadd, f'isem sħabi nitlob apoloġija, u naċċertakom li ma kien hemm ebda intenzjoni, anzi aħna disposti naħdmu id f'id ma' kulħadd għall-ġid tal-Banda u tal-Imġarr. Wara kollox hu dak li trid minnha l-Patruna tagħna Santa Marija. Hi tixtieq li nkunu magħqudin flimkien u nkomplu nkattru d-devozzjoni lejha.



**Membri tal-Kumitat waqt is-servizz li l-Banda għamlet f'Ħal Lija, il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2014. Festa tas-Salvatur**



**Il-Banda Mġarrija waqt l-ewwel servizz tagħha barra raħalha, nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju, 2014 f'San Pawl il-Baħar**

# Eclipse Stationery

9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys & Gifts*
*Photocopy Service*
*Binding & Book Covering Service, etc.*



**ACCOUNTS PRIVATE TUITION**



**COURSES STARTING SOON**

- ORDINARY LEVEL
- INTERMEDIATE LEVEL
- ADVANCED LEVEL
- OTHERS

Individual attention
Small groups
Course notes provided

Ms F. Borg B. Accty (Hons.), MIA, CPA

Mob No: 7909 2845



**SHAMBA**

*Fresh Fruit & Vegetables*

**63, Triq Fisher, Mġarr**

**Tel: 2152 4055**








*Nails by Alison*

**Mob: 99465229 Tel. 27465229**

Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ. L/O L-Imġarr

Specialising in gel extensions, Pedicures & Manicures
Gelish on hands & Toes

Open by appointment nicleah@hotmail.com





**Modern Butcher**

**for fresh / frozen meat
& marinated products**

Kurat Chetcuti Street, Imġarr Tel: 21577490 Mob: 79577490


LAND ROVER
Ciapella
garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/2157 2504 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook



# Flimkien għall-Banda

Kitba ta' Joseph Caruana

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju tellajna s-serata 'Flimkien għall-Banda'. Din l-attività, kif jixhed tajjeb isimha, kienet intenzjonata biex ilkoll flimkien nagħmlu sforz kollettiv biex il-banda tagħna tibqa' miexja 'l quddiem. Fiha ta s-sehem tiegħu kulħadd: il-Kumitat Eżekuttiv, Allievi, Bandisti, Surmastrijiet u anke l-poplu Mġarri li bi ħġaru attenda għas-serata.

L-attività ġiet mtellgħa fil-binja tal-Kunsill Lokali u kien mistieden jattendi kulħadd, l-iktar ġenituri u familjari tal-bandisti u allievi tagħna. L-allievi u l-bandisti tagħna ngħataw l-opportunità biex waqt din l-okkażjoni jdoqqu silta li huma stess ikunu għażlu, u jdoqqu quddiem l-udjenza bħala solisti. Tistgħu timmaġinaw kemm konna ilna għaddejjin bil-preparamenti, imma meta tara s-sodisfazzjon ta' dawk preżenti tħossok kburi li tifforma parti mill-banda żagħżugħa tagħna.

Is-serata ġiet ppreżentata mis-Sinjura Rose Apap Bologna li kienet assistita minni. Wara introduzzjoni qasira, rappreżentanti tal-Banif Bank, li sponsorjaw ir-rigali li tajna lill-parteċipanti, taw tagħrif dwar xi servizzi li joffri l-bank. Wara, wieħed wara l-ieħor, l-allievi/bandisti tagħna daqqew is-silta tagħhom. F'nofs l-attività ntwera l-*feature* 'Ħolma ssir realtà' li ktibt jien stess. Dan kien possibli għall-għajnuna kbira li tana s-Sur Raymond Muscat, li minbarra li kien inkarigat mill-fotografija, ħa ħsieb ukoll il-muntaġġ u l-editjar tiegħu. Il-*feature* li kien twil 16-il minuta ta ftit informazzjoni dwar it-twaqqif tal-banda u l-mixja tagħha sa issa.

Imbagħad wara l-*feature* komplejna nisimgħu l-bandisti tagħna. Wara li kulħadd daqq is-silta tiegħu, il-President tagħna s-Sur Giovanni Gatt għamel kelmtejn tal-okkażjoni u wara ta tifkira lill-parteċipanti kollha. Il-Music Link tana żewġ premijiet biex jingħataw lill-iktar alliev/bandist li jġib udjenza tarah. Dawn intrebħu minn Matthew Vella li kien segwit minn Samuel Muscat. Ringrazzjament speċjali għal din l-attività jmur lis-Surmast Direttur Tancred Grech u l-Assistent Surmast Neville Pace li ppreparaw lill-parteċipanti, lill-Kunsill Lokali tal-Imġarr tas-sapport, u lill-parteċipanti kollha.

Wara li tlestiet l-parti mużikali, l-attività ssokktat b'*Wine & Pizza Party* fuq il-bejt tal-Kunsill. Hu maħsub li s-serata 'Flimkien għall-banda' tidħol fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna u tibqa' ssir kull sena.










BANIF
BANK












Flimkien għall-banda
6 ta' Ġunju, 2014
BANIF



# Il-Banda tal-Imġarr

Kitba ta' Joseph Caruana

Waqt is-serata 'Flimkien għall-banda' kien intwera *feature* dwar il-Banda Mġarrija. L-iskript tal-*feature* ktibtu jien. Il-muntaġġ u l-editjar sar mis-Sur Raymond Muscat. B'talba ġenerali qed nippubblikaw l-i*script* u wħud mir-ritratti li dehru f'dan il-*feature*. Min jixtieq kopja tal-*feature* fuq DVD jista' jkellem xi membru tal-Kumitat. Tingħata donazzjoni ta' €10 għal kull kopja. Din id-donazzjoni se tmur għall-finanzjament tat-tagħlim tal-banda.

L-Imġarr raħal żgħir imma b'qalb kbira. Qalb ġeneruża bil-fatti u mhux bil-kliem. Tul iż-żminijiet saru bosta tentattivi biex dan ir-raħal pittoresk ikollu l-banda tiegħu, bħall-kumplament tal-bliet u rhula Maltin u Għawdxin. Fl-aħħar din il-ħolma saret realtà, meta fit-13 t'Ottubru, 2011 twaqqfet is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Ħolma żgħażugħa li saret possibbli grazzi għalikom.
















Kienet triq għat-telgħa u xejn faċli biex din il-ħolma titwettaq. Iżda bl-għajnuna ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema u bil-ġenerożità tal-Imġarrin komplejna niktbu l-istorja ta' raħalna. B'hekk is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema saret l-ewwel u l-unika għaqda mużikali fl-Imġarr. L-għan ewlieni tagħha jkun dak li tkattar il-kultura permezz tal-arti mużikali, u dan, sa fejn ikun possibli, bla ħlas, u għal kulhadd. Minn dakinhar sal-lum għaddew bosta xhur u bil-ħidma għaqlija tal-kumitati li mexxewha, is-Soċjetà tagħna bdiet tikseb is-suċċessi.

Kellna bidu iebes u sakemm sibna saqajna ltqajna ma' bosta ostakli, imma r-rieda, id-determinazzjoni u l-entużjażmu għal banda, imlewna b'kuraġġ biex nibqgħu nħarsu 'l quddiem.

























Din il-ħolma ma kinitx ċajta. Kollox kellu jibda mix-xejn, u f'dinja tal-lum meta kulħadd huwa mehdi bit-teknoloġija biss, li bħal donnha ħakmet il-bniedem kompletament, żmien u fuq kollox nies b'determinazzjoni biex jaħdmu għall-bidu ta' din il-ħolma, ma kienu faċli xejn li ssibhom. Konvint li kull min aċċetta s-sejħa li għamiltlu biex jissieħeb miegħi fil-Kumitat tal-Banda għall-ewwel ma kienx jaf għal xiex kien dieħel. Imma llum, wara li l-Banda Mġarrija bdiet tintegra sew fir-raħal u fi gżiritna, dawn il-fundaturi ċertament għandhom għax iħossuhom kburin li kellhom ikunu huma li bil-kontribut tagħhom l-Imġarr għandu l-Banda tiegħu. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema twaqqfet uffiċjalment fit-13 t'Ottubru, 2011 waqt l-ewwel Laqgħa Ġenerali tal-istess għaqda li nżammet fil-binja tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Waqt din il-laqgħa ġie approvat l-istatut tas-Soċjetà u ġie elett l-ewwel Kumitat Eżekuttiv, kellu lis-Sur Giovanni Gatt bħala President, lis-Sur Joseph Caruana Segretarju Ġenerali u lis-Sinjura Mary Abela bħala Kaxxiera. Is-Sinjuri Clayton Gauci, Christian Vella, Angela Muscat, Paul Said u Victor Mifsud kienu l-membri l-oħra. Ta' min jgħid iżda li wara ftit taż-żmien kien hemm bidla f'dan l-istess Kumitat bid-dħul tas-Sinjura Marija Vella, u bit-tluq tas-Sinjuri Said u Mifsud. Minn hemmhekk qatt ma ħarisna lura, ħdimna u stinkajna għall-ġid tal-Banda, li għalina hi prijorità u tiġi l-ewwel u qabel kollox.












Il-ħidma meħtieġa biex titwaqqaf banda kienet immensa, kien hemm bżonn jinkisbu l-permessi u r-reġistrazzjonijiet neċessarji, u fl-istess waqt tibda l-funzjoni vera tal-għaqda,














it-tagħlim tal-mużika. Kien jeħtieġ li jkollna l-arma u l-innu tagħna, kellna nagħmlu standard u sett libretti bil-marċi u bosta opri oħra.

Is-Surmast Mario Testa nħatar bħala l-ewwel Surmast Direttur u għalliem tal-Banda. Saret sejħa għal dawk li kienu interessati jsieħbu lis-Soċjetà u fl-istess ħin jitgħallmu jdoqqu fi ħdanha. Dawn ġew mistiedna jattendu għal laqgħa li saret għalihom fl-Oratorju nhar it-23 ta' Novembru, 2011 fil-5.00 ta' filgħaxija. Kulħadd baqa' mistagħġeb bil-konkorrenza. Numru kbir ta' tfal u żgħażagħ inġabru fl-Oratorju ħerqana biex ifittxu jibdew jitgħallmu l-banda. Minn dakinhar 'l hawn dejjem kien hemm konsistenza fin-numru ta' allievi, u dan baqa' jimliena b'kuraġġ. Maż-żmien saru bosta tibdiliet biex jitjieb il-livell tat-tagħlim tal-mużika. Wara xi xhur li konna ilna noffru t-tagħlim tal-banda mill-Oratorju "Qalb bla tebgħa ta' Marija", inħsadna bl-aħbar li ma konniex se























nitħallew nużaw aktar dan il-post. Għalhekk kellna nħabbtu bieb ieħor. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr laqagħna fi ħdanu u aħna komplejna bil-ħolma tagħna. F'Lulju, 2012 Mro Nicholas Vella nħatar Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba. Xi ġimgħat wara, Vella ġie maħtur Surmast Direttur u Mro Tancred Grech inħatar Assistent Surmast u għalliem tas-sezzjoni tar-ramm u perkussjoni.



Wasal il-jum tas-Sibt 11 t'Awissu, 2012. Jum l-Inawgurazzjoni u t-tberik tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema. Kien jum storiku u memorabbli li kulħadd għadu jiftakar. Dakinhar, wara li saret quddiesa ta' radd il-ħajr, sar it-tberik tal-Banda. Imbagħad l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema daqqet għall-ewwel darba l-innu tagħha, li għandu kompożizzjoni tas-Surmast Mario Testa u lirika tal-mibki Ġorġ Bianchi. Wara l-Banda akkumpanjata mill-partitarji u parruċċani daqqet għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr.

Wara Jum l-Inawgurazjoni l-Kumitat Eżekuttiv ħadem kemm felaħ biex is-Soċjetà ngħatat id-dritt li tkun parteċipi fil-Festa Titulari ta' Santa Marija, Patruna tal-Imġarr. Dan kollu wasal grazzi għal ftehim li ntlaħaq mal-Fondazzjoni Festi u Kultura Mġarr. Ftehim li daħal fis-seħħ fil-Festa 2013.























F'din l-istess Festa ħarġu l-ewwel bandisti Imġarrin idoqqu mal-Banda tagħna. Ftit xhur wara l-Kumitat ħass li għandu jagħmel pass kruċjali fit-tagħlim tal-mużika. Għalhekk Mro Tancred Grech inħatar Surmast Direttur u Mro Neville Pace ġie maħtur Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba. B'din id-deċiżjoni l-Banda ħadet spinta kbira 'l fuq. Twaqqfet ukoll il-Kummissjoni Banda biex tgħin lill-għalliema u l-Kumitat Eżekuttiv fil-ħidma relatata mal-Banda.

Is-servizzi mużikali huma importanti ħafna għalina, dan għaliex mhux biss jgħinuna wisq f'dik li hi pubbliċità, imma dejjem permezz tagħhom jirnexxielna nidħlu għal esperjenzi ġodda. Sa issa l-Banda tagħna daqqet dakinhar tal-Inawgurazzjoni, fil-festa ta' Corpus Christi 2013, waqt it-tifkira għall-vittmi tal-Gwerra fis-sena 2012 u 2014, fil-Festa Titulari tal-Imġarr 2013, waqt maratona organizzata b'risq id-Dar tal-Providenza f'Marzu 2014, nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju fil-Festa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar u nhar il-Ħadd 27 ta' Lulju fil-Festa tas-Salvatur Ħal Lija. U ma għandniex xi ngħidu se tkun qed terġa' ddoqq issa fil-lokalità tagħna, fil-Festa Titulari ta' Santa Marija, Patruna tagħna l-Imġarrin. B'sodisfazzjon














L-ewwel
Anniversarju
Tal-banda
Ta L-Imgarr




Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgha
s-Sema L-Imgarr
A.D. 2011
Narawkom
IKLA
15/2/14
@ 7.30pm
L-Imgarr United
Youth Nursery
Kbar €15 Tfal €8
Bookings 77471560 –
79391306

Bookings u dettalji fuq 79674678

Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgha
s-Sema L-Imġarr
A.D. 2011
Ikla b'riżq il-banda
Cavett Place
L/o Tal-Ħandaq
8/3/14 @ 7.30pm
Kbar €17
Tfal €8
Bookings 77471560 –
79391306

Soċjetà Filarmonika Marija
Mtellgha s-Sema
L-Imgarr A.D.2011
ĠURNATA
GHAWDEX
16/4/14
Kbar €20 Tfal €14
Bookings:77471560
79391306

Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgha
s-Sema L-Imġarr
A.D. 2011
Narawkom
IKLA
29/3/14
@ 7.30pm
L-Imġarr United
Youth Nursery
Kbar €15 Tfal €8
Bookings 77471560 –
79391306
















kbir għalina, għal din il-Festa se jiddebuttaw 7 bandisti oħra, biex issa l-ammont ta' bandisti tal-post se jitla' għal 18, kollha frott il-ħidma tagħna. Min jaf dawn iż-żgħażagħ kieku ma twaqqfitx il-Banda Mġarrija kinux jitgħallmu l-banda xi mkien ieħor ... jew










diżgrazzjatament kinux jaqbdu toroq oħra, forsi wkoll sfortunatament kif ġralhom oħrajn, jitilqu lejn xi direzzjoni traġika mkaxkrin minn xi vizzju ikrah.

Jekk tul l-istorja tas-Soċjetà jirnexxielna nbegħdu mqar żagħżugħ jew żagħżugħa minn xi vizzju żgur li nkunu lħaqna wieħed mill-għanijiet tagħna. L-ispejjeż li tirrikjedi Soċjetà bħal tagħna huma kbar. L-iktar bħalissa meta qegħdin fl-istadju li jkollna l-każin tagħna. Ftit ġimgħat ilu ħtarna s-Sezzjoni Nisa. Din is-Sezzjoni qed tkun ta' għajnuna kbira biex jinġabru l-fondi meħtieġa. Bit-twaqqif tas-Sezzjoni Nisa u l-Kummissjoni Banda, il-Kumitat Eżekuttiv qed jikkonċentra iktar fuq il-proġett tal-każin mingħajr ma jnaqqas mill-impennn mużikali. Ix-xiri tal-istrumenti ma jonqos qatt u l-ispejjeż biex nibqgħu noffru t-tagħlim bla ħlas ikun ta' piż jekk ma nsibux lilkom. Biex il-qagħda finanzjarja tibqa' sostenibbli qed norganizzaw bosta attivitajiet.

Il-konkorrenza dejjem tkun sodisfaċenti u flimkien mal-ġbir tad-donazzjonijiet mid-djar, ir-rota tibqa' ddur. Sors ieħor ta' introjtu huma r-reklami li niġbru għall-ktieb li nippubblikaw fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Pubblikazzjoni tajba u mfittxa ħafna mir-residenti u mid-dilettanti tal-festi. Din il-pubblikazzjoni hi l-vetrina tagħna. Minbarra li fiha nesebixxu l-ħidma tagħna ta' matul is-sena, hi mezz importanti ta' introjtu għalina. Għalhekk ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil kull min jagħti sehem f'din l-inizjattiva, speċjalment lill-Bord Editorjali li jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni annwali. Bla dubju ta' xejn tifhmu li tinħtieġ ħidma kbira u impenjattiva biex din il-pubblikazzjoni tasal għandkom.

Hu ppjanat li fix-xhur li ġejjin inkomplu norganizzaw diversi attivitajiet. Kull min attenda għal xi attività, kienet x'kienet, ikla, *barbeque, coffee mornings, buffett*, ġranet Għawdex u Sqallija, ħa gost ħafna u kontu intom stess li tlabtuna nibqgħu norganizzawhom, għalhekk ninsabu ċerti li se nerġgħu naraw ħafna minnkom għal dak li se jkollna għalikom fix-xhur li ġejjin ukoll.

Kif qed taraw aħna determinati li nibqgħu mexjin 'il quddiem, nittamaw li l-appoġġ tagħkom ma jonqosx. L-għan ewlieni tibqa' l-banda, u l-attività prinċipali tagħna tibqa' l-Festa ta' Santa Marija. Meta jkollna l-każin lest inkunu nistgħu norganizzaw iktar attivtajiet, bħal wirjiet u ikliet. Dan kollu nagħmluh għall-ġid tal-Imġarr u l-Banda tiegħu.











Hi x-xewqa tagħna li jkollna l-*website* tagħna. B'hekk inkunu nistgħu nilħqu iktar nies, il-paġna tal-*facebook* tagħna hi popolari ħafna u ferm mfittxa iżda meta jkollna l-*website* żgur inkunu tlajna tarġa oħra 'il fuq. Imma dan il-pass irridu nistennew ftit għalih, minħabba li fil-preżent m'għandniex il-fondi neċessarji. Il-Banda dejjem tinħtieġ xi ħaġa. Għall-Festa ta' din is-sena se nżanżnu sett libretti bil-marċi proċessjonali u innijiet Marjani u ieħor bil-marċi brijużi. Warajhom se nagħmlu sett bil-marċi funebri. Hi x-xewqa tagħna li nkomplu l-uniformi tal-bandisti. Jonqosna l-beġis tal-brieret u l-lazzijiet. Dawn kollha jinvolvu spejjeż kbar u li kieku ma nsibux qlub ġenerużi, kif dejjem sibna, ma nistgħux inwettquhom.



Kuljum il-Banda qed iżżid fil-popolarità tagħha. Bis-saħħa tal-paġna tal-*facebook* u ta' ħutna emigranti Imġarrin












qed nissemmew anke barra minn gżiritna. Il-ktieb ta' tifkira li ħriġna fl-okkażjoni tat-Tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Banda, u dak fil-Festa 2013 qiegħed ferm għal qalb il-partitarji tagħna u bosta emigranti. L-istess jingħad għas-*cd* u t-t *shirts* li ħriġna fil-Festa tas-sena l-oħra. Nixtiequ li fix-xhur li ġejjin nirrekordjaw sett ta' marċi brijużi biex inkunu nistgħu nibqgħu ngawdu l-Banda tagħna s-sena kollha.

Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema hi Soċjetà żagħżugħa mimlija entużjażmu






u enerġija. Soċjetà li għad li hi l-aħħar banda li twaqqfet fil-gżejjer Maltin diġà bdiet tikseb is-suċċessi. Nemmnu f'dak li diġà akkwistajna u determinati li ntejbuh. Ninsabu ċerti li għandna żewġ surmastrijiet li qed jagħmlulna ġieħ. Ma nkunux qed niftaħru jekk nistqarru li ħafna soċjetajiet jgħiru għalina għax irnexxielna nakkwistaw tnejn mill-aqwa surmastrijiet li hawn fil-gżejjer Maltin. Għalliema kwalifikati u kapaċi u fuq kollox mimlija entużjażmu u ħeġġa.



Għalkemm neqsin mill-esperjenza l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv jaħdmu id f'id u magħqudin bħal katina. Ilkoll għal għan wieħed, dak li ntejbu isem l-Imġarr u l-Banda tiegħu. F'Ottubru li għadda ġie ffurmat Kumitat ġdid u ma' dawk tas-snin ta' qabel ingħaqdu s-Sinjuri Colin Falzon, Jesmond Muscat, Sandro Muscat, Chris Abela u Rose Apap Bologna. Ilkoll lesti li għall-ġid tal-Imġarr u l-Banda tiegħu naħdmu u niftehmu ma' kulħadd. Żgur li qatt mhu se nkunu strument ta' firda iżda nixtiequ li l-Imġarrin kollha jaħdmu f'armonija waħda biex irħula u bliet oħra mhux biss jgħiru għall-għaqda ta' bejnietna iżda jagħmlu li jistgħu biex jimitawna. Minn qalbna nirringrazzjawkom tal-kuraġġ li dejjem għamiltulna, nirringrazzjawkom tal-għajnuna li tajtuna, tar-rigali u donazzjonijiet li minn żmien għal żmien irregalajtulna. L-iskop ta' dan il-*feature* kien li nwasslu ftit tagħrif dwar il-Banda tagħna, il-Banda tagħkom. Nemmnu li l-ġenerożità tagħkom se tibqa' magħna għal dejjem, u aħna dejjem nistennewkom biex tissieħbu magħna. Inħeġġukom biex titħajru intom u tħajru lil uliedkom jiġu jitgħallmu strument mal-banda tagħna. It-tagħlim tal-mużika jkattar l-kultura. Il-volontarjat jagħti sodisfazzjon kbir u hu mezz b'saħħtu biex ibiegħed lil uliedna u liż-żgħażagħ tagħna mill-vizzji koroh li hawn madwarna. Marija Mtellgħa s-Sema, Patruna tagħna l-Imġarrin u Omm il-Banda tagħna, żomm idejk fuqna u ħarisna kif dejjem int ħarist, għinna nwettqu dak li trid int minna u żommna 'l bogħod mit-tentazzjoni. Aħna lilek Ommna nqimu. Ħelwa, saltan fuqna, issa u għal dejjem.








# DAVID AGIUS

**Ħidma b'Lealtà ... Dejjem għas-Servizz Tiegħek**

***Whip tal-Grupp Parlamentari Nazzjonalista u Shadow Minister għall-Kunsilli Lokali***



David u l-familja tiegħu jawguraw lilek u l-familja tiegħek il-Festa t-tajba

187, Triq Santa Katarina, H'Attard
7942 3101 jew 2141 7807
E-mail: david.agius@gov.mt
Website: www.davidagius.org
Facebook: David Agius MP
Twitter: davidagiusmp

Available on the App Store
Google play

| | |
|---|---|
| **7 Distrett** | **ĦAD-DINGLI, L-IMDINA, L-IMĠARR, L-IMTARFA, IR-RABAT, ĦAŻ-ŻEBBUĠ** |
| **11-il Distrett** | **H'ATTARD, ĦAL BALZAN, IL-MOSTA** |



# L-Alljievi tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

## Alljievi tas-Sezzjoni strumenti tal-qasba



**Mix-xellug: Katrina Gatt, Mro Neville Pace (Assistent Surmast) u Kaysee Muscat.**
**Mhux fir-ritratt: Grech Moira, Mifsud Francesca, Miriana Muscat,Mifsud Michaela u Sammut John**

## Alljievi tas-Sezzjoni strumenti tar-ramm u perkussjoni



**Wara mix-xellug: Andrew Abela (Ewfonju), Eżekjel Gauci (Althorn), Kurt Muscat (Ewfonju), Therese Quattromani (Kornu).**
**Quddiem mix-xellug: Samuel Muscat (Kurunetta), Mro Tancred Grech (Surmast Direttur), Mitchell Camilleri (Althorn).**
**Nieqes mir-ritratt: Joe Debono (Baxx).**

# Programm tal-Festa 2014
## Santa Marija Mtellgħa s-Sema
## L-Imġarr
## Festi Interni

### Il-Ġimgħa, 8 t'Awwissu
*Ħruġ tal-Istatwa min-Niċċa.*
*Nitolbu għal ħutna li mietu matul din l-aħħar sena*

**6.30pm.** Rużarju.
**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Willie Vella (Kleru Parroċċa Mosta). Janima Folk Group. Wara jsir il-ftuħ tan-niċċa u tinħareġ l-Istatwa Titulari.

### Is-Sibt, 9 t'Awwissu
*Bidu tal-Kwindiċina*

**6.30pm.** Rużarju.
**7.00pm.** Quddiesa fuq iz-zuntier. Janima Ta' Bernard Folk Group. Dħul tal-Istatwa Titulari fil-Knisja, Antifona u Barka Sagramentali animati mill-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

### Il-Ħadd, 10 t'Awwissu
*Preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal iż-żgħar lil Marija Assunta*

**10.30am.** Quddiesa konċelebrata minn Patri Paul Galea OFM Min. Antifona u Barka Sagramentali. Wara ssir il-preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal żgħar lill-Madonna. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

### It-Tnejn, 11 t'Awwissu
*Jum l-emigranti*

**6.30pm.** Rużarju.
**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Alfred Vella (Delegat Kummissjoni Emigranti). Janima Folk Group. Wara Antifona u Barka Sagramentali. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

### It-Tlieta, 12 t'Awwissu

**6.30pm.** Rużarju.
**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Lawrenz Gauci (Kappillan Parroċċa Lourdes, Paola). Janima Folk Group. Wara Antifona u Barka Sagramentali animati mill-Kor Parrokkjali Regina Coeli.



## L-Erbgħa, 13 t'Awwissu

**6.30pm.Rużarju.**

**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Edgar Vella (Kuratur Mużew tal-Katidral). Janima Folk Group. Wara Antifona u Barka Sagramentali animati mill-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

## Il-Ħamis, 14 t'Awwissu

*Jum il-koppji miżżewġin*

**6.30pm.** Rużarju.

**7.00pm.** Quddiesa (tal-Vġili ta' Santa Marija) konċelebrata minn Dun David Cilia (Tribunal Ekklesjastiku). Janima Ta' Bernard Folk Group. Wara Antifona u Barka Sagramentali animati mill-Kor Parrokkjali Regina Coeli. Mistiedna jġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom speċjalment il-koppji li ċċelebraw żwieġ Nisrani f'din l-aħħar sena, u dawk il-koppji li din is-sena qed ifakkru l-10, il-25 u l-50 sena ta' żwieġ Nisrani.

## Il-Ġimgħa, 15 t'Awwissu

*Solennità Marija Mtellgħa s-Sema.*
*Jum l-għaqdiet. Il-Kor Parrokkjali Regina Coeli*
*jfakkar il-50 Sena mit-twaqqif*

Il-Quddies ikun bħal tal-Ħadd.

**10.30am.** Quddiesa konċelebrata minn Mons. Dun Anton Portelli (Delegat Amministrazzjoni Finanzi Kurja). Mistiedna speċjalment il-membri tal-għaqdiet reliġjużi u ċivili. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

## Il-Ħadd, 17 t'Awwissu

**Il-Quddies ikun bħal tal-Ħadd.**

# It-Tnejn, 18 t'Awwissu

*Jum l-isportivi*

**6.30pm.** Rużarju.

**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Jimmy Bonnici (Rettur tas-Seminarju). Janima Folk Group. Wara Antifona u Barka Sagramentali animati mill-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

# It-Tlieta, 19 t'Awwissu

*Jum it-tfal u l-ġenituri.*

**6.15pm.** Rużarju, Antifona u Barka Sagramentali animati mill-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

Konfessuri disponibbli għall-qrar għat-tfal u l-ġenituri.

**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Roy Galdes (Segretarjat Kleru Kurja). Janima l-Kor tat-Tfal Anġli Ferrieħa. Wara purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija tat-Tfal sa ħdejn id-Dar Parrokkjali fi Triq Dun Edgar.

# L-Erbgħa, 20 t'Awwissu

*L-ewwel jum tat-Tridu*

**6.30pm.** Rużarju.

**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Nicholas Cachia (Direttur Spiritwali Seminarju Maġġuri). Wara Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

# Il-Ħamis, 21 t'Awwissu

*It-tieni jum tat-Tridu*

**6.30pm.** Rużarju.

**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Nicholas Cachia (Direttur Spiritwali Seminarju Maġġuri). Wara Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

# Il-Ġimgħa, 22 t'Awwissu

*It-tielet jum tat-Tridu*

**6.30pm.** Rużarju.

**7.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Nicholas Cachia (Direttur Spiritwali Seminarju Maġġuri). Wara Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

## Is-Sibt, 23 t'Awwissu

*Lejlet il-Festa Titulari*

**9.00am.** Quddiesa b'mistiedna speċjali l-anzjani u l-morda, konċelebrata minn Dun Valent Borg (Kleru Parroċċa Ħal Tarxien) u jiġi amministrat s-Sagrament tal-Morda. Fit-tmiem jitkanta t-Te Deum. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli. Wara l-anzjani jinġabru fuq iz-zuntier.

**6.30pm.** Tranżulazzjoni Solenni tar-Relikwija mill-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani, minn Kan. Dun Lawrenz Zammit (Uffiċċju Żwiġijiet Kurja). Wara tkun traspostata r-Relikwija tal-Madonna b'purċissjoni li tgħaddi minn Toroq Dun Edgar, San Pawl u Sir H. Luke. Dħul bil-kant tal-Antifona.

**7.00pm.** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Kan. Dun Lawrenz Zammit. Wara Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli u l-Orkestra Marija Bambina tal-Mellieħa mmexxija mid-Direttriċi Mary Cauchi.

## Il-Ħadd, 24 t'Awwissu

*Jum il-Festa Titulari*

Ħinijiet Quddies: 5.30, 7.00, 7.30 (Knisja S. Anna), 9.00 (Solenni), 11.00am, 6.00pm.

**9.00am.** Konċelebrazzjoni Solenni. Jinseġ il-Paniġierku Mons. Dun Joseph Sultana, Arċipriet Parroċċa Għarb, Għawdex. Janima l-Kor Notre Dame ta' Ħaż-Żabbar u Orkestra mmexxija mis-Surmast Clifford Cauchi. *N.B. Din il-quddiesa hija l-qofol tal-Festa Titulari, għalhekk aħna lkoll imħeġġa nkunu preżenti.*

**11.00am.** Quddiesa.

**12.00pm.** Angelus. Tingħata l-offerta għall-irfiegħ tal-vara (skont tradizzjoni li tmur lura għas-sena 1923).

**6.00pm.** Quddiesa konċelebrata minn Dun Noel Vassallo (Kappillan Parroċċa Ħ'Attard). Janima l-Grupp Voices of the Cantores.

**7.00pm.** Ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija. Il-purċissjoni devota tgħaddi mit-toroq: Kurat Chetcuti, Il-Kbira, Vitale (jingħad ir-Rużarju), San Pawl, Dun Edgar, Misraħ il-Ġublew, Sir H. Luke (reffiegħa voluntiera), San Pawl (reffiegħa voluntiera), Santa Marija u Fisher.
Fid-dħul, Antifona u Barka Sagramentali. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.
Membri tal-għaqdiet, ir-reffiegħa u persuni involuti fil-festa jersqu quddiem l-Istatwa Titulari, jagħtu t-tislima lill-Madonna bil-kant tas-Salve Regina u l-Innu Mġarr Iben Marija.

## Is-Sibt, 30 t'Awwissu

*Għeluq tal-festa u d-dħul tal-vara fin-Niċċa*

**7.00pm.** Quddies. Fit-tmiem jitkanta t-Te Deum. Wara l-Quddiesa l-Istatwa Titulari tiddaħħal mill-ġdid fin-niċċa. Janima l-Kor Parrokkjali Regina Coeli.

# Sehem is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr fil-Festa Titulari ta' Santa Marija 2014

It-Tlieta 19 t'Awwissu, 2014

*Festa tat-tfal*

**7.45pm** Wara li tintemm il-quddiesa, il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tieħu sehem bid-daqq ta' innijiet Marjani waqt il-purċissjoni bl-Istatwa ta' Santa Marija li tkun animata mit-tfal. Il-purċissjoni tat-tfal bl-Istatwa toħroġ mill-Knisja sad-dar tal-Kappillan.

L-Erbgħa 20 t'Awwissu, 2014

**8.30pm** Ikla tal-Festa, L-Imġarr Youth Nursery F.C. Bar.
(Bookings and dettalji 7967 4678, 9944 1502, 7939 1306.

Il-Ġimgħa 22 t'Awwissu, 2014

*L-aħħar jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn dawn it-toroq:
L-Ispikka, Il-Plejju, Il-Magħkuba, Il-Banjijiet Rumani, Fisher, Santa Marija, Ramiro Calì, Sir Harry Luke, Pjazza tal-Knisja, Kurat Chetcuti, Dun Oraz, Vitale, Il-Kbira, Wesgħat il-Ġublew.

## Is-Sibt 23 t'Awwissu, 2014

*Lejlet il-Festa*

**6.00pm** Il-Banda tas- Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel marċ sal-kappella tas-sorijiet u wara l-banda takkumpanja t-Transulazzjoni b'daqq ta'marċi u innijiet f'dawn it-toroq:
Wesgħat il-Ġublew, Dun Edgar, San Pawl, Santa Marija, Fisher, Wesgħat il-Ġublew sal-knisja.

**8.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn Wesgħat il-Ġublew, Dun Ġużepp Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

**9.00pm** Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-pjanċier. Jidderieġi l-banda s-Surmast Direttur Mro Tancred Grech FLCM, B.A(Hons) Music, PGCE
Waqt dan il-programm il-banda se żżanżan l-Innu Marċ 'Sultana tal-Imġarr' li għandu kompożizzjoni ta' Mro Tancred Grech u lirika ta' Joe Julian Farrugia. Se jiġu pprovduti siġġijiet bla ħlas biex kulħadd ikun jista' jsegwi dan il-programm mużikali.

## Il-Ħadd 24 t'Awwissu, 2014

*Jum il-Festa*

**7.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tilqa' l-Istatwa Titulari ta' Santa Marija ħierġa mill-Knisja bid-daqq tal-Innu "l-Imġarr iben Marija" u twassalha sal-planċier fejn minn fuqu l-Banda Imperial iddoqq l-Innu. Wara l-Banda Mġarrija takkumpanja l-purċissjoni bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema f'dawn it-toroq:
Wesgħat il-Ġublew, Il-Kurat Chetcuti, Il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew. Kif il-purċissjoni tasal fi Triq Sir Harry Luke, iż-żewġ baned jimxu wara xulxin bil-Kor Parrokkjali *Regina Coeli* fin-nofs fejn jindaqqu Innijiet Marjani. Fi Triq San Pawl titqassam ix-xemgħa u wara l-purċissjoni tgħaddi minn dawn it-toroq: Santa Marija, Fisher, Wesgħat il-Ġublew.

Dan il-programm hu suġġett għal xi tibdil li jseħħ
fl-aħjar interess tal-Festa ta' Santa Marija.

Viva Santa Marija Sultana
tal-Imġarr
Omm il-Banda tagħna



# Programm Vokali u Strumentali mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, tal-Imġarr

*Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech fuq il-pjanċier f'Wesgħat il-Ġublew l-Imġarr, nhar is-Sibt, 23 ta'Awwissu, 2014.*

**L-Ewwel Parti**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | **L-Imġarr iben Marija** | Mużika Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| Overture | **Manhattan Tower** | Gordon Jenkins & Glenn Osser |
| Concerto | **Rondo Veneziano** | Gian Piero Reverberi/Ivano Pavesi |
| Concerto | **Concerto for Drum Set** | Lary Neeck |
| Tema | **Parade of the Charioteers** | Miklos Rozsa |
| Tema | **Skyfall** | Arr. Jay Bocook |
| Selection | **Best of the Beatles** | John Moss |
| Sinfonija | **Antonin's New World** | Antonin Dvorak<br>Arr.Dizzy Stratford |

**It-Tieni Parti**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Marċ | **Sultana tal-Imġarr**<br>(Omm il-Banda tagħna) | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Silta | **Introducing the band** | Kees Vlak |
| Soundtrack | **You'll be in my heart** | Phil Collins<br>Arr. Jan van Kraeydonck |
| Rock | **William Tell Rock** | Gioacchino Rossini<br>Arr. John Tatgenhorst |
| Soundtrack | **Gladiator** | Arr. Frank Bernaerts |
| Talba | **Ave Maria** | Bach/Gounod |
| Innu tal-Banda | **Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav.Ġorġ Bianchi |

Ikantaw Amber Bondin u Pauline Vella.

Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat.

Ser jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed ikun jista' jsegwi l-programm aħjar.

Kulħadd hu mitlub biex ikun f'postu fid-8.45pm.



# Tagħrif fuq il-mużika

## *li se tindaqq fil-Programm Vokali u Strumentali ta' lejlet il-festa mill-Banda 'Marija Mtellgħa s-Sema'*

**Kitba ta' Joseph Caruana**

**Overture** | **Manhattan Tower** | **Gordon Jenkins & Glenn Osser**




Il-kompożizzjoni *Manhattan Tower* inkitbet minn Gordon Jenkins fl-1940. L-ewwel darba li ħarġet għall-pubbliku kien fl-1946. Għall-ewwel din is-silta pjuttost innovattiva, għal dak iż-żmien, ma tantx intlaqgħet tajjeb. Fil-ħamsinijiet Jenkins reġa' kiteb bosta siltiet minn din il-kompożizzjoni. Fil-fatt hu tawwal is-silta għal tliet darbiet il-ħin oriġinali.

Il-*Manhattan Tower* tittratta sitwazzjoni, jew aħjar relazzjoni ta' imħabba bejn Jimmy u Mary, li seħħet wara l-Gwerra. It-torri jirrappreżenta l-post li fih kien joqgħod Jimmy. Din il-mużika fiha diversi siltiet sbieħ u mexxejja. L-arranġament għall-banda sar minn Glenn Osser .

L-iktar silta popolari mill-*Manhattan Tower* hi bla dubju l-kanzunetta *Married I can always get*, mill-kompożizzjoni tal-1956.

Micki Marlo, Yeddi King u Jeri Southern ilkoll ħarġu *cover version* ta' din is-silta. Marlo saħansitra semma wieħed mill-albums tiegħu *Married I Can Always Get*. Sammy Davis Jr u Patty Page rrrekordjaw verżjonijiet oħra ta' din il-kompożizzjoni.

**Concerto** | **Rondo Veneziano** | **Gian Piero Reverberi/ Ivano Pavesi**




Ir-Rondo Veneziano hi mużika Taljana ispirata mill-istil barokk, b'taħlita ta' ħsejjes pop u rock. Din il-kompożizzjoni popolari mill-isbaħ inkitbet fl-1979 minn Gian Piero Reverberi. Bla dubju, se tagħrfuha mill-ewwel battuti tagħha għax min jaf kemm-il darba smajtuha. Hi silta mexxejja u movimentata li tolqot il-widna. Int u tisma' din is-silta żgur li tiftakar f'Venezja, u jekk qatt ma żort dan il-pajjiż meraviljuż, issa wara li tisma' din is-silta mużikali, żgur li tikber fik ix-xewqa li tfittex iżżuru. Is-silta magħżula għandha arranġament ta' Ivano Pavesi.

**Concerto** | **Concerto for Drum Set** | **Lary Neeck**

Din is-silta tikkonsisti fi tliet movimenti: 1960 "Rock 'n Roll", "Jazz Waltz" u 1940's Swing. L-ewwel moviment hu fuq l-istil tar-"Rock 'n Roll" tal-1960. Din il-parti hi ispirata mid-*drummer* Sandy Nelson. Sandy kien wieħed mill-aqwa *drummers* tal-ħamsinijiet u sittinijiet, li daqq f'ħafna siltiet fosthom *To know him is to love him* u *Alley Oop*. Fl-istess




żmien hu rrekordja s-*singles* tiegħu l-iktar popolari *Let there be drums* u *Drums are my beat*.

It-tieni moviment hu bbażat fuq l-istil tad-*drummer* Joe Morello. Joe daqq ma' bosta *Jazz bands* iżda baqa' l-iktar popolari għas-sehem tiegħu fil-kwartet Dave Brubeck bejn l-1950 u 1960. Joe hu wkoll magħruf għat-tagħlim li ta fil-qasam tal-*Jazz*.

It-tielet moviment hu bbażat fuq l-istil ta' Gene Krupa. Gene hu wieħed mill-iktar *drummers* popolari tal-era swing. Bħala parti mill-*band* ta' Benny Goodman, hu żviluppa s-solo fil-*jazz* fuq d-*drum set*.

Il-kompożitur ta' din is-silta Lary Neeck għandu iktar minn 50 biċċa xogħol għall-banda, *jazz ensembles* u orkestra. Hu għamel xogħlijiet għall-vjolinista ta' fama internazzjonali, Regina Carter u għas-saxafonista James Carter.

Din is-silta melodjuża b'ritmu movimentat żgur li se tintlaqa' tajjeb u togħġob li kull min jismagħha.

**Tema** **Parade of the charioteers** **Miklos Rozsa**




*Ben Hur* huwa film dirett minn William Wyler fuq in-novella *Ben Hur* - A *Tale of the Christ* ta' Lew Wallace li nkitbet fl-1880. L-ewwel darba li ntwera Ben Hur kien f'Loews Theatre fi New York. *Ben Hur* kien nominat għal tnax-il *Academy Award* li minnhom rebaħ ħdax. Dan il-film għadu popolari ħafna sal-lum u sikwit jintwera fiż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan il-film għandu mużika ta' Miklos Rozsa. Rozsa twieled fl-1907 f'Budapest fl-Ungerija. Ta' ħames snin beda jdoqq il-vjolin sakemm imbagħad fuq insistenza ta' missieru beda jistudja l-kimika fl-Università ta' Leipzig. Iżda għal Rozsa x-xjenza ma kinitx il-linja tiegħu u abbanduna dan l-istudju sena wara li daħal l-università biex intefa' b'ruħu u ġismu jistudja l-mużika. Tul il-karriera mużikali tiegħu hu kkompona bosta tipi ta' mużika, fosthom sinfoniji, serenati, mużika għall-orkestra u anke għall-films. Fost dawn insibu *Knight without Armour* (1937) u *Thief of Baghdad* (1940). Għal bosta snin, Rozsa kien jgħix f'Kalifornja fejn saħansitra miet fis-27 ta' Lulju, 1995.

Mill-film popolari *Ben Hur*, il-banda "Marija Mtellgħa s-Sema" se ddoqq is-silta *Parade of the Charioteer*, li probabbilment hi l-iktar biċċa popolari mill-film kollu.

**Tema** **Skyfall** **Arr. Jay Bocook**




Skyfall hi t-tema tal-film ta' James Bond li ġġib l-istess isem, u li ħareġ fl-2012. F'dan il-film din il-kanzunetta ġiet interpretata mill-kantanta ta' fama mondjali Adele. Skyfall oriġinarjament inkitbet minn Adele stess u minn Paul Epworth. L-orkestrazzjoni saret minn J.A.C. Redford. Din il-verżjoni ta' Skyfall saret l-ewwel tema mill-films ta' James Bond li rebħet l-unuri *Golden Globe, Brit Awards* u *Academy Awards*. L-arranġament, li se tesegwixxi l-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", hu ta' Jay Boocok. Il-Banda se tkun akkumpanjata

mill-kantanta bravissima Gaia Cauchi, li hi wkoll ir-rebbieħa tal-*Junior Eurovision 2013*.

Jay Bocook hu kompożitur professjonali. Hu wkoll jidderiġi diversi baned fin-nofsinhar ta' Kalifornja. Imwieled fi Florida fl-1953, Bocook kiseb lawrja fil-mużika mill-Università ta' Furman fl-1975 u iktar tard ġab ukoll il-*masters* mill-Università ta' Louisaina f'Monroe. Bosta arranġamenti mużikali tiegħu ndaqqu waqt il-Logħob Olimpiku fl-edizzjonijiet tal-1984, 1988, 1996 u 2002.

**Selection** — **Best of the Beatles** — **John Moss**




Mingħajr dubju żgur li kulħadd xi darba sema' bir-*rock band* ta' fama mondjali *The Beatles*. Din il-*band* imwaqqfa f'Liverpool fl-1960 minn John Lennon, Paul McCartney, George Harrison u Ringo Starr tatna bosta kanzunetti li għadhom igawdu popolarità kbira anke illum il-ġurnata. Il-Beatles rebħu bosta unuri tul il-karriera glorjuża tagħhom. Fost il-kanzunetti tagħhom insibu *A hard day's night, Yellow Submarine, Let it be, Twist and Shout, Let it Be* u ħafna oħrajn.

Il-kompożitur John Moss fost il-ħafna arranġamenti li għamel insibu *The Best of Beatles*. Dan ix-xogħol jinkludi diversi suċċessi tal-*band The Beatles*, bħal *Hey Jude* u *A ticket to ride* .

Il-kompożitur Amerikan John Moss ikkompona diversi siltiet u għamel bosta arranġamenti mużikali. Fl-istess ħin li kien imexxi diversi orkestri u baned, hu ggradwa mill-Università ta' Michigan fil-mużika. Iktar tard kien ukoll għalliem tal-mużika fl-istess Università. Minbarra s-silta *The Best of Beatles* John Moss għandu diversi xogħlijiet oħra fosthom *The Streets of Madrid, Russian folk song suite, A Prayer for Peace* u ħafna oħrajn.




**Sinfonija** — **Antonin's New World** — **Antonin Dvořák**
**Arr. Dizzy Stratford**

Is-Sinfonija numru 9, magħrufa aħjar bħala *New World,* inkitbet minn Antonin Dvořák fl-1893 meta kien direttur tan-National Conservatory of Music tal-America. Hu okkupa din il-kariga bejn l-1892 u l-1895. Bla ebda dubju hi l-iktar sinfonija popolari tiegħu kif ukoll waħda mill-isbaħ. Is-sinfonija *New World* fiha erba' movimenti.

Din is-sinfonija kienet ikkumissjonata minn New York Philarmonic u nstemgħet għall-ewwel darba fil-15 ta' Diċembru,1893.

Il-Banda se ddoqq l-arranġament li għamel Dizzy Stratford.

**Silta** — **Introducing the band** — **Kees Vlak**

Il-kompożitur Kees Vlak twieled l-Olanda fit-30 ta' Settembru, 1938. Vlak, minbarra li hu kompożitur famuż, hu wkoll mużiċist bravu ħafna. L-istrument li jdoqq Vlak huwa l-kurunetta. Dan il-kompożitur Olandiż ikkompona diversi siltiet mużikali. Fost dawn insibu *Around the world*, *Fantasy on French Christmas-Songs, The Four Seasons* u s-silta li għażilna din is-sena, *Introducing the band*.

Is-silta *Introducing the band* isimha magħha, għax fil-fatt hi ferm ideali biex tintuża bħala introduzzjoni tal-banda għal xi avveniment importanti, jew aħjar għal xi progamm mużikali bħal dak ta' lejlet il-Festa Titulari. Din il-kompożizzjoni qasira hi ħelwa u mexxejja u fl-istess waqt movimentata. Waqt din is-silta, wieħed ma jdumx biex jintebaħ li mal-battuti li jibdew jindaqqu, dejjem jiżdiedu iktar strumenti. Minflok ma l-istrumenti jibdew idoqqu kollha f'daqqa, l-istrumenti jidħlu f'sekwenza wara xulxin, biex jingħata l-ħin biżżejjed biex jiġu introdotti l-istrumenti kollha. Silta ħelwa li żgur tolqot lil kulħadd.




**Soundtrack** **You'll be in my heart** **Phil Collins**

**Arr: Jan van Kraeydonck**




Bla ebda dubju, żgur li kulħadd xi darba jew oħra sema' l-kanzunetta *You'll be in my heart* tal-awtur Phil Collins. Din il-mużika, li għandha stil *pop rock,* tinsab fuq is-*soundtrack* tal-film animat *Tarzan* li ħareġ fl-1999. *You'll be in my heart* kienet ukoll nominata għall-*Grammy Award* għall-aqwa kanzunetta miktuba għat-televiżjoni jew midja oħra viżiva. Minbarra l-lingwa oriġinali tagħha jiġifieri l-Ingliż, din is-silta ġiet interpretata minn Phil Collins b'diversi lingwi oħra fosthom it-Taljan, il-Ġermaniż, l-Ispanjol u l-Franċiż. Matul iż-żmien ħarġu wkoll bosta *cover versions* ta' din is-silta popolari. Din il-kompożizzjoni għandha arranġament għall-banda ta' Jan van Kraeydonck.

**Rock** **William Tell Rock** **Gioacchino Rossini**

**Arr. John Tatgenhorst**




L-opra *William Tell* inkitbet mill-kompożitur Taljan Gioacchino Rossini fl-1829. Din kienet id-39, u l-aħħar opra, ta' Rossini. Matul iż-żmien ħarġu diversi arranġamenti ta' din l-opra sabiħa. L-arranġament li se ddoqq il-banda Mġarrija hu fuq stil *rock*. Il-*William Tell Rock* fiha diversi movimenti li jagħtu kulur lil din il-kompożizzjoni.

L-introduzzjoni ta' din is-silta melodjuża hi waħda kalma. Il-melodija qiegħda fuq il-flawt, l-obwe u l-klarinett, li jibdew jindaqqu b'espressjoni filwaqt li l-akkumpanjament ikun wieħed kwiet. Dan il-kwiet jinkiser bil-kurunetti li jdoqqu b'moviment *allegro vivace* u wara l-*beat* tal-batterija jkun wieħed fuq stil *rock*. Wara l-moviment *rock* mill-batterija, il-banda tiġi bilanċjata biex l-istrumenti jdoqqu f'moviment *forte*. Dan l-arranġament sar mill-kompożitur John Tatgenhorst.

Waħda mill-professjonijiet ta' Tatgenhorst hi l-kompożizzjoni u l-kitba tal-kanzunetti. John kiteb 'il fuq minn 600 biċċa xogħol u ppubblika 3 kotba dwar il-mużika. Minbarra dan hu jikteb u jagħmel arranġamenti għall-bosta ditti u kumpaniji kummerċjali. Fost dawn insibu l-Microsoft, United Airlines, McDonald's u Pepsi Cola. John qiegħed fil-bord tal-gvernaturi tal-Grammy's ta' Chicago, u jgħallem fl-Università ta' Chicago u Los Angeles.

Tul il-karriera tiegħu hu kiseb bosta unuri fosthom Emmy, Chris, Cilo Telly u Gold Camera Awards. John huwa wkoll imniżżel fil-*Who's Who in the world of music*.

**Soundtrack** — **Gladiator** — **Arr. Frank Bernaerts**




Il-film *Gladiator* ħareġ fis-sena 2000 u llum il-ġurnata għadu jgawdi popolarità kbira. Dan il-film kien suċċess kbir u rebaħ bosta unuri. Il-kompożituri ta' din is-soundtrack popolari huma Hans Zimmer u Lisa Gerrard. Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" din is-sena għażlet ukoll dan is-*soundtrack* popolari, u fil-fatt se ddoqqilna l-arranġament mużikali ta' Frank Bernaerts.

Frank Bernaerts twieled il-Belġju fl-1967. Il-ħajra għall-mużika bdieha permezz tan-nannu tiegħu li kien iħobb ħafna l-mużika u anke kien surmast direttur ta' baned lokali. Frank studja l-mużika f'diversi akkademji mużikali. Hu studja ukoll il-kurunetta,il-pjanu,l-armonija,l-kontrapunt u l-istroja tal-mużika.Frank Bernaerts ilu jagħmel u arranġamenti mużikali sa mill-1989. Fost l-arranġamenti mużikali li għamel insibu *A Team, Aladin, Alice in Wonderland, Another one bites the dust Beauty and the Best ,Gladiator* u ħafna oħrajn.

**Talb** — **Ave Maria** — **Bach/Charles Gounod**




Din is-silta melodjuża hi miktuba mill-kompożitur romantiku Franċiż Charles Gounod.

Is-silta popolari *Ave Maria* hi kurżità għall-istorja tal-mużika. Dan għaliex inkitbet b'kollaborazzjoni bejn żewġ ġenji mużikali li ma għixux fl-istess żminijiet. Hi talba li l-melodija tagħha nkitbet madwar 130 sena wara li nkiteb l-akkumpanjament.

Din is-silta hi taħlita tal-kompożizzjonijiet ta' Bach u Gounod, li dan tal-aħħar għaqqad il-Preludju in D ta' Bach, b'tant kapaċità mal-melodija tiegħu, biex tana din it-talba immortali. Gounod oriġinarjament kien għażel il-poeżija ta' Alphonse de Lamartine "Vers écrits sur un album" għall-kompożizzjoni tiegħu. Imbagħad x'aktarx wara l-1859 għażel il-kliem tal-*Ave Maria*.

Gounod ma kienx jikkonsidra l-*Ave Maria* bħala waħda mill-iktar xogħlijiet importanti tiegħu. Forsi peress li l-melodija biss hi tiegħu, jew għax hi silta qasira. Imma kien x'kien jibqa' l-fatt li l-kompożizzjoni tal-*Ave Maria* tibqa' l-iktar silta popolari ta' Gounod. Illum il-ġurnata din il-mużika tindaqq kullimkien l-iktar fi knejjes waqt tiġien, funerali u akkademji mużikali.

# Bandisti Ġodda 2014



**Wara mix-xellug: Sandro Muscat (Baxx), Mariah Muscat (Klarinett), Oriana Farrugia (Klarinett), Caroline Gatt (Klarinett)**
**Quddiem mix-xellug: Elisa Cilia (Flawt), Mro Neville Pace (Assistent Surmast), Mro Tancred Grech (Surmast Direttur), Martina Gatt (Klarinett)**
**Mhux fir-ritratt: Kristina Mifsud (Klarinett).**

# Frott il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema s'issa…



**Wara mix-xellug: Sandro Muscat (Baxx), Mariah Muscat (Klarinett), Oriana Maria Farrugia (Klarinett), Maylene Muscat (Klarinett), Martina Gatt (Klarinett), Nicholas Apap Bologna (Kurunetta), Semira Galea (Flawt), Rosemarie Abela (Flawt), Jade Marie Falzon (Alto Sax), Caroline Gatt (Karinett).**
**Quddiem mix-xellug: Onishia Muscat (Tambur), Matthew Vella (Kurunetta), Elisa Cilia (Flawt), Mro Neville Pace (Assistent Surmast), Mro Tancred Grech (Surmast Direttur), Joelle Marie Sammut (Kwartin), Owen Galea (Kurunetta), Andre Muscat (Tambur).**


JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819


FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819












# Marċi brijużi

## *li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-Festa ta' Santa Marija 2014*

| | |
|---|---|
| Matthias | Tancred Grech |
| Zenga | Neville Pace |
| Kumitat 2011-2012 | Mario Testa |
| Echo of the Emeralds | Luigi Bongaillas |
| Pablito | Archibald Mizzi |
| Il-Famuża Koppla | Willie Attard |
| Tal-Qalba | Joseph Busuttil |
| Munchengladbach | David Caruana |
| Leona | David Caruana |
| Nigel | Mario Testa |
| Sorrento | Orazio Cachia |
| The King | Archibald Mizzi |
| Nicole | Neville Pace |
| Allegro con fuoco | Victor Vella |
| Santiego de Cuba | Joseph Abela Scolaro |
| Il-Ħbieb | Hector Dalli |
| Martina | Peter Cini |
| Come on the Stripes | Maj. Anthony Aquilina |
| Chinese Rose | Joseph Azzopardi |
| Appasionata | Joseph Abela Scolaro |
| Blue Banner | Luigi Bongaillas |
| Nathan il-King | Tancred Grech |
| Kumissjoni Banda | Ray Sciberras |
| It-Two | Michael Bugelli |
| Agrigento | Andrew Coleiro |
| Cardenia | Hector Dalli |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| L.I.F.E. | Julius Tanti |
| Santos | David Agius |
| Bernardette | Ronnie Pisani |
| St Petersburgh | David Caruana |
| Victory | Vincenzo Ciappara |



# Innijiet u marċi proċessjonali

*li se jindaqqu*
*mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema*
*fil-Festa ta' Santa Marija 2014*

| | |
|---|---|
| Innu tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema | Mużika: Mario Testa |
| | Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |
| Innu Popolari "L-Imġarr Iben Marija" | Mużika: Vincenzo Ciappara |
| | Lirika: Ġanni Cilia |
| Innu Marċ "Sultana tal-Imġarr" | Mużika: Tancred Grech |
| | Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Auxilium Christianorum | Neville Pace |
| Marcia Professionale No 1 | Ray Sciberras |
| Marica Professionale No 2 | Ray Sciberras |
| F'Dik Ħarstek Ħanina | Arr. Ray Sciberras |
| Fil-Ħlewwa ta' Mejju | Arr. Ray Sciberras |
| Fis-Santwarju tal-Madonna | Arr. Ronnie Debattista |
| Innu ta' Fatima | Arr. Ray Sciberras |
| Ismagħha l-Għanja | Arr. Ronnie Debattista |
| Lil Marija Regina | Arr. Ray Sciberras |
| Madonna Sbejħa Tagħna | Arr. Ray Sciberras |
| Oh Kemm Nixtieq Naraha | Arr. Ronnie Debattista |
| Angelus | Arr. Ray Sciberras |
| Ave Maria | Arr. Ronnie Debattista |

Filwaqt li nirringrazzjaw
lil kull min għoġbu jirreklama
f'din il-pubblikazzjoni,
nappellaw lil kulħadd
sabiex jagħmel użu mill-prodotti
u s-servizzi reklamati.


Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG Supplier
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter for LIQUIGAS Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com


P&C CAUCHI
TAL-PAPUSA
MELLIEHA
ALL TYPES OF EXCAVATION WORKS
- Demolition & Excavation works
- Rock cutting, basements & pools
- Hiring of excavators & Earth Moving
- Transport of Aggregate & Sand
Mob : 99899839 79259208


Festa 2013







# Abela Grocery

*...For all your grocery needs!*

Proprietor: Mr. B. Abela

15, Wesgħet il-Ġublew, Mġarr MGR 1040
**Tel: 2157 4817**

*Free Delivery*



# Servizzi Mużikali

*mis-Soċjetà Filarmonika*
*“Marija Mtellgħa s-Sema”,*
*L-Imġarr A.D. 2011*

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 30 ta’ Marzu, 2014 | Maratona b’risq id-Dar tal-Providenza | L-Imġarr |
| 23 ta’ Lulju, 2014 | Festa Marija Addolorata | San Pawl il-Baħar |
| 27 ta’ Lulju, 2014 | Festa Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 19 t’Awwissu, 2014 | Jum it-tfal Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 22 t’Awwissu, 2014 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-Tridu Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 23 t’Awwissu, 2014 | Transulazzjoni – Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 23 t’Awwissu, 2014 | Marċ u Programm Vokali u Strumentali | L-Imġarr |
| 24 t’Awwissu, 2014 | Purċissjoni Festa Santa Marija | L-Imġarr |



NM EXCAVATIONS

www.nmexcavations.com

## Neville Montebello

for all types of

**Demolitions and Excavations**

Trench Works | Rotary Cutting

t. 21414960 m. 79448023

nmexcavations@yahoo.com

Bien Aimee, Incoronation Street, Mosta MST 1627, Malta



# Old Trafford Garage

## Minibus Services & Taxi Service



Ramiro Cali Street, L-Imġarr.

*Prop. Joe Schembri*

**Mob: 99498730**



NENU THE ARTISAN BAKER
ST. FREDERICK
MERCHANT'S STREET
ST. PAUL'S STREET
ST. URSULA STREET
ST. DOMINIC STREET
WE ARE HERE
Nenu The Artisan Baker is a unique outlet serving traditional Maltese Dishes using fresh ingredients, in the ambience of an original restored bakery.
Go back in time and get a feel of how the bread was produced in the old days. One can also participate in practical demonstrations to prepare the Ftira, baked in an authentic stone oven.
Nenu the Artisan Baker is part of MAYPOLE group
Nenu The Artisan Baker - 143, St. Dominic Street, Valletta T: 22581535
E: info@nenuthebaker.com www.nenuthebaker.com




Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
DERBY
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
ALPHA
Bikrija
Safra
SLANEY
DERBY
SAVANNA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
Bajda
Bajda
DRUID
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com
Ħamra
Ta' Għajnha Ħamra

# JIMMY VASSALLO (Ta' Fellusa)




## JIMMY: 99 478 188

- Ghall Prezzijiet Realistici u Servizz fil-pront
- Ghall Qtugh ta' Blat - Xoghol ta' Thammil
-Twaqqiegh Ta' Bini - Xoghol bil Jack Hammer
- Kiri ta' Dumper

Gino Flats/1, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MGR 1507, Malta

# J&J GAUCI GRANITE LTD



2, Triq il-Fdal Puniku, Mġarr MGR 2461, Malta

Tel: 2157 0540 • Fax: 2152 5022
Mobile: 9947 3248 • 9985 2783

E-mail: jjgauci@yahoo.com





# Marlene's Daily Fresh Fish

**For daily fresh fish contact us on 77994377**



Find us on: facebook

Visit us on facebook
**(Marlene's Daily Fresh Fish)**
for latest information and offers


Karmenu Mifsud Funeral Service
Funeral Director
Coffin Makers and Importers
460 Victory Street, Qormi
Tel: 21494316 – Mob: 99492458
www.karmenumifsud.com ~ info@karmenumifsud.com
HRS 012
HRS 017


John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay, SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay, SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com
Helping you in life's most difficult moments


HUNGRY WOLF CAFÉ & SNACK BAR
99849688
TA' SOLDI
PIZZERIA & TAKE AWAY
Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr
21575749 • 99849688
Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm
Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices


JJ IRONMONGERY & HOUSEHOLD
Triq F.M. Ferretti, Qajjenza - Birżebbuġa BBG 05
ELECTRICAL & WATER FITTINGS, HOUSEHOLD GOODS, PAINTS, TOOLS, BARBEQUE SETS & KEY CUTTING
FREE DELIVERY SERVICE
air compressors, jiggers & special wall chasers for hire
we help you solve your problems
Issibu wkoll 'il fuq minn 10,000 kulur ta' żebgħa ta' kull tip kemm għal barra u anke għal ġewwa. Inħalltuha dak il-ħin.
Hiring of Chairs & Tables for all occasions
Engagements, Birthdays, Holy Communion Parties, Hotels, Beach Clubs, Restaurants, Clubs, etc...
WE DELIVER AND COLLECT
TEL: 2165 2602, 2165 5034
MOB: 9987 9468 FAX: 2165 2602


Horace
Enterprises Ltd.
Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler
Triq Raymond Caruana, Gudja
Tel: 21696302 Mob: 99420346
Fax: 21693397
email: horacenltd@link.net.mt
www.horace-ent.com


DINEWEST
A La Carte & Pizzeria
Take away Pizza
Mgarr Malta



# L- Irwiegel – Tbassir tat-Temp Skont Missirijietna



Max Farrugia Dip. LIS

X'inhuma l-irwiegel? Il-kelma "rwiegel" hija l-plural tal-kelma Taljana „regola", li ħadet il-plural miksur tal-kliem semitiku. Dawn l-irwiegel kienu allura r-riga li biha missirijietna kienu jbassru t-temp, qabel ma kien hawn strumenti sofisitikati jew inkella s-satelliti. It-tbassir tat-temp kien importanti ħafna, għall-bdiewa b'mod speċjali u anki għas-sajjieda, għax fuq it-temp il-bidwi u s-sajjied jippjana l-ħidma tiegħu fl-għelieqi jew fuq il-baħar. Dawk li allura kienu involuti f'dawn l-industriji sabu metodu ftit jew xejn kurjuż sabiex ikunu jistgħu jbassru dak li jista' jiġri matul is-sena kollha. Għal xi raġuni, li mhux magħrufa, kienu qabdu l-aħħar xahar tas-sena u ħadu l-ġranet ta' bejn it-13 ta' Diċembru, il-festa ta' Santa Luċija l-patruna tad-dawl, u l-24 ta' Diċembru, lejlet il-Milied it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Li kien isir huwa li matul dawn il-ġranet kien ikun hemm min josserva ta' kuljum kif idur ir-riħ matul il-ġurnata, l-ammont ta' sħab li jitla' f'diversi ħinijiet tal-jum, tkunx ġurnata bix-xita jew le u l-ammonti ta' xita u l-ħin li tagħmel. Kienet ukoll tiġi studjata x-xemx matul il-ħin tal-ġurnata. F'xi nħawi ta' Malta kien hemm min ikun aktar u aktar sofisikat, u anki jistudja l-moviment tal-qamar u d-dija ta' madwaru.

Imma kif jittieħdu l-irwiegel? Jibda jiġi nnotat it-temp tal-jiem mit-13 sal-24 ta' Diċembru. Kull jum jikkorrispondi għal xahar tas-sena l-ġdida. Il-jum normalment jitqassam fi tlieta: filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija, u dawn ifissru l-bidu, in-nofs u l-aħħar tax-xahar. Skont it-temp li jagħmel dakinhar, jitbassar it-temp tax-xahar tas-sena l-ġdida.

Għalkemm ma hemmx dokumentazzjoni xjentifika dwar l-irwiegel, meta tkellimt ma' bdiewa anzjani f'diversi nħawi ta' Malta qaluli li dan l-istudju li kien isir kien iqarreb ħafna lejn is-sewwa. Sostnew li lanqas l-aqwa strument ma jista' jkun preċiż, b'mod speċjali fuq pajjiżna peress li aħna gżira żgħira u t-temp jista' jvarja anki minn raħal għal ieħor, imma xorta waħda sostnew li minkejja dan kollu dejjem ingħataw riżultat tajjeb. Biex inkun għidt kollox, il-bdiewa li kellimt qaluli li llum il-ġurnata, bit-taqlib li hawn fit-temp, wieħed ma jista' jieħu xejn mija fil-mija żgur.

Imma hawn min isaqsi: "l-irwiegel huma ta' min jorbot fuqhom?" Tajjeb ngħidu li dan huwa tbassir, u allura qatt ma huma mija fil-mija ta' min jorbot fuqhom. Ħafna huma tal-fehma, illum il-ġurnata, li l-irwiegel ma għadhomx jaħdmu kif kienu jagħmlu sa snin ilu minħabba t-tibdil tal-klima li għaddejja minnu d-dinja tal-lum. Iżda xorta waħda għad hawn numru konsiderevoli ta' bdiewa li jemmnu li l-irwiegel għadhom tajbin għat-tbassir tat-temp. Meta titkellem ma' bdiewa anzjani, jgħidulek li llum lanqas min għandu l-istrumenti ma jagħtik l-informazzjoni sewwa sewwa, u biex iqarrbu lejn il-verità jgħidulek ftit minn kollox. Dak il-ħin f'qalbi għidt: "Sewwa qed jgħidli dan il-bidwi anzjan."

Ħalli nagħti ftit eżempji biex dak li jkun jifhem aktar. Mela, pereżempju t-13 ta' Diċembru filgħodu kien bnazzi, f'nofsinhar qabad jissaħħab u filgħaxija reġa' bnazza. Mela dan ifisser

li f'Jannar tas-sena ta' wara it-temp ma kienx se jkun hemm xita, bl-ewwel ġimgħat sbieħ fil-bidu u fl-aħħar tiegħu.

Jekk fl-14 tax-xahar ikun bnazzi filgħodu, u waranofsinhar qabad jissaħħab u sa filgħaxija għamlet ix-xita, allura dan ifisser li Frar se jkollna perjodi sbieħ u ta' bnazzi fil-ġimgħat tal-bidu, imma lejn l-aħħar tax-xahar se jkun bix-xita.

Jekk il-15 tax-xahar it-temp jisbaħ b'ħalbiet tax-xita, li sa nofsinhar naqsu u deher li se jibbnazza, u aktar tard l-ajru reġa' ssaħħab, dan ifisser li f'Marzu jkun hemm l-ewwel xita sa nofs ix-xahar, u l-kumplament temp imsaħħab imma bnazzi, forsi b'xi ħalba xita żgħira 'l hawn u 'l hinn.

Jekk is-16 ta' Diċembru sebaħ bnazzi b'ħafna sħab li mal-ħin ħxien u sa nofsinhar u tard filgħaxija kien hemm ħalbiet qawwija tax-xita, u b'perjodi qosra ta' bnazzi bejniethom, dan ifisser li għal nofs u lejn l-aħħar ta' April se jkun bix-xita.

Jekk is-17 ta' Diċembru t-temp ikun bnazzi bi sħab għoli imma bi ftit xita sa nofsinhar, u waranofsinhar u filgħaxija kien bnazzi allura skont l-irwiegel għall-bidu ta' Mejju se jkollna ftit xita imma t-temp ikompli sabiħ.

18 ta' Diċembru, jekk qabel tlugħ ix-xemx ikun xi ftit imsaħħab imma mbagħad jibbnazza kompletament il-ġurnata kollha, jfisser li għal Ġunju se jkollna temp sabiħ u xemxi, u anki sajf bikri.

19 ta' Diċembru, jekk għal dan iż-żmien tas-sena l-jum ikun kollu xemx u sħun, allura jfisser li Lulju x-xemx se tkun taħraq b'ħafna jiem sbieħ.

20 ta' Diċembru, ġurnata sajfija għax ix-xemx kienet taħraq u l-ħin kollu bnazzi bla ebda ħjiel ta' sħab, Awwisu jkun se jżomm it-tradizzjoni tiegħu li jixwina bis-sħana tax-xemx u temperaturi għolja ħafna.

21 tax-xahar ikun jum sħun u xemxi bi ftit ħalbiet tax-xita 'l hawn u 'l hinn, ifisssr li Settembru jkun sabiħ u xemxi imma b'xi ġranet ikunu mimlija sħab u bil-probabbiltà tax-xita.

22 ta' Diċembru. jum xemxi u bnazzi bis-sħab għoli. Dan ifisser Ottubru bla xita u kważi kollu xemx u bnazzi.

23 … filgħodu msaħħab, u sa nofsinhar diversi ħalbiet tax-xita li komplew sa filgħaxija, allura jidher li Novembru se jkollna ftit tax-xita mhux ħażin, imqassma matul ix-xahar kollu.

24 … sebaħ bnazzi, iżda ssaħħab kmieni u f'nofsinhar għamlet ix-xita u kompliet sa filgħaxija u l-ajru ssaffa tard fil-ġurnata. Allura Diċembru bix-xita lejn nofsu, iżda lejn l-aħħar ġimgħa u matul il-festi, ikun se jibbnazza imma b'ħafna sħab.

Qallibt diversi kotba fejn insibu qwiel Maltin, u fost oħrajn sibt dawn li huma ta' interess għal ma' dan l-artiklu:

Xemx bajda ġġib ix-xita
Meta x-xemx tinżel ġo xkora stenna ħafna maltemp
Xemx u xita Alla biss jaf meta
Riħ tramuntana mara sewwa imma xorta torbotx fuqha
Fir-riħ isfel meta jinżel il-ħmar jiżfen
Riħ mil-Lvant jimla l-vojt
Is-sħab mil-Lbiċ ilma u riħ iġib
Sħab iswed ibeżża' imma l-abjad ixabba'
Ix-xita bikrija tnebbet il-ġarġir

Sena bix-xita sena ta' ġid
Sena għammiela tħallas il-qbiela
Is-snin bħall-aħwa ma jixxibhux.

Sibt diversi qwiel dar l-istaġuni u anki x-xhur, imma minflok nippeferi nagħti ftit qwiel u tradizzjonijiet li huma marbuta mal-festi. Kif nafu, il-bidwi Malti, b'mod speċjali, jorbot ħafna x-xogħol tiegħu ma' festi partikualri.

Ġidra ta' Jannar agħtiha 'l-ħmar
F'San Pawl it-temp ibiddel diversi drabi (25 ta' Jannar)
Meta tiġi l-Gandlora x-xitwa tħallina ( 6 ta' Frar)
F'San Mattew iżra' t-tewm (24 ta' Frar)
Fil-festa ta' San Tumas, il-ġurnata titwal b'pass ta' ħmar (7 ta' Marzu)
Nhar San Girgor, il-kaboċċa 'tiha l-ħmar (12 ta' Marzu)
F'jum San Ġwann tinbidel l-għassa (24 ta' Ġunju)
Bejn Sant'Anna u San Ġakbu t-tin ibexxaq ħalqu ( 25 u s-26 ta' Lulju)
Santa Marija f'nofs Awwissu kulħadd jieħu dak li jmissu
San Bartilmew għandu l-imfietaħ tal-maltemp (24 ta' Awwissu)
Fil-Vitorja l-baħar jiżfen u jgħola (8 ta' Settembru)
F'jum San Xmun iżra' anki jekk ir-raba' jkun niexef jew miblul ( 28 ta' Ottubru)
Fil-festa ta' San Anard tista' tiżra' f'kull art (6 ta' Novembru)
Is-sajf ta' San Martin il-bidwi jifraħ bih ( 11 ta' Novembru)
F'Santa Barbara la deni u lanqas ħsara ( 4 ta' Diċembru)
Bejn il-Kunċizzjoni u l-Milied neħħi l-moħriet minn ħalq il-wied.

Hemm ferm aktar qwiel u tradizzjonijiet marbuta mal-biedja, u ma' dak li jbassru l-irwiegel imma mhux possibli li fl-ispazju li għandi nġibhom kollha. Jekk il-Mulej irid, sena oħra nagħti aktar qwiel u anki l-ispjega tagħhom.

# Il-festa tiegħi titlob is-sehem tiegħi!

Ma ngergirx, imma nkun pożittiv meta nitkellem fuq il-festa
Ngħin b'mod finanzjarju bl-aħjar mod li nista'
Ngħin jekk nista' b'mod manwali
Inħajjar nies biex jiġu għall-festa
Nipprepara ruħi sewwa bi Qrara u Tqarbina
Nattendi għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja fil-ġranet tal-festa
B'hekk il-festa tiegħi niċċelebraha s-sena kollha.

**Mgarr y.n.f.c.**

# SPORTS BAR CAFÉ

GENUINE FOOD AND DRINKS
FRIENDLY ATMOSPHERE
LIVE SPORTS T.V.

**CONTACT NO - 21574209  MOB - 99491017**

# P & C Galea (il-Palmier)

General Excavation & Demolition
Works. Suppliers of Beams
& Old Building Stones.

**99494154**
**99473250**



# Saviour Bugeja

## Tile Layer

For all kinds of tile laying
@ reasonable prices.
Call **99281490**
Free quote estimate

# Paper Dolls

Boutique & Shoes




Always the latest Fashion Clothes.
Ladies sports wear; Walking, Keepfit, Slimming, Gym, Zumba

**Sir Harry Luke Street, Mġarr**

**Tel: 21579073**



# L-Għerien ta’ Binġemma u l-leġġenda ta’ Għajn Klieb

© Mario Vassallo 2014

**Daħla**

Ma’ kull jum li jgħaddi minn fuq id-dinja jseħħu ġrajjiet ġodda, ta’ ferħ jew niket, ta’ grazzji jew diżgrazzji, eċċ. Illum dawn nisimgħu bihom jew anke narawhom fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Imma sa 150 sena ilu, la kien hawn internet jew *facebook* u lanqas radju jew televiżjoni. Kien ikun hawn il-karta stampata għal min jaf jaqra. Ħafna mill-ġrajjiet kienu jingħaddu permezz tal-fomm, kemm minn persuna għal oħra u anke mill-missier għall-iben biex jibqgħu jiġu mfakkra matul is-snin.

Minbarra dawn il-ġrajjiet veri, il-bniedem ħoloq ukoll il-ħrejjef u l-leġġendi. Dawn tal-aħħar kienu jkunu rakkonti qosra, marbutin ma’ xi post partikulari jew persuna li l-għeruq tiegħu x’aktarx li jkunu veri, imma miżjudin u mħallta ma’ xi immaġinazzjoni li setgħet isseħħ ma’ dik il-ġrajja.



Għajn Klieb ftit ’il barra minn Nigret, Rabat, Malta

Fl-Imġarr, l-aktar leġġenda magħrufa hija l-leġġenda ta’ Żammitellu fejn naraw li għalkemm il-Palazz ta’ Żammitellu jeżisti tassew, ir-rakkont tat-tfajla li ma riditx tiżżewweġ biex tidħol soru mbagħad mietet fil-kamp tal-battalja ddewwi lis-suldati feruti, mhi dokumentata mkien.[1] Leġġenda oħra inqas magħrufa hija marbuta man-Niċċa tal-Madonna ta’ Binġemma. Jingħad li waqt li tfajla kienet tirgħa n-nagħaġ fl-inħawi, ħarbu warajha żewġ Franċiżi. Peress li kienet taf l-inħawi tajjeb ħafna, ġriet lejn fejn kien hemm bir vojt, qabżet ġo fih u salvat ħajjitha għax l-irġiel tilfuha. Jingħad li mssierha għamel din in-niċċa, bid-data 1869 minquxa fuqha, bħala ringrazzjament.[2]

Minbarra dawn iż-żewġ leġġendi, dan l-aħħar smajt oħra, il-leġġenda ta’ Għajn Klieb, b’rabta mal-Imġarr. Dan għaliex irrakkontahieli anzjan Imġarri u anke għax fiha jissemmew l-għerien ta’ Binġemma li jagħmlu mal-konfini tal-Imġarr.

**Il-leġġenda**

Il-leġġenda ta’ Għajn Klieb teħodna fl-aħħar snin meta Malta kienet maħkuma mill-Għarab bejn is-snin 870 u 1090W.K. In-Normanni, taħt il-mexxej tagħhom il-Konti Ruġġieru

l, ħatfu dawn il-gżejjer minn taħt idejn l-Għarab fis-sena 1090. Jidher li kien intlaħaq ftehim bejn il-Konti Ruġġieru u l-Qadi Għarbi li kien jieħu ħsieb il-Gżejjer Maltin, biex jinħelsu l-Insara mill-ħabsijiet u li l-Għarab setgħu jibqgħu jgħammru fil-gżejjer bil-patt li jħallsu t-taxxi bħall-bqija tan-nies l-oħra.[3]

Il-leġġenda tgħidilna kif numru żgħir ta'Għarab marru joqogħdu l-Baħrija, kemm biex ikunu fl-imwarrab u maqtugħin min-nies kif ukoll bogħod mill-Imdina kemm jista' jkun. Wara xi snin f'din il-qagħda, bdew jikkonfoffaw kif se jerġgħu jaħbtu għall-Imdina u jerġgħu jieħdu t-tmexxija tal-gżejjer taħt idejhom. Wara ħafna diskussjonijiet u argumenti waslu għall-pjan li għall-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid, meta l-Maltin ikunu miġbura fil-knejjes tagħhom, huma kellhom jattakkaw l-Imdina. Li ma kinux jafu l-Għarab kien li kien hemm tfajla tirgħa n-nagħaġ fl-inħawi li kienet semgħet kollox. Din marret qalet b'kollox lill-awtoritajiet tal-Imdina. Dawn fasslu pjan biex jilqgħu għall-attakk billi jieħdu lill-Għarab għal għarrieda.

Fil-ġurnata li kellu jsir l-attakk mill-Għarab, il-Maltin marru jistennewhom, mistoħbijin, madwar għajn tal-ilma li hemm mat-triq li mir-Rabat twassal għall-Baħrija, ftit 'il barra min-Nigret. Xħin raw lill-Għarab ġejjin, il-Maltin qabżu għal fuqhom bl-għajjat ta' *għall*-klieb, għall-klieb. Ħafna mill-Għarab sfaw maqtula fuq il-post filwaqt li numru żgħir li rnexxielhom jaħarbu lejn il-Baħrija ġew maqtulin mat-triq. Kien għalhekk li dik l-għajn tal-ilma ħadet isimha minn din l-għajta tal-Maltin *għall-klieb* u baqgħet tissemma bħala Għajn Klieb.[4]

## Il-Verżjoni Mġarrija

Xi tliet snin ilu għajjatli Franġisk, anzjan minn Binġemma ta' 'l fuq minn tmenin sena sewwa. "Ħalli ngħidlek storja li kien jgħidha missieri li wkoll minn dejjem kien joqgħod Binġemma. Dan kien jirrakkonta li fl-għerien ta' taħt il-kappella ta' Binġemma kienu joqogħdu razza ta' nies li jgħidulhom is-Saraċini. Dawn kienu qabbdu lil tfajla Maltija mill-inħawi tar-Rabat biex taħdem magħhom bħala seftura. Din kienet toqgħod magħhom matul il-ġimgħa u tmur id-dar biss nhar ta' Ħadd.


L-Għerien ta' Binġemma

Darba waħda, xħin kien daħal il-lejl sewwa, semgħet lis-Saraċini jippjanaw biex jattakkaw l-Imdina. Ta' Maltija li kienet riedet tara x'tagħmel biex tgħarraf lil niesha b'dak li semgħet. Għalhekk xi jumejn wara bdiet tagħmel tabirruħha li għandha wġigħ kbir f'sidirha u fl-istonku. Is-Saraċini qalulha biex tmur tistrieħ forsi jgħaddilha, imma hi baqgħet tinsisti li tixtieq tmur sad-dar għax l-uġigħ kien differenti minn tas-soltu. Wara ħafna insistenza fl-aħħar tawha permess biex tmur id-dar. Ladarba d-dar, hija qaltilhom b'kulma semgħet u l-għada reġgħet marret mas-Saraċini. Niesha ħadu ħsieb li jgħidu b'kollox lill-awtoritajiet tal-Imdina.

Fil-jum miftiehem is-Saraċini ħabtu għall-Imdina imma sabu resistenza aktar milli ħasbu. Naturalment dan ġara minħabba l-informazzjoni li kienet għadditilhom it-tfajla. Ħafna minnhom sfaw maqtula u l-aħħar sebgħa li kien baqa' ħarbu warajhom mat-triq lejn Binġemma u fost l-għajjat ta' *għall-klieb, għall-klieb*, laħquhom u qatluhom fejn Għajn Klieb."[5]



Tabella tal-karozza tal-linja li turi l-isem tal-post

## Xi Studju

L-inħawi ta' Għajn Klieb flimkien mal-leġġenda kienet diġa magħrufa u miktuba mill-istoriku Malti Ġan Franġisk Abela fl-1647.[6] Min-naħa l-oħra, il-professur Godfrey Wettinger sab li dan il-post kien diġà magħruf u miktub fid-dokumenti notarili sa mill-1488. Hu jagħti ħjiel li l-kelma *klieb* mhux bilfors tfisser l-annimal imma setgħet inħolqot mill-isem Għarbi *Kilab*.[7]

L-istudjuż tal-folklor Malti, Ġużè Cassar Pullicino jgħidilna kif il-leġġendi Normanni bħal ta' Għajn Klieb żviluppaw biex jibqgħu dejjem imfakkra l-ġlied li kien ikun hemm bejn il-Misilmin u l-Insara. Kienu wkoll jagħtu importanza 'l-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta meta ħelisha minn taħt il-ħakma Għarbija.[8]

Kollox ma kollox jibqa' l-fatt li din il-leġġenda kienet għadha tingħad fl-aqwa tagħha sa xi snin ilu anke fl-inħawi ta' Binġemma. Il-fatt li smajtha tingħad minn wieħed tal-post ġegħelni niktibha biex ma tintesiex, u tiżdied mal-kullana ta' stejjer, ħrejjef u leġġendi li jsawru l-istorja tar-raħal tagħna.

**Referenzi**


1 Mario Vassallo, 2013, Żammitellu - Il-Leġġenda, il-Personalità u l-Kastell, f 'Festa 2013, Soċjetà Filarmonika Marija mtellgħa s-Sema l-Imġarr 2011, Best Print Co Ltd, Qormi, pġ. 129-132

2 Mons. Alwiġ Deguara, 1999, L-Imġarr il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-lum, Colour Image, Mġarr, pġ. 11

3 Andrew P. Vella, 1974, Storja ta' Malta, Klabb Kotba Maltin, pġ 75

4 Joseph Cassar Pullicino, 1975, Norman Legends in Malta, artiklu f'Medieval Malta, ed. Anthony T. Luttrell, The British School at Rome, pġ 99

5 Din il-leġġenda qalhieli bil-fomm Franġisk Calleja (Binġemma) nhar l-10 ta' Mejju 2011.

6 Ġian Franġisk Abela, 1647, Della Descrittone di Malta Isola nel Mare Siciliano, facsimile edition Klabb Kotba Maltin 1984, pġ. 80

7 Godfrey Wettinger, 2000, Place Names of the Maltese Islands ca. 1300 - 1800, PEG Ltd, pġ. 185

8 Joseph Cassar Pullicino, 1975, Norman Legends in Malta, artiklu f'Medieval Malta, ed. Anthony T. Luttrell, The British School at Rome, pġ 97



# Teżori fil-Mużewijiet Maltin

Kitba minn John Sare



**Daħla**

Nazzjon kburi b'ġensu hu wkoll kburi bil-wirt kulturali li għandu. Għal dan il-għan, kull pajjiż fid-dinja, għani jew fqir, kbir jew żgħir, ħoloq spazji fil-magħluq jew fil-beraħ, biex iżomm flimkien tifkiriet li għandhom diversi stejjer x'jirrakkuntaw.

L-avvenimenti tal-passat li għaddew minnhom missirijietna nistgħu narawhom u nifhmuhom sew minn pittura, minn oġġett, minn statwa u minn kull mhu esibit jekk dan ikun kapaċi jqanqal fina kurżità. Barra minn hekk il-wirja għandha l-importanza tagħha minħabba l-interess artistiku tagħha.

Kollezzjonijiet bħal dawn jinsabu f'postijiet maħluqa apposta għalihom – il-mużew.

Hi ħasra kbira li ħafna huma dawk li ma jagħtux kas ta' dawn il-postijiet. Bosta huma r-raġunijiet. Waħda mir-raġunijiet ta' nuqqas ta' interess hi żgur il-fatt li meta tidħol fil-mużew ser issib ma' wiċċek ħafna affarijiet murija li jekk ma hemmx min jispjega l-interess ma jitqanqalx u tkun biss viżta mingħajr valuri.

Il-mużewijiet Maltin huma sinjuri. Kollha għandhom x'joffru lil min iżurhom. Kollha għandhom l-ingredjenti biex jagħrfuna l-oriġini tagħna li hu distint minn ta' ħaddieħor.

Il-mużew irid jitqies bħala avveniment, bħala storja u bħala persunaġġ. Il-mużew hu istituzzjoni ħajja u għalhekk irid dejjem jikber maż-żmien. Il-mużew jista' jinstab fil-każin tal-banda, fis-sagristija tal-parroċċa, kull kollezzjoni hi biss il-bidu tal-mużew.

Ħafna mill-mużewijiet Maltin huma postijiet storiċi li jafu l-bidu tagħhom mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann. Xi wħud huma minn qabel ukoll. Mużew partikulari hu Bir Mula li jaf il-bidu tiegħu fl-1400.

Il-mużewijiet Maltin huma żgħar imma l-wirt kulturali hu kbir u sinjur, ħafna drabi wisq akbar minn ta' nazzjonijiet oħra. Dan minħabba ċ-ċokon tal-gżira tagħna.

L-arti, l-arkeoloġija, il-folklor, natura, xjenza u teknoloġija huma n-nuklej tal-ġabra viżiva tal-kollezzjonijiet Maltin. Kull ġabra tipprova tfisser l-imgħoddi, jingħaqad mal-wirt kulturali u jsir parti integrali, ħaġa waħda mal-kultura Maltija. Ikun ħin mitluf jekk il-mużew ma jkunx kapaċi jqanqal interess u kurżità fil-viżitatur biex jagħraf u jifhem il-messaġġ li dak li hu esebit qed jittrasmetti. Il-mużew irid ikun laboratorju ta' ħidma u istituzzjoni dinamika li trid twassal liċ-ċittadin għal edukazzjoni dejjiema.

**Il-Mużew tal-Arkeoloġija**

**Żmien in-Neolitiku**

Is-swali ta' Żmien in-Neolitiku nfetħu fl-1998 wara xogħol bla heda minn Dr Anthony Pace u Dr Rueben Grima. Qabel infetħu dawn is-swali kien sar tindif ġenerali u professjonali

fuq l-artifatti kollha. Jien kont wieħed mill-voluntiera li naddaft dak il-ġebel enormi. Konna taħt superviżjoni stretta. Kienet esperjenza li minnha tgħallimt ħafna anki saħansitra kif nieħu ħsieb l-istatwetti tal-ġebel li jien għandi fil-kollezzjoni tiegħi.



**Fażi Għar Dalam**

Madwar 12,000 sena ilu l-bniedem kien diġà jivvjaġġa fuq il-baħar kif ukoll bil-mixi fuq is-silġ. Kien għall-ħabta ta' dan iż-żmien li d-dinja bdiet tisħon, is-silġ beda jinħall u artijiet sparixxew għax l-ilma għola ħafna. Il-Gżejjer Maltin intlaqtu minħabba li l-istrixxa-passaġġ bejn Malta u Sqallija għebet fl-ilmijiet. Hemm evidenza li l-baħar għola sa 100 metru. Madankollu l-bniedem rifes fuq Malta madwar 7,000 sena ilu u mar joqgħod fl-għerien u l-għarajjex. Ma ġiex waħdu għax ġab miegħu żrieragħ, żraġen u xi annimali. Ħawwel żrieragħ u żraġen f'art u ħamrija verġni u tagħtu l-ewwel frott. Hekk naħsbu li bdiet il-biedja f'Malta. Għar Dalam kien wieħed mill-għerien li l-antenati tagħna marru joqogħdu fih. Il-fuħħar li nstab ġewwa dan l-għar hu l-istess bħal dak ta' Sqallija. Din hi prova li l-ewwel antenati tagħna ġew minn hemm.



**Il-Mara Rieqda fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni**

Skorba, sit arkeologu fiż-Żebbiegħ, hu sit tal-akbar importanza. Fi Skorba l-bniedem beda jiżviluppa l-ħajja tiegħu fuq stil purament Malti. Beda jaħdem il-fuħħar u statwetti fejn il-figura umana kienet predominanti. Kien fi Skorba li sibna l-ewwel figura sħiħa tal-mara. Iż-żmien li qed nitkellem fuqu hu bejn it-3,600 u bejn l-2,500 QK. Beda kult reliġjuż u rit funebri partikulari. Beda jidfen il-bogħod minn fejn kien joqgħod. Ħaffer kmamar funebri fil-blat taħt l-art. Beda d-dfin kollettiv u b'hekk il-komunità ħassitha aktar fil-qrib ta' xulxin. Din id-drawwa tal-kollettività damet aktar minn 1,600 sena.

L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni hu struttura unika fid-dinja, fejn ċimiterju taħt l-art tħaffer fuq disinn tat-tempji fuq wiċċ l-art. Studju li sar minn esperti Maltin u barranin jidher li l-Ipoġew beda jintuża fiż-żmien il-Fażi taż-Żebbuġ u baqa' jintuża sas-sena 2500 QK. L-Ipoġew jinżel għaxar metri fil-fond taħt l-art. Il-gżira ta' Għawdex ukoll għandha l-Ipoġew tagħha, imsejjaħ iċ-Ċirku tax-Xagħra. Kien Jean Houel li fl-1778 kiteb fuqu u ddeskriva dawn il-megaliti mdawra f'ċirku. F'dan iż-żmien kien qiegħed isir tindif fuq is-sit meta tfaċċat ħofra enormi li fiha kien hemm strutturi megalitiċi. Minħabba li ma kienx hemm flus ivvutati għall-iskavar, din il-ħofra reġgħet intradmet u ntesiet għalkollox. Fl-1987 l-Għawdxi Joe Attard skopra mill-ġdid dan is-sit, beda l-iskavar ta' xi għerien, imma waqfu fl-1994, bil-

ħsieb li jħallu lil ta' warajna l-bqija tas-sit.



Ġebla megalitika mit-Tempji ta' Ħal Tarxien

Il-bini tat-tempji Neolitiċi Maltin huma l-uniċi fid-dinja għax bħalhom ma nstabu mkien. Fil-bini tagħhom naraw kordinazzjoni perfetta, qtugħ ta' blokki bil-qies, blokki li kull waħda tiżen tunnellati ta' kilogrammi u t-tqegħid perfett tal-blokki waħda fuq l-oħra. Jekk it-Tempji Maltin kinux imsaqqfa jew le, jibqa' misteru. Imma jista' jagħti l-każ li xi kmamar żgħar kienu msaqqfa bil-ħaxix, zkuk u tajn. Jo Tonna, fil-ktieb tiegħu l-Arkitettura f'Malta (PIN 2004) jgħid li l-Imqades Maltin bdew jinbnew mas-6000 sena ilu. Il-pjanti ta' dan il-bini hu kollu kemm hu Malti.

F'Ħaġar Qim hemm roqgħa art li jidher li kienet għaż-żamma tal-annimali. L-antenati tagħna dejjem ħadu ħsiebhom għax minnhom kellhom l-għajxien, il-għata, l-għodod u t-trasport. L-annimal kien ukoll il-mezz tas-sagrifiċċju fil-kult reliġjuż ta' dawn in-nies. F'waħda mis-swali tal-Mużew insibu l-istatwetti. Barra dik ta' Skorba, il-Venere ta' Malta u l-Mara Rieqda, l-istatwi u l-istatwetti l-oħra kollha huma enigmatiċi, għax is-sess tagħhom mhux magħruf. Ma rridx inħalli barra l-fatt li l-artist Neolitiku ħoloq hu stess l-għodda biex biha jiskolpixxi dawn l-istatwetti. Mill-Fażi Skorba sal-Fażi Tarxien, l-artist preistoriku għamel passi ta' ġgant. Fl-aħħar nett irrid ngħid li r-rit tal-fertilità kien ipprattikat sa mill-bidu tal-wasla tal-bniedem fuq xtutna. Xhieda ta' dan hu l-fatt li nstabu simboli falliċi kullimkien. Dawn kienu jew weħidhom jew inkorporati fl-arkitettura. Meta żżuru l-Mużew hemm żewġ statwetti li ma għandkomx taqbżuhom. Dawn huma l-istatwetta tat-Tqala u l-istatwetta tal-Ħlas. Dawn it-tnejn kienu fil-Wirja Internazzjonali tal-Arkeoloġija fl-Ewropa.



L-istatwetta misjuba fi Skorba

Is-swali tal-Fażi Neolitiku nfetħu fl-1998 wara li sar tindif tal-fdalijiet u tfassil mill-ġdid tal-Wirja Permanenti, imwettaq mid-Dipartiment tal-Mużewijiet u mmexxi minn Dr Anthony Pace.

## Żmien il-Bronż f'Malta

Il-bini tal-Mużew tal-Arkeoloġija hu bini Barokk fl-aqwa tiegħu. Hu berġa li nbniet fl-1571 mill-Ordni ta' San Ġwann għall-Kavallieri tal-Lingwa ta' Provence. Il-bereġ inbnew għal dawk il-kavallieri li ma kellhomx flus biżżejjed biex jixtru propjetà u anki għal dawk li ma kellhomx flus biżżejjed għall-għajxien tal-ġurnata. Fi ftit kliem, il-bereġ kienu *hostels*. Hi waħda mill-isbaħ bereġ li għad baqgħalna. L-arkitettura tirrifletti barokk mill-isbaħ li kien qed jiġi mibni madwar l-Ewropa tas-seklu 16. Bla dubju ta' xejn, Ġlormu Cassar ħalla l-marki tas-swaba' fuq dan il-bini. Ġlormu hu l-firmatarju tal-bereġ kollha li għadhom weqfin u ma' dawn irridu nżidu bini ta' importanza kbira li għadna ngawduh sal-lum. Is-seklu 20 tana ċ-ċertezza li anki l-pjanta tal-berġa hi ta' Cassar.

Illum, il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, kiber b'żewġ swali mill-isbaħ. Għalhekk jaqbel li nieħdu t-tliet fażijiet wieħed wara l-ieħor. Nibdew bil-Fażi ta' Żmien il-Bronż.



Temi Zammit

L-arkeoloġija tiddependi ħafna mill-fuħħar. Anki fi żminijiet pre-istoriċi, il-fuħħar kien jinħadem skont it-tradizzjoni ta' dak iż-żmien. Il-fażijiet kollha tal-arkeoloġija huma bbażati skont il-fuħħar li jkun instab fuq il-post. Punt ieħor importanti hu li l-isem li jingħata lill-perjodu, jiġifieri lill-fażi, tkun dejjem l-isem tal-post jew sit fejn ikunu nstabu l-fdalijiet tal-fuħħar. Il-Fażi tal-Bronż f'Malta tinqasam bejn l-ewwel fażi - iċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien – 2400 sa 1500 QK; it-tieni fażi – Borġ in-Nadur f'Birżebbuġa – 1500 sa 700 QK u t-tielet fażi – il-Baħrija – 900 sa 700 QK. Il-fuħħar ta' Żmien il-Bronż hu totalment differenti mill-fuħħar ta' Żmien in-Neolitiku. Ix-xogħol maħdum hu raff ħafna, maħdum oħxon ħafna u t-tiswir u t-tiżjin tiegħu jibdel il-forma tiegħu minn żmien għall-ieħor. Meta Temi Zammit kien qed jiskava t-Tempji ta' Ħal Tarxien, bejn is-snin 1915 u 1917, taħt il-qoxra tal-art sab tajn magħqud u saffi ta' rmied, għadam maħruq u numru kbir ta' fuħħar mhux imfarrak. Il-fuħħar li nkixef kien f'suriet differenti. Fil-kontenituri ż-żgħar instabu żerriegħa u pjanti u xtieli. Temi Zammit induna li dak is-sit kien sit preistoriku fejn il-komunità kienet taħraq il-mejtin tagħha. Minħabba f'hekk dan is-sit ħa l-isem taċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien.



Fdalijiet ta' fuħħar

Temi Zammit sab ukoll lexxuni u sjuf tal-bronż u bilfors dan is-sit kellu jiġi mlaqqam bħala Fażi tal-Bronż. Sab ukoll numru ta' oġġetti li kienu tiżjin personali. Il-figurini li sab kienu totalment differenti mill-figurini tal-Neolitiku. Jidher bla dubju ta' xejn li meta l-komunità ta' Ħal Tarxien sparixxiet, wara ħafna żmien kellna komunitajiet oħra li bdew jużaw dan is-sit. Minn fejn ġew dawn in-nies għadna sal-lum ma nafux.

Is-sit Borġ in-Nadur f'Birżebbuġa, kien skavat ħafna drabi bejn l-1881 u l-1998. Dan is-sit hu protett minnu nnfisu għax jinsab fuq għolja mżerżqa. Imma madankollu, l-komunità ta' dan is-sit xorta waħda bniet ħitan għoljin. Wieħed fuq in-naħa tal-art u l-ieħor fuq in-naħa tal-baħar. Bejn dawn il-ħitan kien hemm għarajjex, imferrxa mas-sit tat-tempju imma ma waqgħux. Dawn kienu ovali fl-għamla tagħhom, magħmulin mit-tajn, briks u qasab niexef għas-soqfa. Mill-fuħħar li nstab jidher li l-komunità kienet tlaħħaq mal-mijiet li kienu jgħixu minn fuq l-agrikultura u jidher li anki mis-sajd. Interessanti ħafna hu l-fatt li kull għarix kellu mitħna tal-idejn għat-tħin tal-qamħ. Qrib ix-xatt instabu ħofor fondi għall-ħażna tal-qamħ. Dan jagħtina x'naħsbu li l-attività agrikola kienet intensa ħafna u li kien hemm xi forma ta' negozju bil-baħar.

Hemm kuntrast qawwi fil-kultura tal-mewt għall-komunità ta' Żmien il-Bronż imqabbla ma' fażijiet oħra, speċjalment meta niġu biex nitkellmu fuq in-Neolitiku. Din il-komunità

kienet taħraq il-ġisem u l-irmied flimkien mal-faħam, u ħruq ieħor kien jitpoġġa f'urna u tindifen. Mal-urna kienu jindifnu wkoll ħafna fuħħar f'għamliet differenti. Il-ġisem mejjet kien jiġi mżejjen b'xi ġiżirana jew brazzuletta. Imma b'danakollu fis-sit ta' Borġ in-Nadur ma nstabx l-ebda ġisem maħruq. Mal-urni midfuna fl-oqbra nstabu wkoll numru ta' statwetti tal-fuħħar, kollha mfasslin fuq stil wieħed. Li hu żgur hu l-fatt li ladarba nstabu mal-mejtin, dawn l-istatwetti kienu jagħmlu parti mir-rit tal-mewt. Minħabba l-fatt li l-kult reliġjuż preistoriku hu komplikat ħafna, kif ukoll ma hemm xejn miktub, għalissa hu impossibbli li wieħed jagħraf il-għala ma nstabux iġsma maħruqa fis-sit ta' Birżebbuġa.



Fuħħar maħdum f'Malta

Meta is-sit jiġi skavat bil-għaqal u professjonalment, dan l-iskavar jagħti riżultati mhux mistennija. Is-sit magħruf bħala ċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien tana xi affarijiet li huma meqjusa bħala tiżjin persunali, bħal ngħidu aħna ġiżirani u brazzuletti maħduma minn qxur ta' gandofli u arzell. Kienu jinħadmu wkoll minn irkiekel tas-sinsla ta' xi ħuta mdaqqsa. Tajjeb li ngħidu li dan it-tiżjin tal-ġisem ma kienx maħruq u allura naslu għall-konklużjoni li dawn tpoġġew fil-qabar wara li ndifnet l-urna.



L-Urna

Il-villaġġ tal-Baħrija huwa sit ta' Żmien il-Bronż Malti. Hawn kien li nstab l-apparat tal-insiġ. Jidher li l-insiġ kien attività ewlenija ta' din il-komunità. Hemm evidenza biżżejjed biex ngħidu li t-tessuti kienu jiġu esportati minbarra l-konsum lokali. F'dan iż-żmien, il-kummerċ kien isir fuq is-sistema ta' bdil. Aktarx li kienu jibdlu drappijiet ma' xi metall. L-ewwel ħjiel ċar ta' ħidma ta' insiġ insibuh fiż-Żmien Puniku u dak Ruman. Għalkemm minn dawn iż-żewġ żminijiet ma' sibna xejn. Tliet siti ta' importanza huma l-Baħrija, Għar Mirdum f'Malta u n-Nuffara f'Għawdex. Fil-Baħrija nstabu numru mhux ħażin ta' toqol il-magħżel. Jidher li kien sit industrijali. F'dan il-villaġġ instabu wkoll fosos fondi aktarx għall-ħażna tal-qamħ. Għar Mirdum, illum hu impossibbli li tidħol fih għax l-erożjoni kilitu kważi għalkollox. Mill-fuħħar li nstab jista' jkun li kien għar użat għar-riti reliġjużi. In-Nuffara kien abitabbli minn komunità ta' Żmien il-Bronż minħabba li kellu protezzjoni naturali. Kien imdawwar bl-għoljiet. Hawnhekk instabu mtieħen tal-idejn u roti tan-newl. Kien għall-ħabta tal-1960, li waqt skavar ta' fosos tal-qamħ instabu dawn l-oġġetti. Din is-sala għandha għall-wirja sikkina tal-bronż bil-manku, minqux u rfinut, li hu maħdum mill-għadam. Mill-fuħħar li nstab u minn oġġetti oħra, li ma humiex prodott lokali, jagħtik x'tifhem li kien hemm kuntatti ma' barra mix-xtut Maltin. Dawn l-oġġetti huma ta' oriġini Sirakużana u Griega. Iż-żibeġ tal-ħġieġ u



Sikkina tal-bronż

żibeġ ieħor ġie mil-Lvant kif ukoll mill-Afrika ta' Fuq. Jidher li kien isir kummerċ fuq firxa wiesgħa ħafna. L-arkeoloġija tibbaża ħafna fuq skavar serju. Il-fuħħar li jinstab, sħiħ jew f'biċċiet, jitfa' ħafna dawl siewi fuq is-sit u fuq il-Fażi. Importanti ħafna hu xi materjal li jista' jkun hemm fir-reċipjenti li jiġu skavati. Minnhom naslu biex inkunu nafu dwar il-ħajja ta' kuljum. Nagħti xi eżempji. L-għadam, żrieragħ u xi ikel karbonizzat jagħtina ħjiel ta' kwalità ta' ikel ta' dawn il-komunitajiet. Il-fuħħar li kien jinħadem lokalment kien raff ħafna u ta' ċerta ħxuna. Kien jintuża kemm għat-tisjir kif ukoll għall-ħażna tal-ikel. Jekk barra l-attività agrikola ta' dawn in-nies, kinux ukoll sajjieda ma nistgħux ngħidu fiż-żgur. Il-fatt li kienu jiżżejnu b'ġiżirani u brazzuletti, maħduma minn sinsla tal-ħut, mhix evidenza soda li dawn in-nies kienu wkoll sajjieda.

Bħala kontinwazzjoni tal-proġett tal-Wirja Permanenti,infetħet is-Sala ta' Żmien il-Bronż fis-sena 2011, xogħol imwettaq minn Heritage Malta u mmexxi minn Sharon Sultana.

## Żmien il-Feniċi f'Malta

F'dan it-tieni artiklu fuq il-Mużew tal-Arkeoloġija nitkellmu fuq il-Fażi tal-Feniċi f'Malta. Il-Feniċi ġew Malta għall-ħabta tas-seklu 8 QK. Bla dubju ta' xejn, dan iż-żmien kien il-bidu tal-istorja ta' Malta. Il-Feniċi raw l-importanza ta' Malta fiċ-ċentru tal-Baħar Mediterran u waqqfu maħżen f'post imbiegħed (*trading post*) fuq il-gżira. B'hekk aktar kien faċli li jieħdu ħsieb ir-rotot kummerċjali tagħhom. Fil-Fażi Feniċja-Punika, Malta kienet li għenet bis-sħiħ l-intrapriżi ta' din iċ-ċivilizzazzjoni.

Kienu l-Griegi li laqqmu lil dawn in-nies Feniċi, għalkemm fiż-żgur li huma ma kinux isejħu lilhom infushom b'dan l-isem. Kienu baħħara mill-aqwa u qalbiena għall-aħħar. Din il-komunità trawmet minn gżejjer kbar u żgħar li kienu fuq in-naħa tal-Grigal tal-kosta Mediterranja. L-artijiet li kienu jiffurmaw l-art Feniċja kienu Sidon, Tir, Aradus, Berytus u Sarepta. Kien poplu mifrux f'ħafna ambjenti, bla stat u bla mexxej fuq kulħadd. Imma l-aktar żewġ gżejjer li ħallew isimhom fl-istorja kienu Sidon u Tir.


Fuħħar impurtat

Id-dinja ta' Żmien il-Feniċi kienet timporta fuħħar maħdum f'xi belt Griega u l-aktar favorit kien dak ta' Korintu u Ateni. Il-fuħħar li kien jinħadem f'Malta kien ispirat minn fuħħar barrani, kien ikkupjat kemm fil-forma kif ukoll fl-istil. B'danakollu, it-tafal użat kien dak Malti. Dan ma jfissirx li f'Malta ma kienx isir xogħol oriġinali. Il-biċċa l-kbira tal-fuħħar misjub hawn, huwa ta' stil Malti li għalkemm ma għandux dak it-tiżjin tal-barranin, hemm is-sabiħ fih ukoll. Biżżejjed ngħid li ħafna drabi l-fuħħar maħdum Malta kien jiġi mogħti kisja fina ta' tafal lewn ħamrani. Ix-xogħol maħdum kien jintuża kemm għall-prodotti ta' żjut kif ukoll għall-imbejjed.

Mis-seklu 6 QK 'l quddiem, il-Feniċi kienu jaħarqu l-mejtin tagħhom, kif ukoll jidfnu. Dan ifisser li għal xi żmien mhux qasir, dawn in-nies kienu jipprattikaw iż-żewġ riti – dak tal-ħruq u l-ieħor tad-dfin. L-oqbra tagħhom kienu taħt l-art jew spazju maqtugħ fil-blat.

Minn dak li ħallew warajhom jidher li kienu wkoll jidfnu fi twiebet kemm tat-terrakotta kif ukoll tal-injam. Fil-każ tal-ħruq, l-irmied kien jitpoġġa f'urna funerarja u tindifen fil-qabar. Tliet postijiet f'Malta baqgħu jissemmew għall-kwantità kbira ta' fuħħar li nstab. Fil-Qallilija, sit arkeologu barra mil-limiti tar-Rabat, instab qabar fil-blat. Fih kienu midfuna raġel u mara. Kien f'April tas-sena 1914 meta mill-qabar ħareġ numru kbir ta' fuħħar sħiħ – mhux imkisser. Il-fuħħar li nstab kien iddupplikat li jfisser li tpoġġa sett ta' fuħħar ma' kull persuna midfuna. Il-fuħħar instab fi kwantitajiet kbar għax il-qabar kien għadu ssiġillat. F'kelma waħda ma kienx misruq. It-tieni post ta' importanza hi l-Imtarfa. Il-qabar hawnhekk li kien maqtugħ fil-blat, instab f'Marzu tal-1927 fis-Sindar. Il-fuħħar li ttella' mill-qabar kien jikkonsisti f'urni, amfori, platti, borom, buqari, lampi ta' ftila waħda u oħrajn taż-żewġ ftejjel. Il-fuħħar kien ħamrani u jleqq. Jista' jagħti l-każ li dan il-fuħħar misjub kien impurtat. Mal-fuħħar kien hemm evidenza ta' iġsma maħruqa. It-tielet post ta' ċerta importanza fiż-żmien tal-Feniċi f'Malta, hu Għajn Qajjet. F'Settembru tal-1950, waqt li kienu qed isiru xogħlijiet fit-triq biswit Għajn Klieb, instab qabar, li skont Heritage Malta, kien qabar tas-sinjuri. Il-qabar kien għadu ssiġġillat u għalhekk ma kienx misruq. Kien qabar ta' żewġ iġsma għax instabu fdalijiet ta' raġel u ta' mara. Il-fuħħar li nstab kien fi kwantità kbira. Kienu amfori, urni, buqari, platti važetti, lampi u fuħħar ieħor. Il-fortuna riedet li xejn mill-fuħħar ma kien imkisser. Il-bidu tad-dfin ta' dan il-qabar kien fis-seklu 7 QK. Imma minn studji li saru jidher li dan reġa' nfetaħ għad-dfin bejn it-3 u t-2 seklu QK. Il-Feniċi kellhom drawwiet differenti kif jidfnu l-mejtin tagħhom. It-tebut seta' kien tal-injam, tal-ġebel, tat-terrakotta jew irħam. Dejjem magħluqin u ssiġillati, bil-għatu tat-tebut maħdum fil-figura umana. Din is-sistema tixbaħ ħafna lir-rit funerarju Eġizzjan. Għalina hi xi ħaġa komuni ħafna li fuq l-oqbra npoġġu rħama bir-ritratt tal-għeżież tagħna. Il-Feniċi wkoll kellhom din l-użanza iżda m'aħniex fiż-żgur li ġebel imnaqqax f'uċuħ, li nstabu fl-oqbra, huma dawk tal-persuni midfuna. Jista' jagħti l-każ li dawn l-uċuħ tpoġġew fl-oqbra biex ikeċċu l-ispirti l-ħżiena.



Urni maħdumin mit-tafal lokali



Il-fuħħar li nstab f'Għajn Qajjiet

Fl-1969, ġewwa qabar li nstab fil-limiti tar-Rabat, instab ċilindru żgħir ħafna tal-bronż li fih kien hemm biċċa papyrus. Il-kitba fuq din il-papyrus kienet talba għall-għajnuna mill-persuna midfuna biex tasal id-dinja l-oħra bla tfixkil. Ma għandniex għax nistagħġbu li l-istorja ta' ċiviltà jew ta' stat tinbena minn fdalijiet li l-bniedem ikun ħalla warajh. Fil-każ tal-Feniċi hi ħasra li dak li ħallew jew bnew, ġie mwaqqa' biex jinbena bini ieħor. Il-parti l-kbira tal-istorja Feniċja f'Malta ġiet u għadha qed tinbena minn fdalijiet li nstabu fl-oqbra b'mod speċjali dawk li nstabu fil-limiti tar-Rabat u tal-Imdina. Ftit qabel, jew ftit wara



Iċ-ċilindru tal-bronż li fih instabet il-papyrus

s-seklu 8, baħħara u merkanti kienu qed ibaħħru fil-Punent tal-Mediterran. Waqt dawn il-vjaġġi skoprew il-Gżejjer Maltin. Il-gżejjer kienu postijiet ideali għax sabu art fertili, ilma, ġebel tal-franka u ma setax jonqos it-tafal. Il-Feniċi damu Malta għal ftit aktar minn 580 sena u tul dawn is-snin waqqfu rziezet u komunitajiet żgħar li kienu kollha madwar biċċa raba'. Aktarx li f'dawn l-artijiet stabbilixxew iċ-ċimiteri tagħhom.

Fis-sala tal-Feniċi f'Malta ġewwa l-Mużew hemm għall-wiri drapp minsuġ fuq is-sistema tal-Feniċi, minsuġ hawn Malta biex ikollna eżempju tat-tessuti tal-Feniċi. Id-drapp mhux bħal ġebel u fuħħar, bronż u ħadid, jispiċċa u jitmermer maż-żmien. F'żewġ postijiet biss fid-dinja nstabu tessuti midfunin. Dan ġara għax l-ambjent klimatiku kien favur it-tessuti. Fil-Peru fl-1920 instabu tessuti taċ-ċiviltà Paracas. Illum dawn it-tessuti jinsabu fil-British Museum, Londra u fil-Mużew Nazzjonali tal-Peru. Fid-deżert Eġizzjan ukoll instabu tessuti li jmorru lura sas-sena 300 QK. F'Malta qatt ma sibna tessuti taċ-ċiviltajiet qodma li ħakmu fuq Malta. Għalhekk kien ħsieb għaqli li l-kuratriċi tal-Mużew tpoġġi għall-wiri dan l-eżempju. Il-Feniċi kienu artiġġani mill-aqwa. Kienu jaħdmu deheb, ħadid, injam, tafal u ġebel tal-franka. Bħala nies tas-sengħa kienu ġenji tal-arti u kellhom immaġinazzjoni fertili għall-aħħar. Għal seklu fit-tul ħadmu l-ħġieġ u fasslu kontenituri bi lwien mill-isbaħ għall-użu ta' żjut u fwejjaħ. Kienu dominaturi tal-Baħar Mediterran u fuq il-qxur tal-baħar, immexxija minn irjiħat, waslu saħansitra sal-Baħar Atlantiku. Malta hi kburija li tagħmel parti minn din l-istorja ta' poplu hekk ħerqan u misterjuż. Is-sala "Il-Feniċi f'Malta" hi minjiera ta' informazzjoni. Iż-żjara f'din is-sala ma għandhiex tkun waħda ta' "iġri u ġerri, iżda kull vetrina għandha tiġi studjata u jsir użu mill-informazzjoni li hemm ħdejn il-vetrini.



Eżempju ta' drapp tal-Feniċi minsuġ fi żmienn

Bħala kontinwazzjoni tal-proġett tal-Wirja Permanenti, infetħet is-Sala ta' Żmien il-Feniċi fis-sena 2012, xogħol imwettaq minn Heritage Malta u mmexxi minn Sharon Sultana.

**Ħajr lil**

Ħeritage Malta tal-permess li nuża testi u nieħu ritratti diġitali

Pace Dr Anthony: Malta Before History, the world's oldest free-standing stone architecture; Miranda Publishers 2004

Tonna Jo: L-Arkitettura f'Malta; PIN 2004

Trump David H: Malta, Prehistory and Temples; Midsea Books 2002

Vella Ernest et al: L-Arkeoloġija f'Malta; PIN 2004

Vella Gregory Isabelle: The Human Form in Neolithic Malta; Midsea Books 2005

Zammit Themistocles: The Prehistoric Temples of Malta and Gozo, a description 1995


SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net


L-Onor. Tony Agius Decelis MP
u l-familja
jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.
Fejn ikun jista' jgħin ċempillu
fuq 7970 2248,
e-mail: tony4mp@gmail.com
jew sibu fuq face book
www.agiusdecelis.com
Deputat Laburista
Ġerontolugu
Konsulent tal-Gvern
għall-Anzjani



# Il-frotta tat-tadam u l-proċess tat-tkabbir tagħha

**Tagħrif provdut mill-*Malta sunripe***

It-tadam huwa frotta popolari ħafna li ġejja mill-familja ta' pjanti 'Lycopersicum Solanum Nightshade'. Bħala frotta din oriġinat fl-Amerika t'Isfel iżda bħala użu għall-ikel bdiet l-ewwel fil-Messiku. Meta fis-seklu sittax l-Ispanjoli kkolonizzaw parti kbira tal-Amerika t'Isfel u bagħtu l-esploraturi tagħhom, dawn ġabu lura magħhom lejn Spanja ż-żerriegħa tat-tadam, u bdiet tiġi introdotta bħala frotta fi Spanja, kif ukoll madwar l-Ewropa.

Peress li t-tadam huwa frotta versatili jista' jiġi kkunsmat f'diversi modi. Jista' jittiekel kemm frisk u anke bħala ingredjent f'ħafna platti, bħal zlazi, insalati, u kif ukoll jista' jiġi pproċessat f'ħafna prodotti bħal 'ketchup', tadam imqadded, u ħafna oħrajn.



Il-valur nutrittiv tat-tadama huwa ferm għoli. Hija sors kbir ta' vitamina 'Ċ', vitamina 'A', iżda fiha wkoll sors ta' vitamini oħra bħall-vitamini 'B' u 'E' u 'K'. Hija wkoll sors ta' potassju, *manganese*, fibra, ħadid, fosfru u oħrajn. L-aħbar it-tajba hija li tadama friska ta' 180 gramma fiha biss 32 kalorija.



Fit-tadama nsibu l-ingredjent 'Lycopene' li dan iservi biex jagħti l-kulur aħmar lil din il-frotta. Dan l-ingredjent huwa wieħed mill-akbar antiossidanti li jeżistu fejn jipproteġi lill-bniedem minn ħafna mard, bħall-kanċer, mard tal-qalb, kontra l-effetti tax-xjuħija u kif ukoll jgħin biex ikollna għadam aktar b'saħħtu.

Illum it-teknoloġija tippermetti li nsibu din il-frotta s-sena kollha. Din il-frotta tiġi mkabbra kemm fl-għelieqi fis-sajf kif ukoll fis-serer matul l-istaġuni l-aktar kesħin.

Meta naraw din il-frotta fuq il-mejda tagħna, warajha jkun hemm xhur sħaħ ta' xogħol mill-bdiewa tagħna, li b'dedikazzjoni, sagrifiċċju u bi spejjeż kbar, iwasslulna din il-frotta, li minn xħin tinqata' tasal għand il-konsumatur fi ftit sigħat, fl-aqwa kundizzjoni possibbli. Il-pożizzjoni ġeografika ta' pajjiżna u l-kwalità tal-ħamrija tagħna, jippermettu li l-prodott tagħna jkun aktar nutrittiv u b'togħma veru bnina. Dan minħabba n-numru ta' sigħat ta'

xemx li jkollna aktar minn pajjiżi Ewropej oħra, kif ukoll minħabba l-ħamrija tagħna, li hija ħamrija mimlija kalċju (Limestone / Ġir). Minħabba l-ammont ta' ġir fil-ħamrija, il- PH *index* ikun għoli, li għalkemm iwassal għall-produzzjoni ferm inqas minn ta' pajjiżi oħra, flimkien max-xemx tagħna jwassal għal frott b'aktar togħma bnina.

Hemm żewġ tipi ta' pjanti ta' tadam, waħda tissejjaħ *determinate* u l-oħra *indeterminate*. Id-differenza bejn dawn it-tipi hija li pjanta li tkun *determinate* tkun tikber forma ta' *bush*, u titkabbar l-aktar fl-għelieqi miftuħin, filwaqt li l-pjanta *indeterminate* tikber fuq zokk wieħed, u jrid jkollha forma ta' sapport, bħal jew qasab, jew inkella mdendla fis-serer.

Fir-raħal tagħna, l-Imġarr insibu diversi bdiewa li jkabbru din il-frotta. Insibu bdiewa li jkabbru din il-frotta fl-għelieqi miftuħin fis-sajf, li ġeneralment tispiċċa għall-ipproċessar, bħall- kunserva, *ketchup* u prodotti oħrajn. Dawn jibdew il-proċess ta' tkabbir madwar Marzu / April, u jaħsdu l-prodott tagħhom għall-ħabta ta' Lulju /Awwissu. Dawk il-bdiewa, li jaħsbu ftit kmieni u jibdew għal Marzu, ġieli jkabbru dan it-tadam fil-*minitunnels* biex jipproteġuh mill-elementi tar-riħ qawwi li jkollna għall-ħabta ta' April / Mejju.



Il-produzzjoni ta' tadam fis-serer hija differenti minn ta' tadam li jitkabbar fl-għelieqi barra. Il-produzzjoni fis-serer tinvolvi xogħol kontinwu li ma jaqta' xejn fejn il-pjanta tkun trid xogħol fuqha, tista' tgħid, ġimgħa wara ġimgħa. Il-kunċett tas-serra huwa li joħloq kundizzjoni ta' klima kkontrollata biex ċertu wċuh ikunu jistgħu jkunu għammiela anki fix-xitwa.

Ha naraw dan il-proċess flimkien, u x-xogħol li jinvolvi lill-bidwi. Ġeneralment l-istaġun tat-tadam fis-serer jibda lejn l-aħħar ta' Awwissu, u jibqa' sejjer sal-aħħar ta' Mejju tas-sena ta' wara, jiġifieri disa' xhur sħaħ. Wara li l-bidwi jkun spiċċa l-wiċċ tal-istaġun ta' qabel, u jnaddaf is-serra, dan idemmel il-ħamrija u jaħrat l-art kemm jista' jkun fond possibli. Minn hawn jibda l-proċess biex tiġi sterilizzata l-ħamrija, fejn jistgħu jintużaw diversi metodi. S'issa l-aktar wieħed popolari huwa dak tax-xemx u gass flimkien. Dan isir billi l-ħamrija titgħatta bi plastik trasparenti għal seba'/tmien ġimgħat, fejn tinfaqa' bl-ilma permezz ta' pajpijiet li jkunu nfirxu qabel titgħatta. Permezz tas-sħana kbira li jkollna fis-sajf, l-art tisħon sa temperatura ta' iżjed minn 60 grad *celcius* għal ħinijiet twal, ġurnata wara l-oħra, u b'hekk jekk ikun hemm xi mard fil-ħamrija dan jiġi kontrollat. Hawn min iferrex il-kubrit taħt il-plastik li dan malli jixxarrab jiġi gass. Metodi oħra moderni li qegħdin jiġu introdotti huma: sterilizzar bl-istim u makkinarju ieħor ta'sħana, jew tkabbir fi *grow bags* bil-pit. Wara dan il-proċess ta' tmien ġimgħat, il-ħamrija tinkixef, tinħarat, tinsireġ u jinfirxu l-pajpijiet biex isir it-taħwil tax-xitel li jkun ġie miżrugħ f'xi *nursery* fit-*trays* apposta xi 30 ġurnata qabel. Malli titħawwel ix-xitla, peress li jkun it-temp għadu sħun ħafna, din tikber b'ritmu mgħaġġel ħafna u tkun trid malajr is-sapport. Il-bidwi jdendel spaga permezz ta' ganċ mas-saqaf tas-serra u din tintrabat ma' kull xitla. Minn hawn jibda l-proċess ta' tidwir kull ġimgħa. Kull ġimgħa x-xitla tiddawwar mal-ispaga u tinżabar biex tibqa' fuq zokk wieħed. Irridu ngħidu li pjanta fi staġun tista' tilħaq tul ta' tmien metri u tipproduċi bejn tmien u għaxar kilos ta' tadam. Wara xi xahar mit-taħwil



jibdew joħorġu l-fjuri, u dawn iridu jiġu mdakkra biex jifforma t-tadam. L-aktar metodu komuni użat mill-bdiewa tagħna huwa dak tan-naħal, fejn jinġiebu kaxxi apposta ta' naħal li jitpoġġew fis-serra u dan idakkar il-fjuri. Il-fjura malli tibda tiftaħ, tiddakkar, u biex issir tadama misjura tieħu lejn xahrejn. Dan il-proċess jibqa' jsir tul l-istaġun kollu. Problemi li jiffaċċja l-bidwi waqt l-istaġun huma diversi, bħall-problema tal-moffa minħabba l-umdità għolja, problemi ta' insetti, u oħrajn.

Flimkien rajna li t-tadama li naraw fuq il-mejda tagħna hija frotta ta' valur nutrittiv ferm għoli. Rajna kemm tirrekjedi sagrifiċċji min-naħa tal-bdiewa tagħna biex jwasslulna din il-frotta bl-aqwa kwalità friska fi ftit sigħat biss wara li tiġi miġbura. Għalhekk kul it-tadam lokali frisk, tajjeb għalik, u tajjeb għall-bidwi.






# Il-Piramida tal-Ikel

**Kitba ta' Marylise Muscat B.Ed. (Hons) H.E.**




Illum dejjem nisimgħu fuq l-importanza li nżommu dieta bilanċjata biex tgħinna ngħixu aktar f'saħħitna. Imma eżattament xi jfisser li żżomm dieta bilanċjata?

Biex ikollna dieta bilanċjata importanti li nieklu varjetà ta' ikel differenti mill-gruppi kollha li jinsabu fil-Piramida maħruġa mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO*)* magħrufa wkoll bħala CINDI FOOD GUIDE PYRAMID.

Il-Piramida hija maqsuma fi 3 partijiet differenti u kull parti tindikalna liema gruppi tal-ikel irridu nieklu ftit jew nevitaw, liema gruppi rridu nieklu fil-moderazzjoni, u liema gruppi tal-ikel l-iktar li rridu ninkludu fid-dieta tagħna.

Skont il-Piramida rridu nevitaw, jew nieklu mill-inqas, mill-grupp li jinkludi z-zokkor, żjut, xaħam u melħ, bħal ħelu, pasti, kejkijiet, krema, pastizzi, *fast food*, *doughnuts* fost l-oħrajn.

Kulma jidher fil-grupp tal-ħalib u prodotti tiegħu bħal ħalib, *yoghurt* u ġobon, iridu jiġu kkunsmati b'moderazzjoni minħabba li fihom x-xaħam. Iżda nistgħu nnaqqsu l-ammont ta' xaħam billi nagħżlu ħalib xkumat, *yoghurt light* u ġobnijiet li fihom l-inqas ammonti ta' xaħam.

Irridu nikkunsmaw f'ammonti moderati wkoll kulma jidher fil-grupp tal-laħam, tiġieġ, ħut, legume, bajd u *nuts* u dan minhabba l-ammont ta' xaħam li fihom.

Il-Piramida tgħidilna wkoll biex nibbażaw l-ikel tagħna minn ikel li ġej mill-pjanti, frott u ħaxix, kif ukoll dak tal-ħobż, ċereali, ross, għaġin u l-patata.

Minbarra l-importanza li tiekol ikel varjat minn kull grupp, il-WHO tisħaq ukoll fl-importanza li wieħed jagħmel xi tip ta' eżerċizzju fiżiku minn tal-inqas 30 minuta kuljum!



# Medjugorje – Raħal ta' Paċi u Talb



**Kitba ta Max Farrugia** Dip. Lis

Sa qabel l-24 ta' Ġunju 1981, Medjogore, villaġġ żgħir bħal diversi oħrajn li hemm madwaru, nista' ngħid ma kien jaf bih ħadd għajr in-nies tal-villaġġ. Dan il-post jinsab f'riġlejn il-muntanji fil-Bożnja Erżegovina, li sa qabel il-gwerra tas-snin 90 tas-seklu l-ieħor kienet jagħmel parti mill-eks-Jugoslavja. In-nies ta' din il-parroċċa kienu fqar ħafna u x-xogħol tagħhom kien jiddependi mit-tkabbir tat-tabakk u dwieli. Kienu jkabbru l-annimali u ħaxix għall-bżonnijet tagħhom. Dan ix-xogħol kien isir fil-biċċa l-kbira minnisa, minħabba li ħafna mill-irġiel u ġuvintur kienu jemigraw fl-Ewropa stess sabiex ikun jistgħu jgħajxu lill-familji tagħhom.



**Il-Bandiera Maltija fost ħafna bnadar oħra matul il-Youth Fest**

Nhar l-24 ta' Ġunju 1981, għall-ħabta tas-6.00 ta' filgħaxija f'riġlejn il-muntanja Podbrdo, li tagħmel parti mill-parroċċa ta' Medjogore, il-Madonna dehret lil sitt żgħażagħ mill-irħajjel ta' Bijakovici. Minn dakinhar 'l hawn dawn l-inħawi sar jaf bihom kulħadd. F'dan il-jum is-sitt żgħażagħ, li kienu Ivanka Ivankovic, Mirjana Dragicevic, Ivan Ivankovic, Milka Pavlovic, Vicka Ivankovic u Ivan Dragicevic, raw dehra ta' mara b'tarbija f'idejha. Dan ġara meta kienu fit-triq, li kienet ftit 'il fuq fil-muntanja. Din ix-xbieha għamlitilhom sinjal b'idejha sabiex jersqu lejha. Għalkemm imbeżżgħa huma xorta resqu lejha għax kienu jinsabu ċerti li kienet il-Madonna. L-għada reġgħu marru fl-istess post minkejja li xi wħud mill-ġenituri ma ridux iħalluhom għax beżgħu mir-reġim Kommunista. Tnejn minnhom ma marrux iżda minflok ingħaqdu ma' dawn Jakov Colo u Marija Pavlovic, li tiġi oħt Milka li l-ġurnata ta' qabel kienet mal-oħrajn. Għalkemm il-Madonna ma qaltilhomx sabiex jerġgħu jmorru, dawn ħassew ġo fihom li se terġa' tkun hemm kif fil-fatt ġara. F'dan il-jum il-Madonna talbet magħhom u lil waħda minnhom, li kienet għadha kif tilfet 'l ommha, qaltilha li din issa tinsab il-Ġenna. Minkejja li l-Madonna ntalbet tagħti sinjal sabiex in-nies jemmnuhom, Hi tbissmet biss u qaltilhom biex jerġgħu jmorru l-għada. Kien fit-tielet ġurnata li qaltilhom li hija l-Verġni Mqaddsa Marija, ir-Reġina tal-Paċi. Minn hawn 'il quddiem, il-Madonna bdiet tirrispondi għal diversi domandi li dawn iż-żagħżagħ bdew jagħmlulha. Minkejja dan kollu bdew jiġu persegwitati minn xi wħud minn nies b'mod speċjali mill-awtoritajiet ċivili. Għall-ewwel anki l-awtoritajiet tal-Knisja ma ridux jemmnu lil dawn iż-żgħażagħ. Kien hemm min anki għajjarhom drogati,

giddieba, u mġienen. Iżda l-Madonna dejjem kienet tgħidilhom: "Tibżgħu xejn jiena dejjem magħkom, imberkin huma dawk li jemmnu mingħajr ma jaraw."

Minn dak iż-żmien sal-lum id-dehriet f'Medjogore għadhom għaddejja u ma qatgħu qatt. Li ġara huwa li tlieta mill-viżjonarji, li huma Marija, Ivan u Vicka, għadhom ikollhom id-dehriet tagħhom kuljum filwaqt li t-tlieta l-oħra, Mirjana, Ivanka u Jacov, ikollhom dehra waħda biss fis-sena, bl-eċċezzjoni ta' Mirjana li tingħata messaġġ fil-25 ta' kull xahar għal dawk li għadhom ma għarfux 'l Alla. Tajjeb ngħid li lil dawn il-viżjonarji l-Madonna qaltilhom li jingħataw għaxar sigrieti kull wieħed u waħda minnhom. Tlieta minnhom diġà rċevewhom kollha, filwaqt li t-tlieta l-oħra għadhom ma ngħatawx is-sigrieti kollha.



Il-qrar li jsir barra fuq iz-zuntier u taħt is-siġar

Minħabba li dawn id-dehriet għadhom għaddejja, il-Knisja Universali ma tistax tikkonferma mija fil-mija dak li qed jiġri f'Medjogore. Il-Vatikan, permezz tal-Kongrigazzjoni tal-Fidi, joqgħod kawt ħafna dwar dawn l-affarijiet qabel joħroġ id-deċiżjoni tiegħu. Nafu li matul dawn it-tlieta u tletin sena ta' dehriet kontinwi f'dan ir-raħal Marjan, il-Vatikan kien waqqaf żewġ kummissjonijiet sabiex jistudjaw dak li qed jiġri. L-aħħar kummissjoni li twaqqfet mill-Papa Benedettu XVI, u mmexxija mill-Kardinal Ruini, ippreżentat rapport dettaljat lill-Kongrigazzjoni tal-Fidi propju ftit tax-xhur ilu. Dan ir-rapport sar wara li ġew intervistati l-viżjonarji kollha, xi saċerdoti u patrijiet Franġiskani, li kienu jmexxu l-parroċċa ta' San Ġakbu f'Medjogore fl-ewwel żminijiet, ġew studjati rapporti li saru b'mod xjentifiku minn diversi esperti, dokumenti tas-servizz sigriet Jugoslav, u diversi nies oħra. Fil-preżent dan ir-rapport jinsab għand il-Papa Franġisku sabiex jistudjah u jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar dan il-post qaddis. Żgur li mhux se jkun hemm deċiżjoni aħħarija qabel ma jiefqu d-dehriet, imma dan il-post jista' jibda jitqies fuq l-istess livell ta' Lourdes u Fatima. Tajjeb ngħidu li l-Vatikan qatt ma waqqaf lil ħadd li jżur dan il-post anzi l-kontra. Id-deċiżjoni tal-Vatikan sa issa hija li ebda saċerdot ma jista' jorganizza huwa pellegrinaġġi għal Medjogore, imma fl-istess ħin iħeġġeġ, lil dawk li jorganizzaw pellegrinaġġi, sabiex ikun preżenti magħhom saċerdot jew reliġjuż. F'Medjogore matul id-disa' darbiet li mort iltqajt mhux biss ma' saċerdoti mid-dinja kollha imma anki isqfijiet. Huwa dokumentat li marru wkoll xi kardinal.



Indiema perfetta waqt il-qrar, tfajla tibki

Illum mhux se noqgħod nagħti informazzjoni dwar minn xiex

għaddew dawn is-sitt żagħżagħ, il-familjari tagħhom, u n-nies ta' dan ir-raħal taħt il-ħakma Komunista. Imma ngħid li l-persekuzzjonjiet kienu kbar ħafna, b'mod speċjali għall-viżjonarji. It-testijiet xjentifiċi kienu iebsa ħafna, u dawn iż-żgħażagħ qatt ma beżgħu minnhom. Li l-awtoritajiet bdew jippruvaw jagħmlu huwa li lil dawn it-tfal jiddikjarawhom imġienen, imma xi wħud mill-esperti. li diversi minnhom ma kinux jemmnu bir-reliġjon Kattolika, iddikjaraw li miġnun kien min bagħathom għal dawn it-testijiet.



**Ritratt tal-viżjonarji li ttieħed wara l-ewwel ġimgħa tad-dehriet**

Minn dak iż-żmien 'l hawn, Medjogore kompla jieħu l-importanza tiegħu Marjana, tant li matul dawn is-snin miljuni ta' pellegrini żaru dan il-post. Kien hemm żmien meta l-pellegrini kienu joqogħdu, jew man-nies tal-villaġġ fid-djar tagħhom, jew inkella barra taħt is-siġar meta jżuru dan il-post. Illum il-ġurnata l-affarijiet inbidlu u nsibu numru ta' lukandi żgħar. F'dawn il-lukandi wieħed isib il-bżonnijiet kolha meħtieġa, imma affarijiet li jistgħu jtellfu l-konċentrazzjoni tal-pellegrin ma jeżistux.

Il-Madonna f'dawn it-33 sena dejjem insistiet dwar ħames affarijiet. Dawn huma t-talb, mod speċjali t-talba tar-Rużarju, sawm fejn huwa possibli darbtejn fil-ġimgħa, u jekk jista' jkun ħobż u ilma, il-qrar ta' spiss, l-Adorazzjoni tal-Ewkaristija, u l-imħabba ta' bejnietna. Min mar Medjogore żgur li baqa' impressjonat bil-kwantità kbira ta' saċerdoti u reliġjużi li ta' kuljum ikun hemm imferrxa madwar il-Knisja Parrokkjali kollha, lesti biex jisimgħu l-qrar. Mhux hekk biss, wieħed jibqa' mistagħġeb bil-mijiet ta' nies li jkunu jistennew sabiex jirrikonċiljaw mal-Mulej. Jiena personalment iltqajt ma' nies li jgħidulek li kienu ilhom ma jqerru snin kbar, u f'dan il-post ta' grazzji infiniti ħassew il-grazzja tal-Mulej sabiex jirrikonċiljaw. Rajt nies jibku waqt il-qrar bil-ferħ, u oħrajn jikkunslawhom. Ix-xeni waqt il-qrar huma diffiċli li wieħed jispjegahom. Ma hemmx kliem biżżejjed biex tagħmel dan. Minbarra l-qrar l-aktar popolari f'Medjogore huma l-adorazzjoni Ewkaristika, li ssir fil-beraħ darbtejn fil-ġimgħa, li għaliha jattendu eluf ta' nies b'mod speċjali fis-sajf, u l-adorazzjoni tas-salib. Matul dawn iż-żewġ laqgħat isiru ħafna konverżjonijiet spiritwali u anki jkun hemm ħelsien minn spirti ħżiena.



**Il-Blue Cross fuq il-muntanja Podbrdo**

Min imur Medjogore u ma jitlax iż-żewġ


Pellegrini ta' kull età telgħin il-Krizevac

muntanji jew għall-inqas waħda minnhom qisu mar Ruma u ma żarx il-Vatikan. Il-muntanja Podbrdo, jew kif hija magħrufa ma' ħafna bħala l-muntanja tad-dehriet, mhix għolja daqs l-oħra. Meta wieħed jasal fil-quċċata tagħha, wara li jkun tela' madwar kilometru u ftit ta' triq imħarbta, isib statwa tal-Madonna li saret minn donazzjonijiet ta' pellegrini Koreani. Matul it-triq wieħed jista' jieqaf għal ftit ħin u jikkontempla l-Via Sagra. Tajjeb ngħid li ftit 'il fuq mir-riġel ta' din il-muntanja hemm salib magħruf bħala l-*Blue Cross* fejn iż-żgħażagħ kien ikollhom id-dehriet meta ma kinux jitħallew jitilgħu l-muntanja mill-militar Jugoslav. Il-post fejn il-Madonna dehret l-ewwel darba lil dawn iż-żgħażagħ jinsab ftit aktar 'il fuq. Għalkemm nirreferu għal dawn il-viżjonarji bħala żgħażagħ, għax hekk kienu meta raw l-ewwel darba lill-Madonna, illum il-ġurnata kollha għandhom bejn 44 u 50 sena, miżżewġa, u kollha għandhom il-familja. Mhux kollha jgħixu permanenti f'Medjogore. Il-muntanja l-oħra bl-isem ta' Krizevac, meta fl-1934 l-Ewropa kollha kienet għaddejja minn kriżi, in-nies tal-lokal iddeċidew li jibnu salib kbir tal-konkos bħala tifkira tal-elf u disa' mitt sena mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-flus u x-xogħol kollu ngħata minn nies tal-lokal. Min mar jaf kemm hija diffiċli biex titla', aħseb u ara biex ittella' l-affarijiet kollha sabiex tibni salib kbir bħal dan. Qabel ma nbena dan is-salib din il-muntanja kienet magħrufa bħala Sipovac, statwa kbira ta' Kristu Rxoxt tal-bronż li minn waħda minn saqajha jnixxi l-ilma. Dan l-istatwa nħadmet is-Slovenja, u waqt li kienet qiegħda tiġi maħduma kienet ġiet imbierka minn San Ġwanni Pawl II, il-Papa li ġie dikjarat qaddis ftit tax-xhur ilu.

Avveniment partikulari li jsir f'Medjogore matul l-ewwel ġimgħa ta' Awwissu kull sena hija l-Festival taż-żgħażagħ, fejn eluf kbar ta' żgħażagħ jinġabru mid-dinja kollha biex flimkien jagħtu ġieħ lill-Madonna. Matul din il-festa Marjana jiġu organizzati ħafna attivitajiet spiritwali li fihom iż-żgħażagħ jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, u jiġu anki indirizzati mill-viżjonarji kollha. Din l-esperjenza hija diffiċli li wieħed jispjegaha fi ftit kliem.

F'Medjogore nsibu wkoll ċentri partikulari li fihom isir ħafna ġid, qed nirreferi għaċ-Cenacolo, post fejn numru kbir ta' żgħażagħ


L-istatwa ta' Kristu Rxoxt

minn diversi pajjiżi jmorru sabiex jirrabilitaw ruħhom minn problemi ta' droga, logħob tal-azzard, xorb bla rażan u problemi oħra simili. Dan iċ-ċentru li twaqqaf minn Sister Ervila, soru Taljana, huwa ċentru miftuħ ta' rijabilitazzjoni. Fih hemm dixxiplina stretta. F'dan iċ-ċentru, malli wieħed jidħol sabiex jibdel ħajtu, kulma jingħata kuruna u anġlu kustodju (wieħed li jkun diġà ħeles mill-problemi) sabiex jieħu ħsiebu. F'dan iċ-ċentru residenzjali, li huwa kbir, ix-xogħol isir kollu minn dawn iż-żgħażagħ. Insibu wkoll dak li jissejjaħ il-Villaġġ tal-Omm. Dan huwa villaġġ żgħir b'numru ta' djar li jinsab fil-qalba tan-natura, fejn tfal abbandunati jieħdu l-edukazzjoni tagħhom. Dan il-post kien inbena fl-1993 u fih kien hemm ħafna tfal vittmi tal-gwerra, li semmejt aktar 'ilfuq. Illum il-ġurnata dan il-villaġġ, li ma huwa nieqes minn xejn, insibu tfajliet u nies li jkunu se jagħmlu abort u jmorru fih sabiex permezz ta' terapija spiritwali jibdlu l-fehma tagħhom. Viċin il-Villaġġ tal-Omm hemm il-ġnien ta' San Franġisk, dan kien post fejn jintrema ż-żibel. Il-Gvern ta dan il-post lil dawk responsabbli mill-Villaġg tal-Omm u bl-għajnuna tal-United Nations, li fid-disgħinijiet kienet involuta sew fil-Bożnja f'ħidmiet ta' ħarsien tal-paċi, din il-miżbla nbidlet f'post ta' rikreazzjoni. Post ieħor ta' interess huwa l-Oażi tal-Paċi. Hawnhekk wieħed jista' jgħaddi ħin ta' adorazzjoni. Dan il-post huwa mmexxi minn sorijiet u patrijiet. F'dan il-post jingħaqdu nies li wkoll ikollhom problemi fil-ħajja u jispiċċaw jirriformaw ruħhom.



Il-salib fuq il-muntanja Krizevac



Tfajla tiġi mfarrġa wara l-qrar minn pellegrina oħra

Fil-ħin liberu l-pellegrin, minbarra dawn il-postijiet li semmejt hawn fuq, jista' jżur xi rħajjel li hemm fil-madwar ta' Medjogore fosthom Siroki Brijeg, Tihaljina, Humac, Trebizat, Ciklut u l-villaġġ medjovali ta' Mostar. Żewġ postijiet li jinsabu ftit tal-ħin 'il bogħod minn Medjogore huwa Hutovo Blato, li huwa park naturali li jinsab fil-wied ta' Neretva, fejn wieħed jista' jmur dawra bid-dgħajsa u jammira n-natura selvaġġa fl-aqwa tagħha, u l-*water falls* naturali fejn wieħed jista' wkoll jieħu għawma.

**NOTA**

L-awtur Max Farrugia huwa wkoll il-preżentatur u *producer* tal-programm "Totus Tuus Gospa" fuq Radju Marija kull nhar ta' Ħamis fit-3.30 ta' waranofsinhar. F'dan il-programm, li issa ilu jixxandar għal dawn l-aħħar tliet snin, Max Farrugia jwassal lis-semmiegħa kull tagħrif dwar dak li jkun qed iseħħ f'Medjogore. Kull min huwa interess fid-dehriet tal-Madonna f'dan il-post, mar hemm, jew hija x-xewqa tiegħu/tagħha li jżur Medjogore, ċertament għandu jisma' dan il-programm.



# Niltaqa' mal-Mulej!!!!



Min jaf kemm ġranet jgħaddu jgerbu jum wara l-ieħor, u kemm nagħmlu affarijiet u bżonnijiet filġranet tagħna, ħafna drabi lanqas inlaħħqu malħin.

Imma żgur li l-isbaħ mument fil-ħajja ta' kull bniedem, u l-aktar mument li jagħtina l-ferħ veru u bla tmiem, huwa meta fis-skiet tal-qalb tagħna niltaqgħu mal-Missier Etern.

Meta nsibu ftit ħin u nieqfu minn dak kollu li nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum, hemmhekk fis-skiet, ġabra, kwiet u kalma ħa nisimgħu lill-Missier tagħna li jkellimna fil-qalb tagħna b'imħabba bla tarf. Hu dejjem qiegħed hemm għalina bl-akbar paċenzja, u għamilna x'għamilna fil-ħajja tagħna hu jaħfrilna dnubietna kollha, u jkellimna bl-akbar għożża, imħabba vera u sinċiera.

Mela nagħmlu l-kuraġġ u nsibu ftit tal-ħin fisskiet u l-paċi. Imbagħad naraw li ladarba ltqajna miegħu ma nħalluh qatt. Minkejja l-problemi kbar, diffikultajiet u sofferenzi sħaħ li ġġib magħha l-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, Hu ħa jagħtina l-akbar kuraġġ u l-għajnuna kollha biex ngħaddu minn dan kollu u nibqgħu mexjin. Ma hawnx mument ieħor daqshekk kbir fil-ħajja daqs dan, li jagħtik ferħ, kuraġġ u tama kbira għax il-Missier tagħna jħobbna b'imħabba bla tarf. Mela ejja nagħmlu ħilitna kollha u nsibu dan il-ftit tal-ħin, ma hemmx bżonn ta' xi ħin twil, imqar ftit tal-mumenti fil-kwiet fil-ġurnata tagħna, biex inkunu nistgħu naraw x'imħabba kbira għandu għalina l-Missier.

Jiena żgur li ladarba tgħaddu minn din l-esperjenza ħa tibdlilkon ħajjitkom, u Hu jsir kollox u kull skop fil-ħajja tagħkom, u dan il-mument jagħmel il-ħajja tagħmel sens kbir u mimlija ferħ ġenwin.

Grazzi Mulej tal-Imħabba immensa tiegħek, tat-tjieba u l-ħniena tiegħek.

"Inti ħlaqtna għalik O Alla u qalbna ma ssib qatt kwiet jekk mhux fik".

Inħobbok Mulej,
Sid tas-Sema u l-Art.
Bintek.



# Ġesù fl-Ewkaristija

Pierre Azzopardi B.A. Hons.Theol.

L- Ewkaristija mhux kulħadd jifhimha bl-istess mod. Iġifieri mhux kull Kristjan jaċċetta dak li nagħmlu aħna l-Kattoliċi, jiġifieri li nirċievu lil Ġesù fl-Ewkaristija bit-tqarbina li nagħmlu, u dan jagħmluh ukoll l-Ortodossi.

Biż-żmien, mill-Knisja waħdenija li ħallew l-Appostli bdew ħergin fergħat minnha, jiffurmaw knisja għalihom għax ma jkunux jaqblu mal-Knisja Omm. Il-Knisja Kattolika hija dik oriġinali fejn il-Papa huwa l-eredi tat-Tron ta' Pietru, iġifieri minn San Pietru 'l hawn dejjem kien hemm xi ħadd li tela' fuq it-Tron minfloku sal-lum il-ġurnata.



Ġesù Rxoxt preżenti kullimkien u fl-Ewkaristija

U nistgħu ngħidu li l-Knisja minn dejjem kellha min jipprova jfixkilha jew idawrilha t-tagħlim li tgħaddi lill-fidili tagħha. Saħansitra sa mill-bidu tagħha stess, il-Knisja kellha dawn l-eretiċi, li jipprovaw jaqbdu ma' xi suġġetti u jdawruh bil-mod kif jaqbel lilhom, dan mhux sew. Dawn l-eretiċi jdawru t-tagħlim u t-tradizzjoni ħajja tal-Knisja, xi ħaġa li qed tiġri fi żmienna u saret ukoll fi żmien l-appostli u d-dixxipli tagħhom.

Allura nistgħu ngħidu li s-sikrana sa mill-bidu kienet dejjem teżisti u tittrabba mal-qamħa u tipprova teqred it-tajjeb imma qatt ma jseħħ li tinqered il-Knisja, wisq iktar l-Ewkaristija li kemm aħna l-Kattoliċi u anke l-Ortodossi, b'mod speċjali, nemmnu li hija l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Aħna qed insegwu l-kliem tal-Mulej li qal lill-appostli u li ordnalhom li jgħadduh lill-oħrajn: "*Dan huwa ġismi… U dan huwa demmi… agħmlu dan b'tifkira tiegħi*." Mela aħna qed nagħmluh dan (nobdu l-kmand u niċċelebraw l-Ewkaristija), li qalilna Ġesù nnifsu, biex hekk inwassluh lill-oħrajn. Ġesù ma kienx qed jgħid lill-appostli biss imma lill-qassisin u l-isqfijiet kollha li kellhom jiġu wara.

Iżda dawk li jippruvaw jgħawġu dak li hu dritt jgħidulek li Kristu kien qed jitkellem b'mod metaforiku, iġifieri mhux mod dirett. Skont huma Ġesù ried ifisser xi ħaġa iktar minn hekk, u jiffukaw fuq il-kliem *"tifkira tiegħi"* biss, allura jibdew jgħidu li aħna tifkira biss missna niċċelebraw u ma hemm xejn reali fl-Ewkaristija. Dan huwa tagħlim ħażin u qarrieq.

San Ġwann l-Evanġelista jagħmel preżentazzjoni ħajja ta' Ġesù. Ġesù tħaddet mad-dixxipli u wassalhom biex jifhmu r-raġuni li ġie fid-dinja għaliha. San Ġwann il-Battista jirreferi għal Ġesù bħala l-Ħaruf t'Alla. Fil-fatt Ġesù ġie biex bħal ħaruf li jinqatel għas-sagrifiċċju, u dan għamlu biex jidħol għalina, jifdina bid-demm tiegħu. Il-Lhud, skont

l-ordni li tahom Mosè, joqtlu 'l ħaruf tal-Għid tagħhom, u dan kollu kien qed isir b'mod simboliku. Ġesù ħa l-post flok il-ħaruf tal-Lhud, il-ħaruf tal-Lhud sar vittma biex ipatti hu (innoċentament) għad-dnubiet tagħna. Imma li ried Ġesù hu li aħna nibqgħu nirċievuh (nonoraw il-kmand li tana - "Agħmluh dan").

Lil-Lhud Ġesù spjegalhom li missirijiethom kielu l-manna fid-deżert li niżlet mis-sema. Mal-miġja tiegħu stess, il-ħobż li niżel mis-sema, sar Hu nnifsu.

**Ġw:6:51** « *Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja.»* **Ġw:6:52** *Fuq hekk il-Lhud tlewmu bejniethom, u bdew jgħidu: «Kif jista' dan jagħtina ġismu biex niekluh?»* **Ġw:6:53** *Ġesù mela qalilhom: «Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom.* **Ġw:6:54** *Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum.* **Ġw:6:55** Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb. **Ġw:6:56** *Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih.* **Ġw:6:57** Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija. **Ġw:6:58** *Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema; mhuwiex bħal dak li kielu missirijietkom u mietu; min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem.»* **Ġw:6:59** *Dan qalu huwa u jgħallem fis-sinagoga, f'Kafarnahum.*

Għandna nosservaw il-kliem ta' Ġesù li jgħidilna: "ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xor*b* ». Dan qalu biex jaċċerta lil dawk li qed jisimgħuh, li verament biex nirċievuh aħna rridu nieklu dan il-ħobż u nixorbu minn dan l-inbid.

Skont il-lingwa Griega li nkiteb it-Testament il-Ġdid biha, il-kelma ikel (*trogon*) tirreferi għal ikel li jittiekel fil-veru sens tiegħu u ma jfissirx kliem ieħor metaforiku bħal ngħidu aħna li temmen.

Fil-fatt kien hemm xi dixxipli ta' Ġesù li m'aċċettawx dak li kien qiegħed jgħidilhom u minn dakinhar telquh. Li kieku Ġesù kien qed ikellimhom b'mod metaforiku u ra li fehmuh ħażin, kien iwaqqafhom u kien jgħidilhom li fehmuh ħażin, u kien ifehemhom jerġa' għal darb'oħra b'mod li jifhmuh allura.

**Ġw:6:60** *Ħafna dixxipli tiegħu, meta semgħuh, qalu: «Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu?»* ***Ġw:6:61*** *Ġesù ntebaħ waħdu li d-dixxipli tiegħu kienu qegħdin igergru fuq hekk, u qalilhom: «Dan il-kliem qiegħed ifixkilkom?* ***Ġw:6:62*** *Mela xi tgħidu kieku kellkom taraw lil Bin il-bniedem tiela' fejn kien qabel? »*

Jidher ċar, li dawk id-dixxipli li ma fehmuhx u telquh, aktarx ħasbu li riedu jieklu l-ġisem ta' Ġesù b'mod kannibalesk, fil-fatt huwa f'dan ir-rigward li Ġesù qallhom: **Ġw:6:63** *« Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għalxejn. Il-kliem li jiena għedtilkom huwa spirtu u ħajja.* **Ġw:6:64** *Iżda hemm xi wħud fostkom li ma jemmnux.» Għaliex Ġesù kien jaf sa mill-bidu min kienu dawk li ma emmnux u min kien dak li kellu jittradieh.* ***Ġw:6:65*** *U ssokta jgħidilhom: «Kien għalhekk li jiena għedtilkom li ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier ma jagħtihx li jiġi.»* ***Ġw:6:66*** *Minn dakinhar bosta mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh.*

**Parteċipazzjoni**

Fil-quddies li niċċelebraw ta' kuljum ma nkunu qed inżiedu jew innaqqsu xejn minn dak li waqqaf Sidna Ġesù Kristu. Fl-Ewkaristija aħna niċċelebraw it-Twelid, iT-Tbatija, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu u dan huwa possibbli għax Alla huwa l-istess ilbieraħ, illum u għada, u kollox fil-preżent għalih. Meta niċċelebraw l-Ewkaristija nġibu fil-preżent

il-Golgota, u niġġeddu aħna kif iġġeddu dawk kollha li ġew qabilna matul l-elfejn sena ta' storja li għandha l-Knisja. B'hekk it-tieni persuna tas-Santissima Trinità għadha ħajja u qiegħda f'nofsna.

San Pawl jgħidilna li meta niċċelebraw l-Ewkaristija nkunu qegħdin nipparteċipaw mill-mejda waħdenija ta' Ġesù li hija l-Aħħar Ċena. Nistgħu ngħidu li l-miraklu tat-tkattir tal-ħobż għadu jsir sal-ġurnata tal-lum kull meta niċċelebraw l-Ewkaristija, b'hekk it-tifkira hija waħda ħajja u mġedda, daqs li kieku l-ħobż tal-Ewkaristija għadu jitkattar mill-Aħħar Ċena sal-ġurnata tal-lum.

***1Kor:10:15*** *Lil nies għaqlin qiegħed inkellem; għarblu intom kulma ngħid.* ***1Kor:10:16*** *Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?* ***1Kor:10:17*** Għax la l-ħobż*a hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda.*

**Tqarbin ħażin**

Prova oħra ta' kemm l-Ewkaristija Mqaddsa hija l-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu, hija t-twissija li San Pawl qed jagħti lill-poplu t'Alla, biex wieħed ma jagħmilx tqarbin ħażin u biex wieħed ikun jaf u attent x'qed jirċievi, f'kelma waħda kull min ikun qed jitqarben għandu jġib rispett lil Ġesù u jitqarben bil-mod kif jixraq. Dan għax fil-fatt it-tqarbin mill-bidu tal-Knisja sal-ġurnata tal-lum, dejjem sar bil-ġisem u d-demm ta' Ġesù, kif spjegajt qabel.

***1Kor:11:27*** *Mela kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej.* ***1Kor:11:28*** *Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi.* ***1Kor:11:29*** *Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess.* ***1Kor:11:30*** *Għalhekk ħafna fostkom huma bla saħħa u morda u oħrajn mejta.* ***1Kor:11:31*** *Jekk aħna ngħarblu lilna nfusna sewwa, ma nkunux ikkundannati.* ***1Kor:11:32*** *Meta jagħmel ħaqq minna l-Mulej, jagħmlu biex iwiddibna ħalli ma nkunux ikkundannati mad-dinja.*

Għalhekk jinħtieġ li wieħed jidħol għal din l-ikla tal-ħaruf imnaddaf minn kull tinġis tar-ruħ (mid-dnub) u jkun preparat sew u fi spirtu t'adorazzjoni biex ma jkunx ħati tad-demm tal-ħaruf. Punti prattiċi wieħed għandu jindem, iqerr u jirranġa l-għawġ ma' ħutu l-bnedmin biex ikun preparat sew qabel it-tqarbina. Dawn huma kollha provi ċari li meta nitqarbnu qegħdin nirċievu l-Ġisem ta' Ġesù u mhux sempliċiment tifkira kif jaħsbu l-Protestanti.

**Meta fieq iż-żagħżugħ bis-saħħa ta' interċessjoni**

***Atti:20:9*** *Wieħed żagħżugħ, jismu Ewtiku, kien bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, u ħadu n-ngħas sewwa, għax Pawlu ġibed fit-tul fi kliemu. Fl-aħħar in-ngħas għelbu u waqa' għal isfel mit-tielet sular, u refgħuh mejjet.* ***Atti:20:10*** *Pawlu niżel isfel, tbaxxa fuqu, refgħu f'dirgħajh u qal: «Tibżgħu xejn, għax ruħu għadha fih.»* ***Atti:20:11*** *Imbagħad raġa' tela' fuq, qasam il-ħobż u kiel; u ssokta jitkellem magħhom sa ma sebaħ. Imbagħad telaq.* ***Atti:20:12*** *Lil dak iż-żagħżugħ ħaduh ħaj, u tfarrġu mhux ftit.*

F'din is-silta nsibu prova oħra kemm Ġesù jinstab fl-Ewkaristija. Il-kliem « qsim il-ħobż » ifissru tiċċelebra l-Ewkaristija, li hija l-ikbar talba. Nistgħu ngħidu li San Pawl iċċelebra l-Ewkaristija bħala interċessjoni għal dak iż-żagħżugħ li kien miet, u fil-fatt fieq wara. Ħafna jaħsbu lil- kliem « qsim il- ħobż » f 'dan il-passaġġ tal-iskrittura, ifisser taqsam

il-ħobż waqt l-ikel biss.

Għal darb'oħra prova oħra kemm Ġesù jinstab fl-Ewkaristija hija meta s-Satanisti jisirqu l-Ewkaristija mill-knejjes, jagħmlu l-quddiesa sewda, biex jagħmlu patt max-xitan.

Fl-Apokalissi, li jitkellem dwar il-futur u x'ser jiġri, jirreferi għal Ġesù bħal ħaruf maqtul. Din hija indikazzjoni li Ġesù għadu għad-dispożizzjoni tagħna fis-sagrifiċċju tal-quddiesa li għadu jsir u ser jibqa' jsir sal-aħħar taż-żminijiet. Iġifieri l-għotja ta' Ġesù hija kontinwa u preżenti fis-sagrifiċċju tal-quddiesa: ***Apk:5:6*** *Imbagħad, bejn it-tron u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin u f'nofs ix-Xjuħ rajt li kien hemm Ħaruf, wieqaf, bħal maqtul, b'sebat iqrun u seba' għajnejn, li huma s-seba' spirti ta' Alla mibgħutin fuq l-art kollha.*

Dan il-vers 'wieqaf bħal maqtul' jista' jitqabbel mal-vers, li qal San Pawl fil-kitba tiegħu lill-Korintin:

***1Kor:11:26*** *Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.*

**Għarfuh fil-qsim il-ħobż**

***Lq:24:30*** *U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom.* ***Lq:24:31*** *Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom.*



Didache

F'din is-silta Ġesù kien diġà qam mill-imwiet u deher lid-dixxipli tiegħu, kien mexa magħhom f'Emmaws, u peress li kien sar il-ħin, daħal fejn kienu l-appostli biex jiekol u jistrieħ hemm. Baqgħu ma għarfuhx tul il-mixja kollha u anke meta kien ġewwa magħhom, għarfuh biss mal-qsim tal-ħobż fejn infetħulhom għajnejhom. Fil-fatt huma qalu bejniethom li qalbhom kienet imħeġġa meta beda jispjegalhom l-Iskrittura, iżda nfetħu għajnejhom iġifieri ntebħu, hekk kif reġa' ċċelebra l-Ewkaristija dak il-ħin (qasam il-ħobż). Kienet it-tqarbina li għamlu li fetħitilhom għajnejhom u indunaw bil-preżenza tiegħu u fil-fatt għeb minn quddiem għajnejhom. Il-messaġġ li tahom fil-fatt kien li fl-Ewkaristija hemm il-preżenza reali tiegħu.

Waqt il-quddiesa li niċċelebraw aħna l-ewwel li naqraw, wara l-qari u t-talb tal-bidu, huwa l-Vanġelu (l-Iskrittura) u wara tiġi ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Dan jiġi l-istess mod ta' kif Ġesù wassal il-messaġġ tiegħu fejn l-ewwel spjegalhom l-Iskrittura, u qalbhom tħeġġet, u wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija meta qasam il-ħobż, tqarbnu u għarfuh. Is-saċerdot jew id-djaknu jaqraw il-Vanġelu u jippriedkawh u ftit wara, is-saċerdot jiċċelebra l-Ewkaristija.

Meta qam mill-mewt Ġesù f'diversi okkażjonijiet wasslilhom messaġġi, kemm bl-għemil tiegħu, u kif ukoll b'dak li qallhom x'għandu jsir f'ismu:

Biex ixandru l-bxara t-tajba u jgħammdu fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu
Biex jaħfru d-dnubiet
Biex jiċċelebraw l-Ewkaristija

**Konklużjoni**

Ġesù' ġie fid-dinja biex bil-mewt tiegħu jkollna l-ħajja ta' dejjem. Huwa permezz ta' din il- miġja ta' Ġesù li l-bniedem ser isalva. Għalhekk in-Nisrani, l-ewwel irid jitwieled mill-ġdid permezz tal-Magħmudija, Qrar u Tqarbin, u s-sagramenti l-oħra jiġu aktar tard fil-ħajja tan-Nisrani.

L-appostli bdew din il-mixja u ffurmaw il-Knisja fuq it-tagħlim li għaddielhom Ġesù Kristu. Għandna xi dokumenti antiki miż-żminijiet tagħhom, bħal dokument famuż ***'The Didache'*** li jagħtu xhieda ta' kif huma stess kienu jiċċelebraw l-Ewkaristija meta kienu qed jgħallmu lid-dixxipli tagħhom. L-appostli kienu javżaw lill-kommunitajiet tagħhom li l-bniedem li jitqarben irid ikun mgħammed l-ewwel, għax dan mhuwiex ikel normali bħal ikel ieħor, għalhekk il-bniedem irid ikun diġà beda l-mixja spiritwali, fil-fatt jibda jissejjaħ Kristjan. Nistgħu ngħidu li dan ir-rispett u l-ordni lejn l-Ewkaristija jagħti indikazzjoni oħra tar-realtà tal-Ewkaristija li hija il-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu, u kif kienet tħares lejn l-Ewkaristija l-Knisja fil-bidu nett tagħha. Kienu jużaw din il-frażi: "Tagħtux lill-klieb dak li hu qaddis", kliem li kien qallhom Ġesù, ***Mt:7:6*** Matul il-korsa taż-żminijiet saru diversi mirakli fl-Ewkaristija; jew saret demm jew saret biċċa laħam li meta studjaw fuqha skoprew li hija parti minn qalb tal-bniedem. Wieħed mill-aktar riċenti fost il-mirakli nsibu dak li sar fl-1996, fl-Arċidjoċesi ta' Buenos Aires, l-Arġentina, meta l-Papa preżenti Franġisku kien isqof Awżilarju taħt l-awtorità tal-Kardinal Quarracino. Fiha x'tifhem ħafna kif dawn il-mirakli kollha li saru matul is-sekli f'pajjiżi differenti qed iġorru l-istess DNA! Iġifieri jappartienu dejjem lill-istess persuna; lil Sidna Ġesù Kristu.



**Miraklu tal-Ewkaristija fl-Arċidjoċesi ta' Buenos Aires**

# Fil-ġranet tal-Festa nagħmlu tajjeb jekk nersqu lejn is-Sagrament tat-Tqarbin

# Eman Camilleri

E-mail: hew@onvol.net
Mob: 9946 2513








## BOV HomeAssist

**new attractive home loan package**

BOV HOME LOANS
2131 2020 | bov.com

Loans are subject to normal Bank lending criteria and final approval from your BOV Branch. The term of the loan must not go beyond retirement age. Terms and conditions apply.

BOV
Bank of Valletta







V&C Contractors Ltd

**General Contractors**

Vincent & Charles Borg (Directors)

Excavations | Demolitions | Rock Cutting | Trench Works
Plant Hire & Road Works | Large & Small Machinery
Drainage Connections | Jackhammer Works

'Whyte Harte' Triq il-Kostinjus, Naxxar, NXR6352
Tel: 2142 0086 | Fax: 2141 5832 | Mobile: 7949 4661 / 7942 4661
Email: info@vccontractors.com
Website: www.vccontractors.com

## J. BONAVIA & NEPHEWS Ltd

**St Francis, Triq Il-Fortizza, Mosta MST 4000**
**Tel: 21 422 624/5 • Fax: 21 423 084 • Mob: 99 490 877**

J. Bonavia & Nephews Ltd. provides both engineering works and waste management services. The following is a list of our services in relation to each respective field:

**Civil Engineering Works:**
- Demolition of Buildings
- Excavation Works
- Trenching Works
- Plant Hire – Earth Moving Machines Services
- Supply of Aggregate and Sand

**Waste Management Services:**
- Open Skip Services
- Skip on Wheels Services
- Waste Services
- Shredding Services







**Dr. Gavin Gulia, Chairman tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, jawguralkom il-festa t-tajba.**

Tel: 79422916 | E-mail: gavin.gulia@gov.mt | Facebook: Gavin Gulia




DESANA
GRANITE & MARBLE WORKS
www.desanamarbles.com
A Buskett Road, Dingli.
@ info@desanamarbles.com
M 99487776


DOM Book Distributors
Tel:2768 1916 Mob: 7768 1916
FREE DELIVERY
E-Mail domdistributors@gmail.com


Debono CAR CENTRE
Your Car Your Way
Carmel Str., Fgura FGR 2109 - Malta
(Opp. Bulebel Industrial Area)
Tel: 2189 5775 - Mob: 9949 0775 - 79278232
Email: info@debonocarcentre.com
WWW.DEBONOCARCENTRE.COM
At Debono Car Centre we specialise in high-graded UK Imports. A vast range of vehicles at fantastic prices guaranteeing you will receive Great Value for money.
We stock a variety of types of second hand vehicles for every use, always in excellent condition and reasonably priced. Whether you want to part-exchange your car or purchase a high quality second hand vehicle a visit at our showroom should not be missed where stock is received on regular basis.


Elio Fenech
Minibus Services
For all kinds of transport with
very reasonable prices
Call 99459817


Traditional Barn Reared
Ballut Farm
We offer fresh local graded eggs, packed Small, Medium & Large
Available at Supermarkets & Retail Shops. We also supply Catering Establishments
Local Product Quality Guaranteed
Tel/Fax: 21573488 - Mob: 9980 1719 / 9947 5648
www.ballutfarm.com - ballut.farm@maltanet.net
Ballut Farm, Ghajn Tuffieha Rd, Ghajn Tuffieha, Malta


BLAUGRANA
CERAMICS
Importers of Tiles from Italy & Spain
Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics
• Tile Laying
• Bathroom Accessories
• Mixers
Johann Said
mob: 99728174
90, Main Street, Mgarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt



l-Accountant

**Antoine Borg**

jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha

tista' tagħmel kuntatt ma' Antoine Borg
fuq tel: **79030583**
email: **antoine@antoineborg.com**

AutOmax
PANEL BEATING & SPRAY PAINTING

Gudja Industrial Estate,
Tarxien Road,
Gudja

**Tel: 2166 1149**

**Mob: 9947 2196**

**martin grima ltd.**

Ghajn Astas
St Paul's Bay

tel: 21 574 474
mob: 9947 1982
fax: 21 583 087
grimar@maltanet.net

## Importers & Distributors of Agriculture & Horticulture Products





*'Together we are the growing power'*

Seeds & Crop Protection • Tractors & Agriculture machinery • Compost • Fertiliser • Plant Raisers • Irrigation Systems • Packing Products • Greenhouses • Plastic Film • Bumble Bees • Biological Control Beneficial

## ANNA MART JOE FALZON UNDERTAKER

## TAL-FUNERALI TAL-MOSTA

## NIGHT & DAY SERVICE

| | |
|---|---|
| Garage Hire Service: | 10, 14, Bridge Street, Mosta. |
| Undertaker Service: | 29, 31, 33, Bridge Street, Mosta. |
| Residence: | Rosemarie, 35, Bridge Street, Mosta. |
| Office: | 39, Bridge Street, Mosta. |

Telephone: 21411207 - 21411828
Fax: 21420877
Mobile: 99490142 - 99498056






MUSIC LINK

Importers • Wholesalers • Distributors

... the link between **music** and **musician**

*We stock all types of musical instruments, Pro-Audio Equipment, accessories and music books including ABRSM, LCM and Trinity Publications*

We are also agents for FERNANDES Guitars

**Have you always wished to learn the piano?**
**Is your child interested in learning piano but the thought of being an inconvenience to your neighbours puts you off?**
**Do you live in a small apartment and so space is an issue?**

## ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!



With same hammered piano touch feeling and less space taken, this makes Roland digital pianos unique and comfortable in your home. It gives you the advantage of studying any time you want, even during the night, by using the headphones!

**Benefits when purchasing a Roland Digital Piano:**
• Never needs tuning • No maintenance necessary • lighter to move
• Safe from humidity and temperature • total control of volume
**• Exceeds the specifications for digital pianos prescribed by UK Examination Boards** • 2 years guarantee on parts and labour

Roland Digital Piano Pianos are used at The Royal Academy of Music and The Royal College of Music.

**All models are now with IVORY FEEL TOUCH for the perfect piano playing!**

262, Fleur De Lys Road, Birkirkara | Tel: 2148 2796 | Fax: 2131 5022 | E-mail: info@nvgent.com

www.nvgent.com


RESIDENTIAL
COMMERCIAL
Gozo
Most Advanced Up & Over Garage Doors
Residential, Industrial & Commercial
UPWARD DOOR SYSTEMS LTD. (UDS)
GARAGE DOORS / SERVICE / INSTALLATION / PARTS
INDUSTRIAL ESTATE, XEWKIJA, VCT 110 GOZO, MALTA, EUROPE
TEL: 356 - 2156 4456 , FAX: 356 - 2156 4457, MOB: 356 - 9942 7391
E-MAIL: uds@maltanet.net WEBSITE: www.udsmalta.com
UDS Malta's Leading Garage Door Fabricator
Upward Door Systems Ltd Distributor of Upwardor Corporation
products of Canada, leading garage door manufacturers in North America.
UPWARDOR


THE PROFESSIONALS
58 Mill Street, Qormi
Mob: 99490574 Tel: 27445571
the professionals malta
web: www.theprofessionalsmalta.com
PARQUET FLOORING
Solid, Engineered and German
quality laminate parquet flooring
FLOOR DECKING
Wood and
composite floor decking
PEBBLES &
FEATURE WALLS
& SLATE
White and coloured
pebbles, feature
walls and slate all in
different sizes



Vehicle
AIR-CONDITIONING
REPAIRS & SERVICING
CALL US ON
9944 3588
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99443588
Lines Ltd.
Servicing and Repairs of Air-conditions



maltatransfer.com
Get on board
Hotel Transfers directly to the
doorstep of your accommodation
Airport
Shuttle
Hotel
€5
Prices starting from only €5
per person / each way
Tel: +356 21332016 • Mob: +356 79646481
E-mail: sales@maltatransfer.com • Web: www.maltatransfer.com



KopTaCo
Coaches Cooperative
Airport transfers
Point - Point transfers
School transport service
Day outings
Tours
Contact us on
79338667
21338667
info@koptaco.com



Lines Ltd.
Coaches, Mini Buses & Chauffeur Driven Cars
Point - Point transfers, Airport transfers,
Tours, School transport service, Day outings
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99239663

# TA' SOLDI
RESTAURANT

*the heart of good food!*

**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta**
**Tel: 2157 2535, 2152 5815**
**Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533**

***The True Taste of Malta***
***…our speciality is the Mixed Maltese Dish!***

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**
**Bar Café • Dolceria**

***Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.***

# Tal-Plitt






Ħaxix u frott frisk kuljum
Triq Sir Temi Zammit,
Żebbiegħ, l-Imġarr.
**Mob: 99236219 jew 77776287**

Il-Ħin tal-Ftuħ: 10am sa filgħaxija
L-affarijiet lokali jinqatgħu
kuljum qabel il-ħin tal-ftuħ.
Niftħu wkoll il-Ħdud u Festi Pubbliċi.


Raymond Muscat Photography
AFIAP, FMPS
e-mail: muscray@gmail.com
324

# Professionally Groom Your Pet

- Pet Grooming On Cats, Small & Big Dogs
- From Simple Wash & Blowdry to a Complete Session
- All Tools Are Sterilized
- Hassle Free Parking
- Clothing Accessories Available



CHARMS PET GROOMING

Charmaine Martin, CPG
Certified Professional Groomer

7, Triq Dun Edgar, Mgarr
Tel: 21 577 477  Mob: 79 890 009

tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721

Tomabnina
WINE
Room

NO.2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MGARR, MALTA



TWANNY ZAMMIT








Labardi, Standardi, Pilandri, Kurazzi eċċ.
Ilbies tar-Rumani, Kurazzi tar-Rumani, Ibbanjar bil-fidda, Tiswija ta' strumenti tar-ram
**2, Mejjilla Street, Qormi – Tel: 21498222 / 99867670**



# Il-Qima lejn ir-Relikwi tal-Qaddisin Martri

## *Ir-relikwija ta' San Piju Martri fil-parroċċa tal-Imġarr*

**Kitba ta' Rev. Dr. Edgar Vella**

Sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżimu l-Knisja aċċettat, u ppermettiet, il-qima tar-relikwi tal-martri bħala sinjal tal-imħabba tal-Insara lejn ħuthom li xerrdu demmhom għal Kristu. Il-martri Nsara kienu l-ewwel qaddisin u l-ewwel sors tar-relikwi. Ta' min jgħid li bejn it-tmiem tal-ewwel seklu sal-bidu tas-seklu 4 r-Rumani ppersegwitaw, arrestaw, u ħaqru għadd kbir ta' Nsara fidili lejn it-twemmin fi Kristu. Ħafna Nsara spiċċaw martri, kif jixhdu r-rakkonti fil-Martiroloġju. Waħda mill-ewwel dokumentazzjonijiet ta' martirju, u l-ġbir tal-fdalijiet, hi dik ta' San Polikarpju, Isqof ta' Smirna, fis-sena 156, fejn il-kronaka tgħid li l-fidili ġabru l-fdalijiet maħruqa bħallikieku kienu ħaġar prezzjuż u deheb fin[1].

Il-kelma relikwa ġejja miIl-kelma Latina *relinquere* li tfisser dak li jifdal mill-ġisem, u fil-każ tal-martri allura, dak li jifdal mill-ġisem maħruq tal-ikkundannat. Jekk ir-relikwi kienu jinkludu l-korp kollu, ir-referenza kienet *Corpus*, waqt li jekk ir-relikwa kienet tinkludi framment mill-ġisem, it-terminu użat kien *ex ossibus*.[2] Naturalment frammenti ta' tessuti kienu jiġu identifikati mit-tip ta' vestitura, pereżempju *ex velo, ex funiculo, ex tunica* u l-kumplament.

Wara l-editt ta' Milan fis-sena 313, meta l-Imperatur Konstantinu ta l-libertà tal-espressjoni lill-Insara, il-kult tar-relikwi evolva b'rata mgħaġġla u laħaq il-quċċata fil-Medju Evu u fis-sekli suċċessivi.



Ir-relikwija tar-ras ta' San Piju Martri konservata f'relikwarju urna skulturata u indurata.

F'Malta, l-informazzjoni dwar il-kult tar-relikwi bdiet tevolvi u tieħu l-forma mal-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1530. Għalkemm l-Isqof Domenico Cubelles, fil-viżta pastorali tal-1545, isemmi xi relikwi konservati fil-Katidral[3], l-informazzjoni f'dan il-perjodu tibqa' pjuttost oskura. Ta' min jgħid li l-ewwel traslazzjoni dokumentata tar-relikwi hi dik tal-1608 bir-relikwi li nġabu mill-Eremit Fra Juan Benegas minn Cordoba. Din it-traslazzjoni saret mill-Knisja Maġġuri Konventwali ta' San Ġwann għall-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat[4]. Nistgħu ngħidu li minn hawn 'il quddiem, il-parroċċi u l-entitajjiet ekkleżjastiċi lokali bdew attività bla heda biex iġibu lejn il-knejjes tagħhom għadd kbir ta' relikwi tal-qaddisin[5].

Billi f'Malta ma kontx issib relikwi tal-martri, allura mis-seklu tmintax 'il quddiem seħħ il-fenomenu li wassal biex jaslu fi xtutna għadd enormi ta' relikwi prinċipalment minn Ruma[6]. Minħabba t-talbiet dejjem jiżdiedu, bdew jinqalgħu l-iskeletri mid-diversi katakombi

ta' Ruma, li fi żmien il-Barokk kien maħsub li l-fdalijiet kollha kienu relikwi tal-martri tal-persekuzzjonijiet tal-Imperu Ruman kontra l-Insara. Billi kważi fil-każi kollha, dawn il-fdalijiet umani kienu nieqsa minn kull ħjiel ta' identità, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kienu jagħtu isem ta' xi virtu. Dawn l-ismijiet jinkludu fost l-oħrajn: Coronatus, Felicissima, Candidus, Consolata, Pius, Liberata jew Lucidus. L-isem, provenjenza u l-persuna responsabbli, kienu jitniżżlu fiċ-ċertifikat tal-hekk imsejħa "awtentika", li kienet takkompanja r-relikwi, u li ħafna minnhom għadhom jeżistu sal-lum minkejja li ħafna oħrajn intilfu mal-medda tas-sekli.

F'dan il-perjodu saru sforzi kbar biex il-parroċċi jakkwistaw l-hekk imsejħa korpisanti u relikwi oħra. Dawn il-korpisanti waslu fil-parroċċi bl-interventi ta' Gran Mastri, l-Isqfijiet, membri tal-Kleru u Dinjitarji tal-Ordni ta' San Ġwann. Ir-relikwa, jew skeletru, kienet tasal Malta f'kaxxa issiġillata u akkumpanjata biċ-ċertifikati li jixhdu l-awtentiċità, il-provenjenza, u l-isem li jkun ingħata mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Mal-wasla f'Malta kienu jiġu spezzjonati mill-Isqof. Dan, filwaqt li jikkonferma ċ-ċertifikati miġjuba minn barra, joħroġ ċertifikat ieħor magħruf bħala 'awtentika' fejn jagħti permess biex il-fdalijiet jiġu esposti għall-venerazzjoni pubblika. Qabel issir it-traslazzjoni solenni kienu jsiru l-preparazzjonijiet meħtieġa għal festi spettakolari madwar il-korpsant konċernat[7].



Relikwija ex ossibus konservata f'ostensorju tal-fidda

Il-fdalijiet kienu jiġu ppreżentati b'żewġ modi prinċipali; jew l-għadam jiġi rranġat fuq imħadda ta' materjal rikk, bħal bellus jew ħarir, inkella l-għadam jitqiegħed fi statwa (korpsant). Fl-ewwel każ kienet drawwa li titpoġġa kuruna ta' fjuri dekorattivi fuq il-kranju u f'xi każi r-ras kienet tinkesa bix-xama', jew xoqqa u reżina biex tiġi ppreservata aħjar. Normalment f'dan il-każ ir-relikwi kienu jiġu konservati f'urna li ta' spiss kienet tkun skulturata u indurata, li mbagħad kienet titpoġġa f'artal. Fil-każ l-ieħor il-fdalijiet kienu jitqiegħdu fi statwi tax-xama' jew kartapesta, u f'xi każi rari anke tal-injam[8], b'aperturi protetti bil-ħġieġ li juru l-għadam ta' ġewwa. Bħala regola dawn l-effiġji kienu jitlibbsu b'tessuti u rakkmu mill-isbaħ. Jekk kien ikun raġel kien jitlibbes ta' suldat Ruman, mogħni b'kurazza tal-lama bil-burduri u rakkmu tad-deheb, u ħwejjeġ tal-ħarir. Dan kien ikun komplut bix-xabla, l-elmu u t-tarka bil-monogramma *Chi Rho* li talludi għal kelma Griega 'Kristos', u allura bħala suldat ta' Kristu li ħalla ħajtu għall-fidi Kristjana. Ma kinitx tonqos l-ampulla tal-ħġieġ, mifhmuha li tikkonserva d-demm tal-martri. Fil-każ li l-korpsant jirrappreżenta qaddisa martri din kienet titlibbes ta' *Matrona Romana* b'kostum tal-epoka Imperjali, u b'kuruna tal-ward fuq rasha. Is-simboli tal-palma tar-rebħa, il-ġilju simbolu tal-verġinità, jew salib, kienu popolari kif kienu wkoll il-monogramma *Chi Rho* u l-ampulla li kont issibhom biswit l-effiġji. Il-figura normalment kienet tistrieħ fuq sarkofagu żgħir. Il-pożizzjoni mixħuta tal-korpsant kienet tippermetti li l-effiġja toqgħod sew fuq, jew taħt, l-artal protetta bi grada tal-ħadid jew bil-ħġieġ.

Is-seklu tmintax u dsatax jibqgħu mmarkati bħala l-epoka tad-deheb għal dak li hu kult tar-relikwi u t-traslazzjonijiet solenni tal-korpisanti. F'dan il-perjodu ħafna parroċċi fid-djoċesi ta' Malta organizzaw, bl-ikbar entużjażmu, festi spettakolari li ġieli damu sejrin ġimgħa sħiħa. Minn dokumenti konservati fl-arkivji ekkleżjastiċi naraw kif matul dawn

il-festi l-ibliet u l-irħula kienu jilqgħu fi ħdanhom ġmiegħi enormi ta' nies li b'devozzjoni u fervur kienu jsegwu l-funzjonijiet liturġiċi u l-attività popolari madwar il-korpsant imżejjen bl-iktar mod lussuż[9]. Dawn l-attivitajiet kienu jseħħu b'koreografija orkestrata, b'elementi impressjonanti, fil-preżenza tal-għola awtoritajiet tal-gżira, kemm ekkleżjastiċi kif wkoll ċivili. Preżenti matul dawn il-festi kienu wkoll arki trijonfali, skrizzjonijiet, baned u korijiet, artali matul it-triq, murtali, tiġrijiet tal-bhejjem u mixgħela ġenerali. Naturalment il-knejjes kienu jiżżejnu b'damask, baldakkini, fjuri u xemgħat[10]. Il-preżenza ta' korpisanti b'ismijiet deskrittivi, jew ta' xi virtù, kienu jinfluwenzaw l-ismijiet mogħtija lit-trabi tal-lokal b'mod li wieħed ikun jista' jagħraf l-oriġini tal-individwu.

Il-parroċċa tal-Imġarr tippossiedi numru, relattivament moderat, ta' relikwi fosthom dik ta' San Piju Martri, li kif aċċennajt qabel, il-preżenza ta' din ir-relikwa influwenzat lil missierijietna, li semmew it-trabi subien bl-isem ta' Piju. Minbarra r-relikwa tar-ras tal-imsemmi martri, li llum tinsab konservata f'relikwarju urna Barokk f'*loculum* taħt it-titular, il-parroċċa għandha relikwarju ostensorju tal-fidda, bi framment *ex ossibus* tal-qaddis. Dan l-ostensorju[11], sa ftit snin ilu, kien joħroġ fil-purċissjoni tal-qaddis mat-toroq tal-Imġarr. Dwar il-provenjenza tar-relikwa ta' San Piju jidher li d-dokumentazzjoni hi pjuttost nieqsa. Biss ta' min jirrimarka, li minħabba l-fatt li fil-parroċċa tas-Siġġiewi jeżisti korpsant bl-isem ta' San Piju, li jinsab fl-artal tad-Duluri, jista' jkun li dak tal-Imġarr hu biċċa minn dan il-korp sħiħ. L-ispekulazzjoni hi li, billi il-Kappillan tas-Siġġiewi kien ukoll Rettur tal-parroċċa tagħna, u billi l-korpsant tas-Siġġiewi għandu rasu tax-xama' seta' kien il-każ li l-kranju li kien konservat fir-relikwarju l-kbir tas-Siġġiewi, inġieb hawn biex ikollna relikwa tal-martri ta' Ruma fir-raħal tagħna wkoll.

Għalkemm l-epoka tad-deheb tal-festi madwar ir-relikwi tal-martri fil-korposanti battiet sew fil-kalendarju liturġiku, ta' min jiftaħ għajnejh sew għal tant u tant martri Nsara ħutna li bħalissa qed jinqatlu bl-iżjed mod vjolenti u atroċi fil-pajjiżi Iżlamiċi, li bla ħniena qed jippersegwitaw lill-komunitajiet f'minoranza tal-Insara. Dawn ukoll huma martri ġodda, li mhumiex magħrufa u li demmhom qed ixarrab it-trab tal-art, kif għamel dak tal-martri li fl-istorja tal-Knisja dejjem kien xhieda ta' fidi sħiħa fi Kristu Ġesù.

**Referenzi**

1 *The Martyrdom of Polycarp* 18. 2-3: trans. fil-*The Fathers*, II:3, editor J.B. Lightfoot-J.R. Harmer, Michael W. Holmes, Grand Rapids/MI 1992.

2 NICOLA TURCHI,*Reliquie,* fl-*Enciclopedia Cattolica*, Città del Vaticano: 1953, 750; ROCCA, *Istruzione Popolari*, 12.

3 ACM, *Misc* 217 f.1ss.

4 JOHN AZZOPARDI, Juan Benegas de Cordoba: l'eremita che trasferì la Grotta di S.Paolo all'Ordine Gerosolimitano, in *The Cult of St Paulin the Christian Churches and the Maltese tradition,* editor Ġwann Azzopardi: PEG Ltd 2006, 173-190.

5 ACM, Misc 216, Inv. 1744; ACM, Misc 217,CEM Inventari 1769 T.1; CEM Inventari 1848-49 T.2.

6 Fid-dokumenti tal-awtentiċità li kienu jakkumpanjaw ir-relikwi wieħed jista' jara l-isem taċ-ċimiterju minn fejn kienu maqlugħa l-għadam tal-qaddisin.

7 ACM, *Misc*. 61.

8 Jeżistu żewġ korpisanti tal-injam mill-isbaħ, wieħed ta' San Kostantinu fil-Bażilika ta' Santa Elena B'Kara, u l-ieħor fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

9 ADC, Documenta Varia, vol.30, ff13.

10 *Ibid*.

11 Il-kelma ostensorju ġejja mill-kelma Latina *ostendere* li tfisser turi/timmanifesta, allura kontenitur li juri sew il-kontenut ta' ġo fih.

# il-Barri
RESTAURANT

Church Square
Mġarr, Malta
Tel: 2157 3235
2157 4054

*Exquisite food in an informal atmosphere*

*Traditional Maltese dishes and fresh fish*

*Speciality of the house: Fenkata*

www.il-barri.com.mt

# Vassallo Self Service

## Variety of Fruit, Veg, Groceries and Delicatessen

Main Street, L-Imġarr, Malta
Tel: 21579357
7905 3790
7961 9291


CREATIVITY DESIGN PRINTING
sharp eye for detail
Żurrieq Road, Qrendi QRD 1814
T: 2168 0789 | 21649012 – M: 9949 9084 | 9925 9084
Email: bestprint@maltanet.net
BEST Print

LJ GATT

FOR HIRE

- MINI DUMPER
- MINI CRANE
- MINI CONCRETE MIXER

Lawrence

Mob: 9949 5753 - 9986 9976



Sunny Bar & Restaurant

Ta' Wistin Imġarr

Maltese Rabbit in Garlic Sauce

*Spacious hall on first floor for hire*

Imġarr Parish Square,
1 Sir Harry Luke Street

**Prop. Wistin Vella: 21 573 705 / 7940 5148**





# Gaia Cauchi: Il-Leħen li Jsaħħar

**Kitba ta' Claudine Muscat**
**B.Ed. (Hons) Science with specialisation in Physics**

Gaia Cauchi - isem li hu familjari magħna lkoll, u li minnufih ifakkarna fit-talent straordinarju li għandha din il-kantanta ċkejkna. Leħen li jsaħħar lil kull min ikollu x-xorti li jismagħha tkanta.



Gaia bdiet tkanta fl-età tenera ta' sentejn. L-ewwel kanzunetta li kantat kienet 'Me and My Teddy' ta' Barney. Meta kibret ftit ieħor, Gaia bdiet tmur għal-lezzjonijiet tal-kant u ħadet sehem f'diversi festivals.

Riċentament, Gaia serqet ix-xena internazzjonali meta fl-2013 bil-kanzunetta "The Start" rebħet il-"Junior Eurovision" u li għal dan l-unur ingħatat rikonoxximent nazzjonali bil-premju ta' "Ġieħ ir-Repubblika".

U dan ma kienx biss l-unika suċċess miksub minn din il-kantanta. Fis-sena 2011 kellha l-opportunità li tieħu sehem fi programm Taljan imxandar fuq l-istazzjon Rai Uno 'Ti Lascio Una Canzone' bi preżentazzjoni ta' Antonella Clerici. Leħinha saħħar lil kull min kellu l-opportunità li jsegwiha. Ingħatat l-opportunità li tkanta bħala solista fuq l-istess programm. Dakinhar Gaia kienet kantat il-kanzunetta 'Proud Mary' ta' Tina Turner.

Kantat ukoll ma' nies famużi, fosthom ma' Alessandra Amoroso, kantanta Taljana li kienet ir-rebbieħa tal-programm 'Amici' fis-sena 2009.

Fis-sena 2012 ġiet magħżula biex tipparteċipa f''Sanremo Junior International' fejn kantant ma' orkestra *live* u saru arranġamenti speċjali għaliha. Il-kompetizzjoni kienet miftuħa għal dawk il-kantanti u mużiċisti li kellhom bejn sitta u ħmistax -il sena.

Interpretat il-kanzunetta 'One Night Only' tal-film 'Dream Girls' u rnexxielha tikklassifika fl-ewwel post mill-kategorija li fiha ppparteċipat. Għal darb'oħra, Gaia ġabet unur mhux għaliha biss, iżda għal pajjiżha wkoll.

Gaia Cauchi wkoll irnexxielha timpressjona lill-ġurija meta ħadet sehem f'kuntest bl-isem ta' "Next Start" fir-Rumanija. F'dan il-kuntest interpretat il-kanzunetta li biha rebħet il-"Junior Eurovision", "The Start.

Bla dubju, Gaia Cauchi rnexxielha tpaxxi l-widna ta' kull min kellu l-opportunità li jismagħha tkanta . Kantanta b'talent kbir li rnexxielha tisraq il-qlub tal-Maltin u ta' kull min sema' biha. F'isem l-Imġarrin nawgurawlha aktar suċċessi fil-karriera tagħha.



*Profil*

# Mro Neville Pace

## A. Mus L.C.M., L.L.C.M., A.L.C.M.

*Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba*



Mro Neville Pace twieled Ħal Qormi fil-31 ta' Diċembru 1979. Sa minn età żgħira ta' għaxar snin beda juri interess fil-mużika. Huwa ħa l-ewwel tagħlim tiegħu fi ħdan il-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Ta' ħdax-il sena ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-istess Banda. Wara kompla javvanza mas-Sur Christopher Michael Camilleri fit-teknika tal-Klarinett biex b'hekk fl-2006 kiseb l-ewwel Diploma tiegħu A.L.C.M. Fl-1998 Mro Pace beda jistudja t-teorija taħt Mro Dominic Darmanin F.L.C.M. u fl-2000 kompla l-istudju tat-teorija taħt it-tmexxija ta' Mro Ray Sciberras, biex b'hekk kompla javvanza fl-istudju tiegħu u dan wasslu biex kiseb diversi ċertifikati minn diversi kulleġġi tal-mużika barranin. Fl-2008 ġie maħtur bħala għalliem tal-istrumenti tal-qasba mall-Banda *Duke of Connaught's Own* ta' Birkirkara fejn kellu ċ-ċans idoqq bħala solista fil-proġramm annwali fl- Università ta' Malta li sar fi Frar tal-2012. Fl-2009 nħatar ukoll Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba mal-Banda Kristu Sultan ta' Raħal Ġdid. Din is-sena Mro Neville Pace ġie maħtur bħala Assistent Surmast u għalliem tal-istrumenti tal-qasba mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Neville kellu l-opportunità li daqq bħala solista ma' diversi baned Maltin. Bħalissa qed ikompli javvanza fl-istudju tiegħu fl-Armonija, Kontrapunt, Orkestrazzjoni, kif ukoll għamel kors fil- kompożizzjoni u strumentazzjoni taħt Mro Ronnie Debattista F.L.C.M., fejn din is-sena kiseb diploma oħra fit-teorija A. ( Mus ) LCM.

Barra minn hekk qed ikompli javvanza fl-istudju tiegħu fil-prattika tal-klarinett taħt is-Sur Godfrey Mifsud fejn fl-2011 kiseb diploma oħra fil-prattika L.L.C.M. Mro Neville Pace jagħmel parti mid- *Denner Clarinet Quartet* taħt it-tmexxija ta' Mro Lino Pirotta F.L.C.M., fejn dan il-kwartett daqq xogħlijiet moderni ta' diversi kompożituri Maltin, fosthom Mro Ray Sciberras, Ruben Zahra, Joseph Vella, Charles Camilleri u ħafna oħrajn.

Mro Neville Pace kkompona diversi marċi brijużi kif ukoll funebri, kompożizzjonijiet għall-banda, bħal *Fanfare* u temi, innijiet popolari għall-banda u għall-orkestra, kif ukoll għamel arranġamenti ta' kanzunetti famużi. Din is-sena kiteb marċ proċessjonali li ser jiżżanżan mill-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija.

Mro Neville Pace ilu jaħdem bħala bandist bil-klarinett mal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta għal dawn l-aħħar ħames snin. Fis-snin 2010, 2012 u 2014 kellu l-opportunità li jitla' l- Ġermanja mal- Banda tal-Forzi Armati ta' Malta fejn din ħadet sehem fil-*Military Tattoos* f'Bremen darbtejn u Munchengladbach fl-2012.

Neville huwa miżżewweġ lil Antonella u għandhom tifel ta' ħames snin li jismu Luca.



# Hector Dalli
# (1914 - 1980)

**Kitba ta'Joe Julian Farrugia**



Hector Dalli

Il-każin tal-banda huwa lok ċentrali tal-belt jew raħal. Fih jiltaqgħu n-nies, jitkellmu, jiddiskutu, jippjanaw attivitajiet lokali, jieħdu grokk jew pinta u r-rota ddur. Ħafna mill-każini ssibhom fil-misraħ ewlieni tal-lokalità u jiffurmaw parti importanti mill-istorja tal-post. Fi żminijiet meta n-nies ma kinitx toħroġ mir-raħal ghalxejn b'xejn, il-każin kien ukoll iċ-ċentru tad-divertiment, edukazzjoni u kultura tar-raħlin. F'ħafna rħula ssib aktar minn każin wieħed. Issib minnhom li jiċċelebraw festi differenti. Issib oħrajn li jiċċelebraw l-istess festa. Sfortunatament, f'ħafna minn dawn il-każi ssib pika li ilha tinħema s-snin. U r-raħlin ikunu ttimbrati. Min ma' każin u min ma' ieħor. Min aħmar, min aħdar u min blu. M'hemmx kompromessi. Diffiċli ssib nies li jkunu għamlu isem ma' żewġ każini opposti. Fir-raħal taż-Żejtun, iżda, l-isem tas-Surmast Hector Dalli ssibu fiż-żewġ każini. Kien surmast tat-tnejn, bħalma kien ukoll missieru.

Hector Dalli twieled fiż-Żejtun fl-14 ta' Ġunju 1914. Kienu ħamest aħwa; erba' subien u tifla, kollha wlied is-Surmast Giuseppe Maria u Evanġelista mwielda Mercieca. Il-bint, Maria, kienet iddoqq il-pjanu, filwaqt li s-subien Giovanni, Oscar u Eddie kienu bħal Hector ilkoll bandisti taħt it-treġija ta' missierhom.

Missierhom kien surmast tal-Banda Beland. Lejn tmiem is-snin għoxrin, imbagħad, meta fl-istess raħal kienet ġiet ffurmata l-Labour Jazz Band, Giuseppe Maria kien wieħed mill-membri fundaturi kif ukoll l-ewwel surmast. Eventwalment din il-Jazz Band baqgħet tiżviluppa f'dik li llum hi magħrufa bħala l-Banda Żejtun. Minħabba dan is-sehem tal-missier fil-Jazz Band, ma setax jonqos li l-ulied ma jimxux warajh u jsiru parti mill-għaqda l-ġdida huma wkoll.



Hector Dalli waqt kunċert mal-Banda Beland taż-Żejtun

Infatti Hector kien ilu mill-età ta' 9 snin idoqq il-flikornu u aktar tard il-kurunetta mal-Banda Beland. Kien idoqq il-pjanu tajjeb ħafna u f'żgħożitu kien il-pjanista residenti fis-sala taċ-ċinema Tal-Laċċi fiż-Żejtun stess, fi żminijiet meta l-films kienu *silent*. Naturalment bhala pjanista, Hector kien ried jaddatta

d-daqq tiegħu skont ix-xejra tal-azzjoni li tkun għaddejja fuq il-liżar.

Hector kien, kif wieħed jistenna, beda l-istudju mużikali tiegħu taħt id-direzzjoni ta' missieru u aktar tard kompla jitħarreġ fl-armonija, il-kontrapunt u l-orkestrazzjoni taħt is-Surmast Casapinta. Fl-1939 għadda mill-eżamijiet tal-London College of Music bid-dritt li wara ismu jibdew jidhru l-ittri A. mus L.C.M.

Meta missieru marad u ħass li ma setax ikompli jmexxi l-Banda Żejtun, kienet għażla naturali li l-bakketta tgħaddi għand Hector, surmast żagħżugħ li mill-ewwel ħadem biex iħajjar aktar żgħażagħ Żwieten biex jitgħallmu l-mużika, isiru bandisti u jgħollu dejjem aktar l-isem tal-banda l-ġdida. Huwa baqa' jokkupa din il-kariga sal-1950. Waqt li kien surmast tal-Banda Żejtun, Hector għamel xi żmien jidderieġi wkoll il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar.

It-Tieni Gwerra Dinjija fixklet ħafna attivitajiet. Il-festi esterni fil-bliet u rħula ma setgħux isiru bħal qabel, iżda meta kienu jsiru d-daqq ħelu tal-banda kien forsi jnessi xi ftit mid-dwejjaq li l-poplu kien għaddej minnu. Hector kien jagħmel parti mid-D.D.B. (Dockyard Defense Battery) u mhux l-ewwel darba li kien jieħu l-*accordion* miegħu x-xogħol u joqgħod idoqq biex iferraħ lil sħabu. Mhux faċli tferraħ lin-nies fi żminijiet meta l-ħin kollu tistenna li ddoqq il-balomba, is-sinjal li jkun ġej il-ħbit mill-ajru u kulħadd jiġri b'li jkollu fuqu lejn ix-xelter.


Hector Dalli waqt serata mtellgħa mill-banda tat-Tarzna

Fl-eqqel tal-Gwerra, waqt l-attakk magħruf fuq l-H.M.S. Illustrious li fih ġarrbet ħafna ħsara l-Kottonera kollha speċjalment l-Isla, Hector kien ġie stazzjonat fuq San Ġwann t'Għuxa, f'nofs il-ħbit. Tant kienu Żwieten fuq il-post dakinhar li meta għadda kollox u bil-għajnuna ta' Alla, ħafna baqgħu ħajjin, kien ġie organizzat pellegrinaġġ ta' ħajr mill-Isla saż-Żejtun.

Iżda l-Gwerra kienet providenzjali wkoll għal Hector. Għax kien propju f'dak iż-żmien li ltaqa' ma' Aida mill-Isla u li aktar tard saret martu. Il-familja ta' Aida kienet fost il-ħafna li telgħu ż-Żejtun mill-Kottonera bħala refuġjati. Miż-żwieġ tagħhom, Hector u Aida kellhom tliet ulied: Olga, Lydia u Renald.

L-ewwel marċ hekk kif intemmet il-Gwerra f'pajjiżna kien propju tal-Banda San Mikiel, il-marċ tat-Te Deum għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Il-marċ kien kif mistenni brijuż aktar mis-soltu, minħabba li sa fl-aħħar il-poplu seta' jiċċelebra mingħajr it-theddida ta' xi attakk. Fih indaqqu ħafna marċi mill-pinna ta' Hector.

Minbarra ż-Żejtun u Ħaż-Żabbar, Hector idderieġa wkoll il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, il-Banda Leone tar-Rabat Għawdex, il-Banda Santa Marija tal-Gudja u ġieli anke l-Banda Queen's Own tal-Isla. Fis-sena 1952 inħatar Surmast Direttur tal-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu, li llum iġġib l-isem ta' San Lawrenz. Bħala impjegat it-Tarzna, post fejn kien hemm il-krema tal-bandisti jaħdmu, Hector kien ukoll is-Surmast tal-Banda f'dik l-intrapriża.

Fis-sena 1955, reġa' lura lejn l-ewwel banda li daqq magħha, il-Banda Beland. Kien siefer is-surmast Baldacchino u s-segretarju Frans Gouder ħajjar lil Hector jerġa' jmur lura. Huwa nħatar Surmast Direttur u hemmhekk kiteb għadd ta' marċi brijużi biex jinġibdu ż-żgħażagħ lejn il-każin, jitgħallmu strument u wara jgħaddihom għall-mużika klassika. Taħt il-bakketta tiegħu, il-Banda Beland daqqet repertorju vast ħafna. Huwa baqa' surmast tal-Beland, kif ukoll tal-Birgu, sa mewtu.

Il-marċi brijużi li ħarġu mill-pinna ta' Hector Dalli huma ħafna. L-ewwel marċ li kien kiteb kien jismu Sweet Dreams. Marċi wkoll magħrufin huma Putatta, Lorenza, Victory, Victorius, Lucia, Cardenia, Anniversary, Lill-Ħbieb, Hecdal, Asswero, Flamingos u Golden Trumpets fost oħrajn. Kiteb ukoll marċi funebri u llum hawn uħud minnhom irrekordjati fuq CD b'kompożizzjonijiet ta' Hector u missieru. Kiteb ukoll poemi sinfoniċi, preludji, sinfoniji u *suites* mużikali. Il-kitbiet tiegħu nsibuhom imxerrda ma' ħafna każini tal-banda ma' Malta kollha. Kemm-il darba kien jikteb u jħallihom hemm. Infatti wara mewtu nstabu ħafna kompożizzjonijiet bil-lapes, mingħajr isem li qatt ma kienu ndaqqew qabel.

Hector ta sehmu mużikali fil-qasam politiku wkoll. Huwa kien responsabbli għall-arranġament tal-Innu tal-Partit Laburista u kkompona l-istess introduzzjoni tiegħu. Kiteb ukoll l-Innu tal-Għaqda Żgħażagħ Soċjalisti fuq kliem ta' Ray Mahoney.

Fil-ħin liberu, Hector kien iħobb jaqra. Kien jippreferi speċjalment il-biografiji. Bħala kompożitur favorit kellu lil Tchaikovsky. Ma kienx bniedem li jipprattika xi sport, iżda meta kien ikun hemm xi attivita` sportiva fuq it-televiżjoni, kien isegwi. Infatti kien bniedem dilettant ħafna tal-iskrin iż-żgħir. Meta kien ikun hemm Sanremo jew xi serata mużikali kien ikun fil-ġenna. Kien iħobb jisma' lil Claudio Villa u lil Caterina Caselli. Kien iħobb ukoll iċ-ċinema u l-artisti favoriti tiegħu kienu Richard Burton u Sophia Loren.

Il-wirt mużikali baqa' għaddej minn ġenerazzjoni għall-oħra. Lydia, bint Hector li llum toqgħod il-Kanada, iddoqq il-vjolin. Bintu l-oħra Olga, residenti wkoll il-Kanada, iddoqq ukoll u binha Reggie huwa vjolinista ewlieni f'waħda mill-orkestri magħrufin f'dak il-pajjiż. Kumbinazzjoni, minbarra n-nannu Hector, in-nannu l-ieħor ta' Reggie huwa l-magħruf Charles Clews, verament neputi kulturali.

Hector Dalli miet fl-1 ta' Novembru 1980 fir-residenza tiegħu f'Raħal Ġdid. Minbarra l-wirt mużikali f'forma ta' kompożizzjonijiet li ħalla lill-kultura Maltija, u l-ħajra mużikali li ħalla fil-familja, ħalla wkoll l-imħabba lejn il-mużika lil għadd ta' żgħażagħ bandisti. Mingħand is-Surmast Hector Dalli ħadu tagħlim eżemplari u gwida tajba għall-ġejjieni, tat-talent artistiku tagħhom.

**DIN HI WAĦDA MILL-BIJOGRAFIJI LI JOE JULIAN FARRUGIA QED IXANDAR FUQ RADJU MALTA 2. MIN JIXTIEQ JISMA' L-PROGRAMMI LI DIĠÀ XXANDRU JISTA' JIDĦOL FUQ https://www.facebook.com/ghamluisem**



# L-Innu Marċ
# Sultana tal-Imġarr
*(Omm il-Banda tagħna)*

**Tagħrif**

Huwa innu li juri l-ħeġġa tal-poplu tal-Imġarr hekk kif tasal il-Festa ta' Santa Marija. Poplu li jinġabar magħqud fil-jum li Marija Mtellgħa s-Sema toħroġ tbierek it-toroq tar-raħal.

Għal dan il-għan hemm il-banda li tferraħ ir-raħlin f'dan il-jum biex dejjem tikber din il-Festa sabiħa, Banda msemmija għall-Patruna.

Il-partitarji mħeġġa jkomplu jseddqu din il-Banda għall-ġid tar-raħal u l-Festa.

Dan l-innu se jiġi mżanżan waqt il-programm vokali u strumentali li l-Banda se ttella' lejlet il-Festa f'Wesgħat il-Ġublew.

**Lirika**

Sebaħ l-isbaħ fost il-jiem sajfin
jum, għalih minn dejjem imħeġġin
l-aktar Ħadd li nistennew f'Awwissu
bih ilkoll kburin…

Qlub iħeġġu bħal nirien
minn kull rokna kullimkien
għax illum Marija Mtellgħa s-Sema
toħroġ tbierek l-Imġarrin.

Doqq, ja banda, l-aktar noti sbieħ
ma' tal-partitarji l-kant ferrieħ
lil Marija, omm ir-raħal tagħna
lilha nagħtu ġieħ…

Kemm fit-toroq u l-każin
ħaġa waħda magħqudin
kollox nagħmlu b'risq il-festa tagħna,
fiha nieħdu sehem bis-sħiħ…

Trio: Marija Mtellgħa fis-Sema
patruna tagħna mas-snin
dil-banda lilek waqqafna
qawwija fit-twemmin…
għax int it-tama ta' qalbna
din l-għaqda kollha għalik,

Sultana tal-Imġarr, Marija omm il-banda tagħna.

**Marija bierek dil-banda**
**imħeġġa b'tant interess**
**li bdiet minn ħolma żagħżugħa**
**u laħqet is-suċċess…**
**Se nibqgħu dejjem fil-ħidma**
**biex ismek inkabbruh**
**Sultana tal-Imġarr, Marija omm il-banda tagħna.**

### L-Awtur – Joe Julian Farrugia



Joe Julian Farrugia huwa kittieb, xandar u awtur tal-lirika li beda jippubblika xogħlijiet minn tiegħu fis-snin disgħin. Beda jieħu sehem fil-festivals nazzjonali ta' pajjiżna b'mod regolari. Fl-1999 kellu kanzunetta magħżula mill-American Airlines biex tindaqq kull meta tintalab diska minn Malta fuq l-ajruplani tagħhom. Fost oħrajn rebaħ il-Premju tal-Aħjar Awtur fl-Għanja tal-Poplu 1999, il-Konkors Kanzunetta Indipendenza fis-sena 2005, u l-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija 2013. Mill-festivals internazzjonali li ħa sehem fihom, rebaħ darbtejn il-Festival Internazzjonali Discovery, li jsir fil-Bulgarija, u l-Festival Ti Amo tar-Rumanija ħames darbiet. Kiteb xogħlijiet għall-palk fosthom *musicals* u l-pantomima bil-Malti tal-Milied 3 darbiet. Kiteb ukoll għadd ta' drama għat-televiżjoni fosthom "Simpatiċi" u "Il-Prinċipal". Ipproduċa, idderieġa u kiteb programmi televiżivi, kien *producer* tal-programm "Bijografiji", parti mit-tim ta' produzzjoni ta' Xarabank, u llum huwa xandar fuq ir-radju.



### Kompożizzjoni

Dan l-Innu Marċ ġie miktub apposta għal din il-Banda, Marija Imtellgħa s-Sema, Mġarr, u ser jindaqq l-ewwel darba fil-programm ta' lejlet il-Festa. Għandu mużika tas-Surmast Direttur, Tancred Grech stess, u kliem ta' Joe Julian Farrugia. Il-kantanta hija l-brava, Amber Bondin.



L-Innu Marċ għandu introduzzjoni ta' tmintax-il battuta, li jiftħu b'fanfara fuq il-kurunetti, u aktar tard jingħaqdu magħhom il-kumplament tal-istrumenti l-oħra. Wara

t-tmiem ta' din il-fanfara, issegwi melodija aktar trankwilla, li tiftaħ it-triq biex il-kantanta tinterpreta l-versi ta' dan l-Innu Marċ. Il-melodija mhux qiegħda biss fuq il-kantanta, iżda qiegħda wkoll fuq l-istrumenti tal-qasba, biex b'hekk toħroġ aktar it-tema tiegħu.

Wara din it-tema, tinstema' silta fuq l-istrumenti tar-ramm, li tindaqq mill-Banda biss, u dan iwassal għat-trio, li huwa l-qofol tal-Innu kollu. Il-Banda terġa' tikkwieta, fejn it-trio jiftaħ bi tliet battuti li fihom l-istess ritmu fuq l-istrumenti kollha involuti. Għal darb'oħra mbagħad terġa' tidħol il-kantanta tkanta t-tema tat-trio.

Dan l-Innu jagħlaq b'*coda*, fejn terġa' tinstema' l-fanfara tal-bidu, iżda bid-differenza li din id-darba tindaqq mill-istrumenti kollha, biex b'hekk jagħlaq b'mod grandjuż.




**L-Innu Marċ Sultana tal-Imġarr**

## Il-Kompożitur – Mro Tancred Grech FLCM, B.A(Hons) Music, PGCE



Tancred Grech, bandist minn Naxxar, beda l-istudji tal-ewfonju ta' disa' snin, mal-Banda Peace taħt Mro Lawrence Bonnici u ħareġ idoqq magħha għall-ewwel darba meta kellu tlettax-il sena. Wara, kompla ma' Dr. Philip Ciantar li ppreparah għall-eżamijiet tal-Victoria College. Aktar tard, kompla jistudja taħt Mro Paul Borg, li flimkien ma' Mro Lawrence Borg ippreparah għad-Diplomi ta' ALCM u tal-Liċenzjat ta' London College of Music (LLCM). Huwa ħa wkoll lezzjonijiet tal-armonija u orkestrazzjoni mis-Surmast Ray Sciberras. Aktar tard kompla l-istudji tiegħu fil-mużikoloġija fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa B.A. (Hons) fil-mużika fl-2007, u sena wara ħa l-PGCE

Diploma. Reċentament, Tancred Grech kiseb ukoll l-FLCM fuq l-ewfonju.

Huwa kellu wkoll l-opportunità li jattendi diversi Master Classes fosthom mat-trombunista Ian S. Davies u mal-ewfonista internazzjonali Steven Mead.

Fl-1996 iddebutta bħala solista mal-Banda Peace. Minn hemm baqa' jdoqq ma' diversi gruppi u ħa sehem f'diversi kunċerti u *musicals* ma' baned u gruppi differenti, bosta drabi bħala solist. Mro Grech kien ukoll mistieden idoqq ma' baned barranin li taw kunċerti f'pajjiżna.

Mro Grech huwa Assistent Direttur tal-Banda Peace fejn jgħallem ukoll is-sezzjoni tar-ram. Huwa għandu f'idejh ukoll il-Peace Brass Ensemble. Fl-2007 ħa l-kariga ta' Assistent Direttur u għalliem tar-ram mal-Banda Beland taż-Żejtun u fl-2011 beda jgħallem is-sezzjoni tar-ram mal-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli. Fl-2012 ħa l-kariga ta' Assistent Direttur u għalliem tar-ram mas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema fl-Imġarr, u fl-2014 laħaq is-Surmast Direttur tal-istess Banda.

Huwa għalliem tal-ICT fi Stella Maris College, il-Gżira. Mro Grech huwa miżżewweġ lil Katya Deguara u għandhom żewġt itfal Matthias u Ema.





Horace Spiteri
Tan-Newwes
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta jew ta' Barra • Fjuri • Reffija • Permessi
• Karozzi tal-Mejtin • Karozzi Privati • Xandir fuq ir-Radju • Santi • Defina
u dak kollu li ghandhom x'jaqsmu mal-Funerali.
Prezzijiet Moderati
24 Siegha Servizz
'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele. Żejtun
Mobile: 9949 8829 • Tel: 2169 4212 / 2169 3247


Parlux®
THE HAIR CHOICE
Parlux 385 LIGHT
NEW PARLUX 385
VERY POWERFUL
VERY LIGHT
eco friendly
MADE IN ITALY
PROFESSIONAL USE ONLY
Official Distribution for Parlux: Noriva Ltd tel: 21413112, 21313909, 21237351
email: info@noriva.com.mt web: www.noriva.com.mt
All ORIGINAL Parlux appliance are supplied with a British Plug.

# Mario Sammut

Kunsillier / L-Imġarr



jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha

79289301 | msam0019@gmail.com


BBQ
BUFFET NIGHT
JOIN US EVERY FRIDAY FROM 19.00HRS
AT LES JARDINS TERRACE & GARDEN POOL
€17.50
PER ADULT
€8.75
PER CHILD
(06 – 12 years)
INCLUDING LIVE ENTERTAINMENT
GROUP PACKAGES ALSO AVAILABLE
For further information contact
us on 2152 0923 or info@maritim.com.mt
www.maritim.com.mt
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

PIZZERIA
al Ponte
BISTRO

*Pasta, Pizza, Grills & More...*

*Special offers on Group Bookings and other events such as Graduation, Confirmation & Birthdays.*

For further information contact us:

**Tel** - (00356) 2289 2745
**Email** - events@maritim.com.mt
www.Facebook.com/al.Ponte.pizzeria







# A NEW ADDRESS FOR DESIGN & STYLE

MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE | QUARTZITE

Showroom: The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta Tel: +356 21 433636 Fax: +356 21 412499 E-mail: info@halmannvella.com

Halmann VELLA®

www.halmannvella.com

Is-Segretarju Parlamentari Ian Borg
jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.



# GAUCI & FORMOSA

## Marble, Granite & Quartz Works







We specialize in
Staircases,
Kitchen Tops,
Vanity units,
Fireplaces, Floors,
Façades, Monuments,
Sculptures, Statues,
Memorials
and more.

16 Triq tas-Sriedak
Limiti tal-Mosta

79707643 – 99443863

# L-Onor. Dr Godfrey Farrugia jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha



Tel Klinika: 9949 5486 / 2146 5359
Tel / SMS Kostitwenza: 7996 0808
Email: farrugiagodfrey@gmail.com


Fida Feeds
A Guarantee of Nutrition & Well-Being
Horse, Pig, Sheep
Layers, Dog Food
& a wide range of
Rabbit feeds
MANGIMI
LEONE
Indri Psaila street,Handaq, Qormi QRM 4000
Tel +356 21494694 Fax +356 21441799 Mobile +356 79797757
Email info@fidafeeds.com Web www.fidafeeds.com


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!


TFLL
HIRE OF TOWER LADDERS
BEST PRICES ON THE ISLAND
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
BEDFORD



“Il-festa t-tajba”
DAVID VASSALLO PERIT
KANDIDAT GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI
9943 6306
perit.davidvassallo@gmail.com




Pullicin Skip Hire
99427324
99477324
We are a Skip Hire, Mini Skip Hire & Commercial Waste Disposal Company.
Mini Skip Hire, Waste Disposal, Rubbish Removal
Service & Commercial Waste Disposal
Bargain Prices guaranteed!
PULLICIN

CAVETT PLACE

Premium Quality

WE CATER FOR HENS, BACHELORS, STAFF PARTIES, REUNIONS AND OTHER OCCASIONS

79441327



**MENU**

APPETIZERS

FTIRA BIŻ-ŻEJT

PLATTER

(BIGILLA, SALAMI, FETA CHEESE, STUFFED OLIVES, QOFFA GALLETTI)

SPICY CHICKEN WINGS

LIVER IN GRAVY

**MAIN**

SUCKLING PIG €14

RIBEYE €17.50

SPARE RIBS €15

CHICKEN BREAST €12

PORK BELLY (STUFFED) €15.50

(GAMMON, SAUSAGE MEAT, PRUNA)

MALTESE RABBIT €10

2 PIECES OF PORK NECK €12

FRESH FISH €16

KING PRAWNS €16

ALL DISHES SERVED WITH POTATO WEDGES

MEDITERRANEAN ROASTED VEG & FRESH GREEN SALAD

**DESSERT**

ĦELWA TAT-TORK

BETTIEĦ

BIRTHDAY CAKES OR ANY OCCASION ON ORDER

(IT'S ON THE HOUSE)

CAR LOAN SPECIAL OFFER

# NEMMEN LI NISTA' NIBDEL IL-ĦOLM TIEGĦI F'REALTÀ




- Rata eċċellenti
- Pagamenti mensili aktar favorevoli
- Protezzjoni fuq is-self

Banif Bank (Malta) plc

BALLUT BLOCKS

Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572888, 21576419, 21487739
Fax: (356) 21575582 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.




GPC Concrete Solutions

General Precast Concrete Ltd. Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21650902, (356) 21650006 Fax: (356) 21652539 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com


SCS
Sammut Concrete Supplies
READY MIXED CONCRETE,
BRICKS MANUFACTURING,
CONCRETE PUMP HIRE,
&,
PROPERTY NEGOTIATION.
CIFA
MARSASKALA
4TH FLOOR 3 BEDROOM APARTMENT
FULLY FINISHED WITH EXTRA ORDINARY SEA VIEWS.
AT ONLY LM 79,000
GROUND FLOOR 2 BEDROOM MAISONETTE –
SHELL FORM, IN QUITE PART OF B'KARA
AT ONLY LM 47,000
BIRKIRKARA
QAWRA
3RD FLOOR 3 BEDROOM APARTMENTS –
FULLY FINISHED, JUST OFF TRIQ IT TURISTI.
STARTING AT ONLY LM 70,000
WIED IL– GHASEL, BURMARRAD,
L/O NAXXAR — MALTA.
Phone: 21 575 680, Mob: 9949 2755, Fax: 21 423 595
E-Mail : matsam@keyworld.net
FOR MORE INFORMATION REGARDING YOUR PROPERTY NEEDS CONTACT US ON : 79492755 / 70002755

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema",
tal-Imġarr
jixtiequ jawguraw

# il-Festa t-Tajba

lill-poplu kollu

# tal-Imġarr


A CUT ABOVE THE REST!
We specialise in all kinds of young, tender beef cuts
& a wide range of marinated chicken & meat products
Also available daily fresh meat & poultry products at reduced prices. So its certainly worth the drive!
• Ideal for BBQ's and parties • Deliveries all over Malta
• FREE delivery or FREE pork liver with every €40.00
• You can order online on: www.snowwhite.com.mt
Snow White
QUALITY MEAT & POULTRY MARKET
Snow White Meat & Poultry Market,
Zebbiegh Road, Mgarr
(next door to Ta' Soldi Restaurant)
T: 21 575 346 M: 99 475 131
E: snowhite@maltanet.net
Opening hours: Mon to Fri: 7.30am - 6.30pm, Sat: 7.30am - 1.00pm


RFL
TOWING SERVICE
24-hour service
Mob: 99579240
99451593
Email: rflt@go.net.mt
www.rfltowingmalta.com

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com



# Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery

**Kitba ta' Mario Sammut**

L-iskop tal-ħidma tan-Nursery mhux biss li t-tfal jitgħallmu l-logħba tal-futbol iżda wkoll li jiġu edukati bi preparazzjoni għall-futur tagħhom, u dawk li jattendu jieħdu pjaċir iqattgħu ftit ħin flimkien. It-tfal li jattendu n-Nursery tal-Imġarr għandhom fost l-aqwa faċilitajiet f'Malta, u l-*coaches* u l-istaff huma kwalifikati u mħarrġa fl-irwol taghhom. Infatti meta fil-bidu tal-istaġun napplikaw għal-liċenzja ta' Football Nursery, il-Malta Football Association tagħti lin-Nursery tagħna l-liċenzja Kategorija A minħabba li hija f'konformità mar-regoli u r-rekwiżiti kollha tar-'*Regulations for the Licensing of Football Nurseries'*.




It-tfal tal-*Under* 7 kienu mmexxija tajjeb ħafna, u b'dedikazzjoni u paċenzja kbira, mill-*coaches* u l-*helpers* tagħhom, John Role, Mary Muscat u Malcolm Bartolo, u sar progress tajjeb fost it-tfal. Ħadu sehem f'diversi *friendlies* u festivals ma' timijiet oħra, u marru tajjeb ħafna.

L-iskwadra tal-*Under* 9, kienet immexxija mill-*coach* Patrick Ebejer u kellna numru sabiħ ħafna ta' tfal li baqa' jiżdied matul l-istaġun, tant li ħafna drabi kellna anke naqsmu l-iskwadra. Bla dubju dan kien grupp li kellu staġun tajjeb u b'riżultati tajbin ħafna.

L-*Under* 11 immexxija mill-*coach*es Edison Sapiano u Claude Ebejer, ipparteċipaw f'logħob organizzat mill-Youth FA u kellhom riżultati tajbin anke fil-logħbiet *friendlies* u festivals oħra li pparteċipaw fihom.

It-tfal tal-*Under* 13 kienu mmexxija minn Glen Debono u Ryan Vella u pparteċipaw f'logħob organizzat mill-Youth FA, u kellhom riżultati sodisfaċenti, anke fil-logħbiet *friendlies* u festivals oħra li pparteċipaw fihom.

L-iskwadra tal-*Under* 15 kienet immexxija tajjeb ħafna mill-*coaches* Mark Consiglio u Sunny Micallef. Dawn rebħu l-*league* mingħajr ma tilfu l-ebda punt, iżda għalkemm ma tlifniex logħba, ma rnexxilniex nagħmluha għal diviżjoni għola. Żgur li waħda mill-aqwa skwadri u marru tajjeb ħafna.



Wara bidu inċert mill-iskwadra tal-*Under* 17, it-tim issetilja u taħt it-tmexxija tal-*coach* Chokri Trabelsi marru tajjeb ħafna. Fil-fatt spiċċaw il-*league* jiġġieldu għall-għola pożizzjonijiet tal-klassifika. Nawgura u nispera li dawn il-plejers ikomplu l-karriera tagħhom mat-timijiet tal-*Minors* u mas-*Seniors* ta' Mġarr United FC.

Waħda mill-attivitajiet ewlenin li kellna b'suċċess kienet il-Maratona ta' 30 Siegħa ta'

Futbol li saret bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru li għadda. F'din il-Maratona qbiżna r-rekord tas-sena ta' qabel, u ngabru 2,700 Ewro li minnhom 1,200 Ewro marru għall-Malta Community Chest Fund, u konna fost l-iżjed *nurseries* li ġabru flus.

Fi Frar kellna attività speċjali bl-isem *Under 11 Event*, li kienet l-ewwel attività tat-tip tagħha, minħabba li ma kinitx tikkonċerna l-futbol biss, iżda l-isports, il-kultura u l-edukazzjoni flimkien, fejn ipparteċipaw tfal minn 8 *nurseries* oħra.

F'April kellna t-tnax-il edizzjoni tal-Joelan Memorial Festival li din is-sena sar għall-*Under* 9 u *Under* 11, u li fih ipparteċipaw 10 timijiet fosthom tnejn tagħna tal-Imġarr. Fil-kategorija tal-*Under* 9 ġejna t-tieni u fil-kategorija tal-*Under*11 ġejna l-ewwel. Kollox mar sew u t-timijiet kollha ħadu pjaċir jilagħbu f'atmosfera ta' ħbieb.

F'Mejju saret il-Penalty Shoot Out li għaliha kellna konkorrenza tajba ħafna fejn kull plejer ta 15-il *penalty* u ttieħdu l-punti tal-aħjar 12-il *penalty*.

Bejn il-5 u t-8 ta' Ġunju pparteċipajna bl-iskwadra tal-*Under* 17 f'*tournament* f'Morbach, fil-Ġermanja, bl-isem ta' International A-Youth Soccer Tournament (JUWI CUP). SV Morbach Football Club ospitawna huma u ħadu ħsieb kollox għalina inkluż it-trasport u l-ikel, u għalhekk it-tfal tal-Imġarr Youth Nursery ma ħallsu xejn għajr it-titjiriet tal-ajru. Għalkemm it-timijiet l-oħra kienu ta' livell għoli ħafna, ġibna riżultati sodisfaċenti. It-*tournament* kien organizzat b'serjetà kbira u t-tfal kollha ħadu gost ħafna.

Għalaqna l-istaġun bil-Presentation Night, li saret fl-27 ta' Ġunju, fl-Iskola tal-Imġarr fejn kellna attendenza tajba ħafna, għal liema attività kellna anke lil Gaia Cauchi bħala mistiedna speċjali, fejn it-tfal tan-Nursery u dawk preżenti kellhom l-opportunità li jiltaqgħu magħha wkoll. Ġew premjati t-tfal kollha, il-plejers li rebħu fil-Penalty Shoot Out u unuri oħra, u ġiet rikonoxxuta l-ħidma tal-*coaches, assistant coaches* u *helpers*.

Barra l-attivitajiet ewlenin li semmejt f'dan l-artiklu, kienet sena impenjattiva ħafna iżda sodisfatti għax dak ix-xogħol issarraf f'riżultati tajbin fit-tfal tagħna – riżultati tajbin mhux biss fil-futbol u fil-*leagues,* iżda fil-karattru tat-tfal, fid-dixxiplina, fir-rispett u fil-kapaċitajiet ta' *teamwork* u spirtu sportiv.

Issa li wasal staġun ieħor irridu nkomplu din il-ħidma, u għalhekk bdejna nirreġistraw it-tfal għall-istaġun 2014/2015. Dawn ir-reġistrazzjonijiet huma miftuħa għat-tfal kollha li twieldu bejn is-sena 1998 u 2010. **Dawk li jixtiequ jiktbu lit-tfal tagħhom jistgħu jakkwistaw formola ta' reġistrazzjoni mill-Club tan-Nursery mit-Tnejn sas-Sibt mill-5pm 'il quddiem, jew iċemplu fuq 99491017 għal iżjed informazzjoni fuq in-Nursery.**

Nawguraw kull suċċess lill-Club u n-Nursery tal-Imġarr, kif ukoll lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema u lil min imexxiha.

Nawguraw il-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha!

L-Imġarr Youth Nursery qegħda tilqa' tfal li twieldu bejn is-sena 1998 u 2010

**IMĠARR YOUTH NURSERY**
Triq il-Plejju, Imġarr MĠR 2350 Malta
Tel: 21574209, 99491017
Website: www.mgarrutd.com
Email: nursery@mgarrutd.com

Ħidma ***mat-tfal f'ambjent nadif, b'attenzjoni u għożża kbira.***


YOUR PROFESSIONAL DRY CLEANING PARTNER
It's easier than ever to give your garments a SWAN quality clean.
All you have to do is call or email us and we will offer a
free of charge collection and delivery.
SWAN
Call 22 48 22 00
Email: dryclean@swanlaundry.com.mt
SWAN


care
Cuts
UNISEX SALON
'Arc En Ciel', Triq l-Imqades, Mgarr
tel : 21574552



# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


Abela Grocery ........ 88
Accounts Private Tuition ........ 48
Agius Agricultural Trading Ltd ... 32
Antoine Borg ........ 136
Automax Panel Beating and Spray Painting ........ 136
B. Grima & Sons Ltd ........ 26
Ballut Blocks ........ 175
Ballut Farm ........ 135
Banif Bank ........ 174
Beauty by Mary Grace ........ 48
Best Print Co. Ltd ........ 150
Bibas ........ 36
Blaugrana Ceramics ........ 135
Blink by Ann Marie ........ 36
BOV ........ 129
C Gatt Midland Steel Works ........ 18
Care Cuts Unisex Salon ........ 183
Cavett Place ........ 173
Charms Pet Grooming ........ 144
Ciapella Garage ........ 50
David Agius ........ 66
David Woodworks ........ 88
Debono Car Centre ........ 134
Desana Granite & Marble Works ........ 133
DineWest ........ 96
DOM Book Distributors ........ 133
Dr Gavin Gulia ........ 132
Dr Tony Abela ........ 2
Eclipse Stationery ........ 48
Elio Fenech ........ 134
Eman Camilleri ........ 129
Fida Feeds ........ 170
Framegrip Ltd ........ 14
GasanMamo Insurance ........ 43
Gauci & Formosa Marble, Granite & Quartz Works ........ 168
Giovanni Gatt ........ 31
Gormina Bakery & Confectionery ........ 132
Hair-a-Holic ........ 131
Halmann Vella ........ 166
Horace Enterprises Ltd ........ 96
Horace Spiteri Tan-Newwes ........ 161
HSBC ........ 11
Il-Barri Restaurant ........ 149
J & J Gauci Granite Ltd ........ 92
J. Bonavia & Nephews Ltd ........ 131
J. Micallef Service Station ........ 22
J.J. Ironmongery ........ 95
James Debono Floor Polisher ........ 81
James Falzon (Junior) ........ 36
Jardinland Agriproducts Ltd ........ 23
Jimmy Vassallo ........ 92
JJC Construction Services Ltd ........ outside back
Joe Cassar ........ 93
Joe Falzon Undertaker ........ 137
John Bray & Son Funeral Directors ........ 94
Karmenu Mifsud Funeral Service ........ 94
Kunsillier Clayton Gauci ........ 179
Kunsillier Mario Sammut ........ 163
L & R Excavations ........ 36
LJ Gatt ........ 151
Manuel Bezzina Co Ltd ........ 91
Mario Calleja Crane Services ........ 16
Maritim Antonine Hotel & Spa ........ 164
Marlene's Daily Fresh Fish ........ 93
Martin Grima Ltd ........ 137
Mġarr Snack Bar ........ 16
Mġarr y.n.f.c. ........ 100
Mġarr Youth Nursery ........ 181
Micallef Joe Travel Agency ........ 16
Michael Galea & Sons Ltd ........ 160
Modern Butcher ........ 49
Muscat Pool Construction ........ 3
Music Link ........ 138
Nails by Alison ........ 49
Nenu The Artisan Baker ........ 91
NM Excavations ........ 90
Noriva Ltd ........ 162
Old Trafford Garage ........ 90
Onor. Dr Godfrey Farrugia ........ 169
Onor. Tony Agius Decelis ........ 113
P & C Cauchi ........ 86
P & C Galea ........ 100
Paper Dolls Boutique & Shoes ........ 101
Perit David Vassallo ........ 172
Pet Station Pet Shop ........ 26
Ph. Borg Ltd ........ 86
Pit Stop Take Away ........ 49
Pizzeria al Ponte Bistro ........ 165
Pullicin Skip Hire ........ 172
Pure Detergents and more… ........ 27
Raymond Muscat Photography ........ 143
RFL Towing Service ........ 178
RPJ ........ 20
Sammut Concrete Supplies ........ 176
Sandro Craus ........ 89
Saviour Bugeja Tile Layer ........ 101
Segretarju Parlamentari Ian Borg ........ 167
Shamba Fresh Fruit & Vegetables ........ 49
Snow White Meat & Poultry Market ........ 178
Sogno Bagno ........ 113
Stitch by Stitch ........ 13
Sunny Bar & Restaurant ........ 151
Sunripe ........ 116
Sur Giovanni Gatt ........ 19
Swan Laundry Dry Cleaning ........ 182
Ta' Falzon Landrovers Ltd ........ 171
Ta' L-Ingliż Fenkata Restaurant ........ 32
Ta' Soldi Pizzeria & Take Away ........ 95
Ta' Soldi Restaurant ........ 141
Taċ-Ċanti Bar & Restaurant ........ 32
Tal-Majjistra Eat House ........ inside back
Tal-Plitt Ħaxix u Frott Frisk ........ 142
Tal-Vaxxel ........ inside front
The Professionals ........ 139
Tomabnina Wine Room ........ 145
United Bar & Restaurant ........ 4
Upward Door Systems Ltd (UDS) ........ 139
Usasfuso ........ 27
V & A Detergent Shop ........ 29
V & C Contractors Ltd ........ 130
Vassallo Self Service ........ 149
Vella Mechanical Services ........ 30
Vella Wholesalers ........ 23
VZ Lines Ltd ........ 140
Winner's Circle ........ 17
Zebra Tanks ........ 14